

Il-Ġurnal Uffiċjali L 332

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 62

23 ta' Diċembru 2019

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2200 tal-10 ta' Lulju 2019 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral** 1
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2201 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-għeluq f'ħin reali għas-sajd tal-gamblu tat-Tramuntana fl-Iskagerrak** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2202 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti "Olio di Puglia" (IĠP)** 12
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2203 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti "Sneem Black Pudding" (IĠP)** 13
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2204 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jirreġistra isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Κραστόρι Κο" (Krasotiri Ko)/"Τυρί της Πόσσιας" (Tiri tis Possias) (IĠP))** 14
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni Tal-Kummissjoni (UE) 2019/2205 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Κριτσά" (Kritsa) (IĠP))** 15

DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni (UE, Euratom) 2019/2206 tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2019 li taħtar l-Ombudsman Ewropew** 16

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2207 tal-5 ta' Diċembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Protokoll Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku 17
- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2208 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minnaħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva 19
- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2019/2209 tas-16 ta' Diċembru 2019 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill 152
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2210 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud 155
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2211 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2031 li tiddetermina, għal perjodu ta' żmien limitat, li l-qafas regolatorju applikabbli għal kontropartijiet ċentrali fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa ekwivalenti, skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ 157
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2212 tal-20 ta' Diċembru 2019 dwar proġett pilota biex jiġu implimentati ċerti dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ⁽¹⁾ 159
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2213 tal-20 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi u operattivi għall-funzjonament tal-bażi ta' *data* elettronika stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti komunikazzjonijiet skont dak ir-Regolament ⁽¹⁾ 163
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2214 tal-20 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2007/25/KE fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' ħarsien relatati mal-influenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja u l-movimenti ta' għasafar domestiċi li huma akkumpanjati mis-sid tagħhom fil-Komunità, fir-rigward tal-perjodu tagħha ta' applikazzjoni (*notifikata bid-dokument C(2019) 9428*) ⁽¹⁾ 166
- ★ Deċiżjoni (UE) 2019/2215 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/35) ... 168
- ★ Deċiżjoni (UE) 2019/2216 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/298 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/36) 183

LINJI GWIDA

- ★ Linja Gwida (UE) 2019/2217 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2016/2249 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (BĊE/2019/34) 184

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2200

tal-10 ta' Lulju 2019

li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex ikun protett it-tonn li għadu qed jikber, il-paragrafu 34 tar-Rakkomandazzjoni 18-02 tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) jipprevedi daqs minimu għat-tonn li jinqabad fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran. Il-qabdiet u l-qabdiet inċidentali ta' tonn li jkun iżgħar minn dan id-daqs minimu, inkluż dak li jinqabad minn opri tal-baħar tas-sajd sportiv u rikreattiv, ma għandhomx jinżammu abbord il-bastiment tas-sajd ikkonċernat, jiġu ttrasbordati, trasportati, jinħażnu, jinħattu l-art, jinbiegħu, jintwerew jew jiġu offruti għall-bejgħ.
- (2) Barra minn hekk, skont il-paragrafu 37 tar-Rakkomandazzjoni 18-02, il-bastimenti li jkun qed jistadu għat-tonn huma meħtieġa jiskartaw il-qabdiet inċidentali tat-tonn li jkun iżgħar mid-daqs minimu li jaqbżu l-5 % tal-qabda totali tat-tonn tagħhom.
- (3) Il-paragrafu 40 tar-Rakkomandazzjoni 18-02 jistipula li l-opri tal-baħar tas-sajd sportiv u rikreattiv ikunu pprojbiti milli jaqbd, iżommu abbord, jittrasbordaw, jew iħottu l-art iktar minn tonna waħda kuljum għal kull bastiment. Għandhom jiġu stabbiliti l-miżuri meħtieġa li jiżguraw, kemm hu possibbli, ir-rilaxx tat-tonn li jinqabad waqt is-sajd sportiv jew rikreattiv, speċjalment it-tonn li għadu qed jikber.
- (4) Il-paragrafu 38 tar-Rakkomandazzjoni 18-02 jistipula li l-bastimenti li ma jkunux awtorizzati jistadu b'mod attiv għat-tonn jistgħu jżommu abbord qabdiet tat-tonn limitu li ma jaqbżux il-livell massimu ta' qbid inċidentali għal kull bastiment u għal kull operazzjoni tas-sajd. Dan il-limitu tal-qbid inċidentali jeħtieġ li ma jaqbiżx l-20 % tal-qabdiet totali. Jeħtieġ li l-Istati Membri jispeċifikaw dan il-limitu fil-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom.
- (5) Biex tkun żgurata l-konsistenza bejn ir-Rakkomandazzjoni 18-02 u l-liġi tal-UE, jenħtieġ li ma japplikax l-obbligu ta' ħatt l-art fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-bastimenti tal-Unjoni li jistadu għat-tonn.
- (6) Jenħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98⁽²⁾ biex jinkludi dispożizzjonijiet ġodda li jirriflettu l-kundizzjonijiet għas-sajd stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 18-02 tal-ICCAT.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 16, 23.1.2015, p. 23).

- (7) Ir-Rakkomandazzjoni 18-02 tibda tapplika mill-21 ta' Ġunju 2019. Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-istess jum, b'hekk il-bastimenti jkunu jistgħu jistadu bl-istess kondizzjonijiet bħal tal-partijiet kontraenti l-oħrajn tal-ICCAT,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

- (1) L-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 huwa emendat kif ġej:

- (a) Il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej

“6 . B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-bastimenti tas-sajd li ma jkunux qegħdin attivament jistadu għat-tonn ma għandhomx iżommu abbord it-tonn li jkun hemm iktar mill-20 % tal-piż, jew minn 20 % tal-għadd ta' ħutiet, tal-qabda totali. Il-livell ta' qabdiet incidentalni tat-tonn awtorizzati għandhom jiġu speċifikati mill-Istati Membri fil-pjan annwali tas-sajd msemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u ma għandu qatt jaqbeż dak il-perċentwal. Il-kalkolu bbażat fuq l-għadd ta' ħutiet għandu japplika biss għat-tonn u għall-ispeċijiet li jixbhu t-tonn li tiġġestixxi l-ICCAT.

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).”

- (b) Il-paragrafi 8 u 9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“8. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fis-sajd rikreattiv għandhom ikunu pprojbiti l-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew il-ħatt l-art ta' aktar minn tonna waħda kull bastiment kuljum. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw u jiffaċilitaw ir-rilaxx tat-tonn li jinqabad ħaj waqt is-sajd rikreattiv.

9. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fil-każ tas-sajd sportiv għandhom ikunu pprojbiti l-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew il-ħatt l-art ta' aktar minn tonna waħda għal kull bastiment kuljum. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw u jiffaċilitaw ir-rilaxx tat-tonn li jinqabad ħaj waqt is-sajd sportiv.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-21 ta' Ġunju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2201**tal-1 ta' Ottubru 2019****li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-għeluq f'ħin reali għas-sajd tal-gamblu tat-Tramuntana fl-Iskagerrak**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Awwissu 2019 daħal fis-seħħ Regolament (UE) 2019/1241 ġdid dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi. Dan jistabbilixxi fl-Anness V dispożizzjonijiet speċifiċi dwar miżuri tekniċi stabbiliti fil-livell reġjonali għall-Baħar tat-Tramuntana, għall-Iskagerrak u għall-Kattegat, li jinkludu wkoll regoli dwar id-daqsijiet tal-malji, il-kundizzjonijiet assoċjati u l-qabdiet inċidentali. L-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi tar-Regolament (UE) 2019/1241, inkluż għall-iskop ta' żoni li jingħalqu f'ħin reali u dispożizzjonijiet dwar meta ż-żona tinbidel.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi l-qafas ta' miżuri tekniċi li jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-ksib tal-oġettivi tal-PKS li s-sajd isir fl-livelli ta' rendiment massimu sostenibbli, li jonqsu l-qabdiet mhux mixtieqa u li jiġi eliminat l-iskartar tal-ħut, u li jikkontribwixxu għall-ksib ta' status ambjentali tajjeb kif stabbilit fid-Direttiva 2008/56/KE⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li t-tali miżuri tekniċi jikkontribwixxu speċifikament għall-protezzjoni tal-frieħ u l-ġlejjeb ta' speċijiet tal-baħar bl-użu ta' rkaptu tas-sajd selettiv u ta' miżuri biex jiġu evitati l-qabdiet mhux mixtieqa.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 ma jipprevedix miżuri tranżizzjonali. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-kompatibilità bejn dan ir-Regolament Delegat, u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2010⁽³⁾ u r-Regolament (UE) 2019/1241 li ħassar fit-taqsim 3 tat-Titolu IV tal-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009⁽⁴⁾, jeħtieġ li jiġu applikati l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1241, filwaqt li fl-istess ħin jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali involuti.
- (4) Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta⁽⁵⁾ b'mod pożittiv l-informazzjoni mogħtija mill-grupp reġjonali b'appoġġ għall-miżuri tekniċi inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta. Din ir-rakkomandazzjoni konġunta ġiet żviluppata u ppreżentata mill-Istati Membri u vvalutata mill-STECF qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/1241 u għalhekk ma rreferietx għal dak ir-Regolament. Madankollu, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tqis li fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli f'dan l-istadju fir-rakkomandazzjoni konġunta u fil-valutazzjoni tal-STECF, ma jidher ebda element li jindika li l-miżuri tekniċi addizzjonali proposti ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti għall-miżuri tekniċi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

⁽¹⁾ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2010 tat-12 ta' Awwissu 2010 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' għeluq f'ħin reali ta' ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Iskagerrak (ĠU L 213, 13.8.2010, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 43, 22.12.2009, p. 1).

⁽⁵⁾ <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf>

- (5) Meta l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd iqisu li huma meħtieġa miżuri biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ġlejjeb ta' frieħ permezz ta' għeluq f'ħin reali taż-żoni tas-sajd, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 miżuri bħal dawn permezz ta' atti delegati fuq rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata minn dawk l-Istati Membri.
- (6) L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi elementi speċifiċi li jridu jiġu inklużi f'rakkomandazzjoni konġunta fir-rigward tal-ħolqien ta' għeluq f'ħin reali.
- (7) Skont il-paragrafu (1)(d) tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/1241, ir-rakkomandazzjoni konġunta sottomessa fir-rigward tal-ħolqien ta' għeluq f'ħin reali għandha tinkludi arranġamenti ta' kontroll u monitoraġġ. Ir-Rekord Maqbul tal-Konklużjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja tas-6 ta' Settembru 2018 jistipula l-proċeduri u l-metodoloġija ta' teħid ta' kampjuni għall-adozzjoni ta' għeluq f'ħin reali għall-gambli tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fl-Iskagerrak.
- (8) Il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fl-Iskagerrak. Wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana, dawk l-Istati Membri sottomettew, fis-7 ta' Marzu 2019, rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni għal att delegat li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri stabbiliti f'dak il-Verbal Maqbul. Ir-rakkomandazzjoni konġunta għet emendata fis-26 ta' Awwissu 2019.
- (9) Il-Grupp ta' Esperti għas-Sajd kien ikkonsultat dwar ir-rakkomandazzjoni konġunta fil-31 ta' Lulju 2019.
- (10) L-STEFC qies li s-sistema ta' għeluq f'ħin reali proposta għandha benefiċċji ta' konservazzjoni potenzjali pożittivi f'konformità mal-oġġettiv tar-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾. Għalhekk, jidher xieraq li din tiġi introdotta fl-Iskagerrak skont l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-rakkomandazzjoni konġunta kif sottomessa mill-grupp ta' Scheveningen. L-effikaċja tas-sistema ta' għeluq f'ħin reali jenħtieġ li tkun soġġetta għal monitoraġġ bir-reqqa u evalwata skont il-mekkaniżmu ta' rieżami stabbilit fir-RK. Jenħtieġ li jiġi inkorporat fis-sistema programm ta' monitoraġġ speċifiku tal-gradilja ta' kombinazzjoni Nordmøre selettiva skont id-daqs biex jiġi żgurat li din iżomm b'mod konsistenti l-qabdiet tal-Pandalus żgħir taħt il-livell ta' attivazzjoni.
- (11) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tissuġġerixxi li l-bastimenti li jistadu għall-gambli tat-Tramuntana li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ ffirxa ta' daqs tal-malja ta' 35-69 mm attrezzati bi gradilji selettivi Nordmøre bi spazju massimu bejn l-iżbarri ta' 19 mm jenħtieġ li jkunu permessi jkomplu bis-sajd għal dik l-ispeċi f'żoni soġġetti għal għeluq f'ħin reali.
- (12) Ir-Regolament (UE) Nru 724/2010 li jistipula regoli dettalji għall-implimentazzjoni ta' għeluq f'ħin reali ta' ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Iskagerrak. L-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 724/2010 jipprovdi li, meta l-perċentwal ta' frieħ jilħaq ċertu livell ta' attivazzjoni, l-Istat Membru kostali kkonċernat irid jipprojbixxi s-sajd fiż-żona kkonċernata bi kwalunkwe rkaptu tas-sajd għajr-xbieki tat-tkarkir tal-ħut pelaġiku, tartaruni jdur, għeżula tat-tisqif u jiggers għall-arings, il-kavalli, u s-sawrell; nases; gangmi għall-arzell; u xbieki tal-garġi.
- (13) L-STEFC evalwa x-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ ffirxa ta' daqs tal-malja ta' 35-69 mm immirati lejn il-gambli tat-Tramuntana mgħammra bi gradilji selettivi Nordmøre bi spazju massimu bejn l-iżbarri ta' 19 mm u kkonkluda li dawk ix-xbieki tat-tkarkir huma selettivi ħafna u effettivi biex inaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-frieħ tal-ħut ⁽⁷⁾. Fid-dawl ta' dak il-parir, huwa xieraq li jizidied l-użu ta' dak l-irkaptu tas-sajd fis-sajd tal-gambli tat-Tramuntana mal-lista ta' rkapti eżentati stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 724/2010.
- (14) Filwaqt li l-STEFC jikkonferma l-effikaċja tal-gradilji Nordmøre biex inaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-frieħ tal-ħut, jinnota wkoll li f'termini ta' tnaqqis tal-qabdiet tal-frieħ tal-gambli tat-Tramuntana, l-effikaċja tal-irkaptu mgħammra bi gradilja ta' kombinazzjoni Nordmøre għad trid tiġi aċċertata. Fuq il-bażi tal-opinjoni tal-STEFC, huwa xieraq li jiġu previsti programmi ta' monitoraġġ speċifiku sabiex jiġi verifikat jekk dan l-irkaptu jżommx b'mod konsistenti l-proporzjon ta' qabdiet tal-frieħ tal-gambli tat-Tramuntana f'livell baxx.
- (15) L-STEFC jikkonferma l-benefiċċji ta' konservazzjoni tal-użu tal-irkapti mgħammra bi gradilji Nordmøre meta jintużaw għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*). Fid-dawl ta' dak il-parir, u filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-abilità tiegħu biex inaqqas il-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw, huwa xieraq li l-użu ta' dak l-irkaptu tas-sajd għas-sajd tal-iskampu jiġi miżjud mal-lista ta' rkapti eżentati fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 724/2010.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

⁽⁷⁾ <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf>

- (16) Madankollu, l-STEFC jinnota li l-effikaċja ta' tagħmir bħal dan fis-sajd tal-iskampu tiddependi fuq l-istruttura tat-tul tal-ispeċijiet maqbudin b'mod inċidentali li wieħed jiltaqa' magħhom matul l-operazzjonijiet tas-sajd u li din l-istruttura se tiddetermina jekk jintlaħqux il-livelli ta' attivazzjoni tal-qabdiet. Sabiex jiġi żgurat li dan l-irkaptu jżomm b'mod konsistenti l-qabdiet inċidentali tal-eżemplari tal-frieħ taħt il-livell ta' attivazzjoni, u sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġbru *data* addizzjonali kif indikat mill-STEFC, l-operazzjonijiet tas-sajd li jużaw irkapti bħal dawn f'żoni magħluqin jenħtieġ li jkunu soġġetti għal programm ta' monitoraġġ dedikat.
- (17) Dwar is-sustanza, fid-dawl tas-sejbiet kollha msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li jkun approċċ pragmatiku iżda fl-istess ħin prudenti lejn il-ġestjoni tas-sajd jekk dan l-irkaptu jiġi miżjud mal-lista ta' rkapti eżentati fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 724/2010 sabiex jiġu permessi eżenzjonijiet fuq bażi temporanja, bil-fehma li jekk dan ma jsirx ma tkunx tista' tinġabar id-*data*. Barra dan, il-gradilji Nordmøre użati fis-sajd tan-*Nephrops* għandhom abilità ppruvata li jnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw għal livelli baxxi ħafna. Minħabba l-istat attwali tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baħar tat-Tramuntana, il-Kummissjoni tqis għalhekk l-użu ta' rkapti bħal dawn bħala xierqa biex inaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet mhux mixtieqa tal-bakkaljaw.
- (18) Meta jitqies li r-Regolament (UE) 2019/1241 ħassar, fit-taqsimha 3 tat-Titolu IV tal-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, id-dispożizzjoni li tagħti setgħa li fuq il-bażi tagħha ġie adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2010, u b'hekk jimpedixxi l-possibbiltà li jsiru emendi oħra għal dak l-att, u billi huwa meħtieġ li tiġi prevista l-implimentazzjoni tal-miżuri li hemm fir-Rekord Maqbul kif ippreżentat fir-rakkomandazzjoni konġunta, huwa xieraq li jiġu adottati l-bidliet meħtieġa permezz tal-inklużjoni ta' dispożizzjoni korrispondenti permezz ta' dan ir-Regolament Deleġat.
- (19) Il-miżuri suġġeriti mir-rakkomandazzjoni konġunta huma konformi mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u mal-Artikolu 15(2), (4) u (5) u mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/1241, u b'hekk jistgħu jiġu inklużi f'dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' għeluq f'ħin reali ta' sajd fl-Iskagerrak għall-protezzjoni tal-frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "Skagerrak" tfisser iż-żona kkonfinata fil-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm għall-fanal ta' Lindesnes u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen għall-fanal ta' Tistlarna u minn dan il-punt għall-eqreb punt fuq il-kosta Żvediża;
- (b) "sett" tfisser l-azzjoni minn meta tiġi kalata x-xibka sal-mument meta din tintrefa' lura.
- (c) "Pjan ta' Eżerċizzju Konġunt" tfisser pjan speċifikat taħt Programm ta' Kontroll u Spezzjoni Speċifiku stabbilit skont l-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
- (d) "Frieħ tal-Gamblu tat-Tramuntana" tfisser eżemplari ta' gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) li għandhom tul tal-karapaċi iżgħar minn 14,8 mm. It-tul tal-karapaċi għandu jiġi mkejjeħ bħala t-tul tal-karapaċi, parallel għal-linja tan-nofs, mill-parti ta' wara tal-ħofra tal-għajn sat-tarf distali tal-karapaċi.
- (e) "Gradilja Nordmøre" huwa apparat selettiv inserit f'xibka tat-tkarkir li jikkonsisti minn gradilja inklinata b'fetħa minn fejn jista' jaħrab il-ħut. It-tagħmir jippermetti l-passaġġ tal-gamblu jew tan-*Nephrops* filwaqt li jeskludi qabdiet inċidentali ta' ħut mhux mixtieqa billi jiggwidahom lejn il-fetħa minn fejn jistgħu jaħrabu.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Artikolu 3

Livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet

Il-livell tal-qabda li jattiva l-għeluq f'ħin reali tas-sajd skont dan ir-Regolament għandu jkun 20 % bil-piż tal-frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana meta mqabbel mal-qabda totali tal-gamblu tat-Tramuntana, f'sett.

Artikolu 4

Spezzjonijiet

1. Is-sors ta' informazzjoni għall-monitoraġġ tal-livelli ta' attivazzjoni tal-qabdiet għandu jkun l-ispezzjonijiet fuq il-baħar imwettqa mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti fuq bastimenti tas-sajd li jimmiraw għall-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) bi xbieki tat-tkarkir tal-qieġh b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 32 mm.
2. L-Istat Membru kostali, u/jew l-Istat Membru li jipparteċipa f'operazzjoni konġunta taħt Pjan ta' Eżerċizzju Konġunt, għandu jidentifika żoni u perjodi ta' żmien fejn hemm ir-riskju li jintlaħaq il-livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet.
3. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu, b'mod partikolari, fiż-żoni identifikati skont il-paragrafu 2, biex ikejlu jekk il-perċentwal ta' frieħ tal-Gamblu tat-Tramuntana jilħaqx il-livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet.
4. L-awtoritajiet tal-kontroll għandhom jispezzjonaw il-qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana bl-użu tal-proċedura ta' teħid ta' kampjuni deskritti fl-Anness I.
5. Id-dettalji tal-ispezzjoni u l-kwantità ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana fil-kampjun għandhom jiġu rreġistrati frapport dwar it-teħid ta' kampjuni kif stabbilit fl-Anness II. Il-formola tar-rapport dwar it-teħid ta' kampjuni, ippreżentata fl-Anness II, għandha timtela kif dovut minnufih wara li jitkejjel il-kampjun.
6. Jekk il-kwantità ta' gamblu tat-Tramuntana f'sett tkun inqas minn 100 kg, dak is-sett ma għandux jintuża bħala bażi għal rakkomandazzjoni għal għeluq.

Artikolu 5

Notifiki tal-livell ta' attivazzjoni

1. Meta r-riżultati tal-kampjuni miġburin skont l-Artikolu 4(4) minn mill-inqas żewġ settijiet meħudin fi żmien 96 siegħa juru li l-kwantità ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana laħqet il-livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet, ir-rapport(i) dwar it-teħid ta' kampjuni msemmija fl-Artikolu 4(5) għandhom jiġu kompletati minnufih u mibgħuta lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru kostali, li għandu jikkunsidra jekk jenħtieġx li jiġi stabbilit RTC. It-trażmissjoni tar-rapporti dwar it-teħid ta' kampjuni tista' tiġi kumpliementata minn rakkomandazzjoni mill-awtoritajiet ta' kontroll responsabbli għall-ispezzjonijiet biex jiġi stabbilit RTC.
2. Jekk il-proporzjon ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana huwa iktar minn 40 % tal-qabda totali ta' dik l-ispeċi, l-awtoritajiet ta' kontroll jistgħu jirrakkomandaw għeluq f'ħin reali fuq il-baży ta' kampjun wieħed.

Artikolu 6

Għeluq tas-sajd

1. Fuq il-baży tar-rapporti dwar it-teħid ta' kampjuni msemmija fl-Artikolu 4(4), l-Istat Membru kostali kkonċernat jista' jipprojbixxi s-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana bi xbieki tat-tkarkir tal-qieġh b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 32 mm f'żona definita skont l-Artikolu 7 ("iż-żona magħluqa").
2. Minkejja l-paragrafu 1, il-bastimenti tat-tkarkir li jimmiraw għall-gamblu tat-Tramuntana li għandhom gradilja Nordmøre selettiva skont id-daqs kif imsemmi fl-Anness III jistgħu jitħallew jistadu għall-gamblu tat-Tramuntana fiż-żona magħluqa. Il-bastimenti li jixtiequ jużaw dik l-eżenzjoni għandhom jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom u l-użu tal-irkaptu liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istat Membru kostali qabel ma jidħlu fiż-żona magħluqa.
3. Bastimenti li jużaw gradilja Nordmøre selettiva skont id-daqs kif imsemmi fl-Anness III u li joperaw f'żona magħluqa għandhom ikunu soġġetti għal programm ta' monitoraġġ speċifiku li jrid jiġi stabbilit mill-Istati Membri sabiex jivverifikaw il-proporzjon ta' frieħ tal-Gamblu tat-Tramuntana fil-qabda totali ta' dik l-ispeċi. Ir-riżultati minn dawk il-programmi għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn 6 xhur wara d-data tal-bidu tal-programm u tmax-il xahar wara dan.

4. Jekk l-ispezzjoni ta' bastiment li juża, f'żona magħluqa, gradilja Nordmøre selettiva skont id-daqs kif imsemmi fl-Anness III, turi qabda ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana li tilħaq il-livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet, dak il-bastiment għandu joħroġ miż-żona magħluqa għall-bqija tal-perjodu tal-għeluq.

5. Madankollu, il-bastiment jista' jirritorna lejn iż-żona magħluqa wara li jaġġusta l-irkaptu u jibqa' fiż-żona, diment li jikseb il-permess tal-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti. F'dak il-każ, is-sett li jmiss tal-bastiment għandu jiġi spezzjonat mill-awtoritajiet ta' kontroll biex jiġi żgurat li l-qabda ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana ma tilħaqx il-livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet.

Artikolu 7

Firxa ġeografika taż-żona magħluqa

Il-konfini ġeografiċi ta' żona magħluqa għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

- (a) Id-definizzjoni taż-żona għandha tikkunsidra, b'mod partikolari, it-trajettorji tas-sett li wasslu għad-deċiżjoni tal-għeluq, il-kurvi tal-fond, il-kompożizzjoni tal-qabdiet u l-attività tas-sajd;
- (b) Iż-żona magħluqa ma għandhiex taqbeż 50 mil nawtiku kwadru.

Artikolu 8

Dewmien tal-għeluq f'ħin reali

1. L-għeluq f'ħin reali għandu jidħol fis-seħħ f'24.00 Ħin Universali Koordinat (UTC) fil-jum tad-deċiżjoni. L-adozzjoni tad-deċiżjoni jenħtieġ li ssir f'ħin li jippermetti biżżejjed żmien biex il-bastimenti li qed joperaw fil-viċinanza taż-żona jiġu infurmati f'konformità mal-Artikolu 7.

2. Iż-żona għandha tingħalaq għal 14-il jum li warajhom l-għeluq għandu jieqaf japplika awtomatikament f'nofsillejl UTC.

Artikolu 9

Stati kostali ġirien

1. L-Istati Membri Kostali jistgħu jfittxu kooperazzjoni mal-Istati Kostali ġirien biex jibdedew għeluq f'ħin reali bl-użu ta' riżultati ta' teħid ta' kampjuni li joriġinaw miż-żewġ naħat tal-fruntiera.

2. Jekk iż-żona li se tingħalaq toqot it-territorju u l-ilmijiet taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjonijiet ta' żewġ Stati Membri Kostali jew iktar, l-Istat Membru Kostali għandu mingħajr dewmien jinforma lill-Istat Membru Kostali ġar u lill-pajjiżi terzi bis-sejbiet u d-deċiżjoni li jagħlaq iż-żona rilevanti. L-Istat Kostali ġar jista' mbagħad jikkunsidra jagħlaq l-ilmijiet tiegħu.

3. Stat Membru Kostali jista' jistieden lill-Istati Kostali ġirien biex jieħdu kampjuni f'ismu f'ilmijiet taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjoni tagħhom.

Artikolu 10

Informazzjoni

1. Wara li jiddeċiedi li jattiva għeluq f'ħin reali skont l-Artikolu 6, l-Istat Membru kostali għandu mingħajr dewmien:

- (a) ipoġġi notifika tal-għeluq f'ħin reali fuq is-sit web tiegħu li tinkludi l-mappa, il-koordinati u r-rapport(i) dwar it-teħid ta' kampjuni sottostanti, u
- (b) jinforma lill-bastimenti li jkunu fil-viċinanza taż-żona magħluqa sa fejn ikun possibbli, u
- (c) jinforma, permezz ta' notifika elettronika, lid-Direttorat tas-Sajd fin-Norveġja, lill-Kummissjoni u liċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd fl-Istati Membri rilevanti u lill-pajjiżi terzi li l-bastimenti tas-sajd tagħhom huma awtorizzati li joperaw fiż-żona kkonċernata. In-notifika għandu jkun fiha informazzjoni dwar id-data u l-ħin meta l-għeluq jidħol fis-seħħ, il-koordinati li jiddelimitaw l-għeluq u l-indirizz tal-web rilevanti li fih informazzjoni addizzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd tagħhom jinfurmaw lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li huma affettwati bl-għeluq f'ħin reali.

3. Fuq talba, l-Istat Membru Kostali kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bir-rapporti dettaljati dwar it-teħid ta' kampjuni u l-ġustifikazzjonijiet li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tal-għeluq f'ħin reali meħuda f'konformità mal-Artikolu 7.

Artikolu 11

Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bi gradilji Nordmøre

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 724/2010, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ li jużaw l-irkapti li ġejjin huma eżentati mill-projbizzjoni fuq is-sajd li ġeġja mill-issodisfar tal-kundizzjonijiet stipulati f'dik id-dispożizzjoni:

- xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daq tal-malja ta' mill-inqas 32 mm li jimmiraw għall-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) li huma mgħammra bi gradilja selettiva Nordmøre bi spazju massimu bejn l-iżbarri ta' 19 mm mingħajr tagħmir għaż-żamma tal-ħut;
- xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daq tal-malja ikbar minn 70 mm li jimmiraw għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li huma mgħammra bi gradilja Nordmøre bi spazju massimu bejn l-iżbarri ta' 35 mm mingħajr tagħmir għaż-żamma tal-ħut.

2. L-Istati Membri tal-bandiera ta' bastimenti li jużaw l-irkapti msemmija fil-paragrafu 1 u li joperaw f'għeluq f'ħin reali għandhom jistabbilixxu programm ta' monitoraġġ speċifiku biex jivverifikaw li l-qabdiet ma jilhqx il-livell ta' attivazzjoni. Jekk il-qabdiet jilhqx il-livell ta' attivazzjoni, daww il-bastimenti għandhom joħorġu miż-żona magħluqa għall-bqija tal-perjodu ta' għeluq. Ir-riżultati minn daww il-programmi għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn 6 xhur wara d-data tal-bidu tal-programm u minn hemm 'il quddiem, kull tnax-il xahar. Jekk ir-riżultati minn programmi bħal dawn juru li l-qabdiet jaqbzū l-livelli ta' attivazzjoni, jenħtieġ li dawn l-irkapti ma jibqgħux jiġu eżentati.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

METODOLOĠJA TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI

Il-kampjuni għandhom jittieħdu u jitkejlu f'konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

1. Kull meta hu possibbli, il-kampjuni għandhom jittieħdu u jitkejlu b'kooperazzjoni mill-qrib mal-kaptan tal-bastiment tas-sajd u l-ekwipaġġ tiegħu. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd u l-ekwipaġġ tiegħu għandhom jiġu mħeġġa jipparteċipaw fil-proċess. Għandhom jiġu mħeġġa wkoll jaqsmu kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti fir-rigward tad-delimitazzjoni taż-żona magħluqa.
2. Il-qabda totali fis-sett għandha tintuża bħala l-bażi għall-istima tal-kompożizzjoni tal-qabda.
3. Għandu jittieħed kampjun f'konformità mal-proċedura li ġejja:
 - (a) Il-kampjun irid jittieħed b'tali mod li jirrifletti l-kompożizzjoni tal-qabda tal-Pandalus fis-sett. Sabiex dan jinkiseb, il-kaptan, jew persuna li jaħtar, għandu jassisti meta jittieħed il-kampjun.
 - (b) Id-daqs minimu tal-kampjun għandu jkun 2 kg jew litru wieħed ta' Pandalus.
4. Il-kwantità ta' Pandalus taħt it-tul ta' attivazzjoni għandha tiġi kkalkulata bħala perċentwal tal-għadd totali ta' Pandalus fil-kampjun.
5. Il-formola tar-rapport dwar it-teħid ta' kampjuni, ippreżentata fl-Anness II għandha tiġi kompletata kif dovut minnufih wara li jitkejjel il-kampjun.

—

ANNEX II

GĦELUQ F'ĦIN REALI – RAPPORT DWAR IT-TEĦID TA' KAMPJUNI LILL-ISTAT KOSTALI

PANDALUS relatat mat-tul ta' attivazzjoni.

Dettalji tal-ispezzjoni/osservazzjoni	Pjattaforma tal-ispezzjoni	Isem l-ispettur/osservatur		Data u ħin ⁽¹⁾ tal-ispezzjoni/osservazzjoni	Pożizzjoni ⁽²⁾ tal-ispezzjoni/osservazzjoni	
Dettalji tal-bastiment tas-sajd	Isem	Sinjal tas-sejħa	Numru tar-reġistrazzjoni	Stat tal-ban-diera	Tip ta' rkap-tu Singlu/Doppju	Daqs tal-mal-ja f'mm
Miżuri ta' selezzjoni	Gradilja (għall-is-sortjar tal-Pandalus)	Gradilja, mm	Oħrajn		Borża tal-ġbir	Daqs tal-mal-ja fil-borża tal-ġbir
Dettalji tal-operazzjoni tas-sajd	Bidu	Data u ħin ⁽¹⁾		Pożizzjoni ⁽²⁾		
	Tmiem	Data u ħin ⁽¹⁾		Pożizzjoni ⁽²⁾	Kemm da-met l-operazzjoni tas-sajd ⁽³⁾	
Dettalji tal-qabda	Stima tal-qabda totali fis-sett (kg)					
	Stima tal-qabda tal-Pandalus fis-sett (kg)					
	Daqs tal-kampjun tal-Pandalus (kg/litru)					
	Għadd totali ta' Pandalus fil-kampjun					
	Għadd ta' Pandalus taħt it-tul ta' attivazzjoni fil-kampjun					
	% ta' Pandalus ta' daqs żgħir (għadd taħt it-tul ta' attivazzjoni/għadd totali)					
Osservazzjonijiet u informazzjoni addizzjonali	Informazzjoni addizzjonali minn sorsi oħrajn, pereżempju riċevuti mill-kaptan.					
Spettur Firma	Mhux meħtieġa jekk jiġi kompletat b'mod elettroniku u trażmess lill-Istat kostali permezz tal-posta elettronika.					

⁽¹⁾ jj/xx/ss sığhat u minuti (ħin lokali 24 siegħa)⁽²⁾ pereżempju: 56°24' N 01° 30' E.⁽³⁾ sığhat u minuti.

*ANNEX III***GRADILJA SELETTIVA FIS-SAJD GĦALL-PANDALUS LI HIJA PERMESSA FL-RTC**

Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ b'daq tal-malja fil-biċċa tal-estensjoni u manka ta' mill-inqas 35 mm, mgħammra bi gradilja selettiva bi spazju massimu bejn l-iżbarri ta' 19 mm fil-parti ta' fuq tal-gradilja u spazju minimu bejn l-iżbarri ta' 9,5 mm fil-parti t'isfel tal-gradilja. Wara l-parti t'isfel tal-gradilja hemm żbukk mhux imblukkat għall-qiegħ tal-baħar. Daqs tal-malja ta' mill-inqas 35 mm japplika fuq wara tal-gradilja selettiva.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2202**tas-16 ta' Diċembru 2019****li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti "Olio di Puglia" (IĠP)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Italja biex l-isem "Olio di Puglia" jiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-isem "Olio di Puglia" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Olio di Puglia" (IĠP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ⁽³⁾.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni
fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 256, 30.7.2019, p. 21.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2203**tas-16 ta' Diċembru 2019****li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti "Sneem Black Pudding" (IĠP)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Irlanda biex l-isem "Sneem Black Pudding" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-isem "Sneem Black Pudding" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Sneem Black Pudding" (IĠP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ⁽³⁾.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni
fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 273, 14.8.2019, p. 7.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2204

tas-16 ta' Diċembru 2019

li jirreġistra isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Orġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Κρασοτύρι Κο" (Krasotiri Ko)/"Τυρί της Πόσσιας" (Tiri tis Possias) (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Greċja għar-reġistrazzjoni tadl-isem "Κρασοτύρι Κο" (Krasotiri Ko)/"Τυρί της Πόσσιας" (Tiri tis Possias) ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (2) Billi ma ġiet innotifikata ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-isem "Κρασοτύρι Κο" (Krasotiri Ko)/"Τυρί της Πόσσιας" (Tiri tis Possias) (IĠP) għandu jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Κρασοτύρι Κο" (Krasotiri Ko)/"Τυρί της Πόσσιας" (Tiri tis Possias) (IĠP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-klassi 1.3. Ġobon, kif speċifikat fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ⁽³⁾.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni
fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 283, 21.8.2019, p. 3.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2205**tas-16 ta' Diċembru 2019****li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Κριτσά" (Kritsa) (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Greċja għar-reġistrazzjoni tal-isem "Κριτσά" (Kritsa) ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (2) Billi ma ġiet innotifikata l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-isem "Cordero Segureño" għandu għalhekk jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Κριτσά" (Kritsa) (IĠP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ⁽³⁾.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni
fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 271, 13.8.2019, p. 86.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2019/2206 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-18 ta' Diċembru 2019

li taħtar l-Ombudsman Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 24 u l-Artikolu 228 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tiegħu tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 231 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Wara li kkunsidra s-sejħa għan-nominazzjonijiet ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-vot tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019,

IDDEĊIEDA:

li jeleġi lil Emily O'REILLY biex isservi bħala Ombudsman Ewropew sat-tmiem tal-leġiżlatura.

Magħmul fi Strasburgu, it-18 ta' Diċembru 2019.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

D. M. SASSOLI

⁽¹⁾ ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.

⁽²⁾ ĠU C 293, 30.8.2019, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2207

tal-5 ta' Diċembru 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Protokoll Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrifikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 191, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila (il-"Konvenzjoni") għandha Protokoll Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrifikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (il-"Protokoll") li ġie adottat fl-1999.
- (2) Skont l-Artikolu 13 bis tal-Protokoll, il-Partijiet preżenti f'sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni (il-"Korp Eżekuttiv") jistgħu jadottaw emendi għall-Protokoll u għall-annessi tiegħu.
- (3) Il-Protokoll ġie emendat fl-2012 permezz tal-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet 2012/1 u 2012/2 mill-Partijiet preżenti għat-30 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv. L-Emendi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2012/1 daħħlu fis-seħħ u saru effettivi abbażi tal-proċedura mħaffa prevista fil-Protokoll. L-Emenda stabbilita fid-Deċiżjoni 2012/2 kienet teħtieġ li tiġi aċċettata mill-Partijiet għall-Protokoll u ġiet approvata mill-Unjoni mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1757 ⁽¹⁾. Dik l-emenda daħħlet fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2019.
- (4) Fid-39 sessjoni tiegħu ta' bejn id-9 u t-13 ta' Diċembru 2019, il-Korp Eżekuttiv għandu jiddeċiedi dwar l-adozzjoni tal-emendi għall-Artikolu 3 bis tal-Protokoll u l-Anness VII għall-Protokoll kif propost mill-Istati Uniti tal-Amerka, bil-għan li jiffaċilita r-ratifika tal-Protokoll min-naħa ta' Partijiet mhux tal-UE.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Korp Eżekuttiv, peress li s-suġġett u l-kontenut tal-Protokoll li jrid jiġi emendat huma koperti mill-*acquis* tal-Unjoni, u b'mod partikolari mid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv jenħtieġ li tkun li tappoġġa l-proposta biex jiġi emendat l-Anness VII għall-Protokoll.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1757 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar l-aċċettazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea ta' Emenda lill-Protokoll tal-1999 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrifikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (ĠU L 248, 27.9.2017, p. 3).

⁽²⁾ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

- (7) Fejn Partijiet mill-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali preżenti fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv jindikaw li l-proposta biex jiġi emendat l-Artikolu 3 bis tal-Protokoll hija waħda utli, il-pożizzjoni tal-Unjoni fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv jenħtieġ li tkun li tappoġġa dik il-proposta. Fejn dawk il-Partijiet ma jindikawx li l-proposta biex jiġi emendat l-Artikolu 3 bis tal-Protokoll hija waħda utli, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun li tistieden lill-Istati Uniti tal-Amerka biex jirtiraw il-proposta tagħhom u, jekk l-Istati Uniti tal-Amerka ma jirtirawhiex, l-Unjoni għandha tkun tista' toġġezzjona għall-proposta,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja fuq Distanza Twila (id-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv) għandha tkun is-segwent:

- (a) l-appoġġ tal-proposta mressqa mill-Istati Uniti tal-Amerka biex jiġi emendat l-Anness VII għall-Protokoll biex jiġu estiżi l-iskedi ta' żmien ta' flessibilità mill-2019 sal-2024;
- (b) fejn Partijiet mill-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali preżenti fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv jindikaw li l-proposta biex jiġi emendat l-Artikolu 3 bis tal-Protokoll biex jiġu estiżi l-iskedi ta' żmien ta' flessibilità mill-2019 sal-2024 u mill-2022 sal-2030 hija waħda utli, li tiġi appoġġata l-proposta mressqa mill-Istati Uniti tal-Amerka biex jiġi emendat dak l-Artikolu.
- (c) fejn il-kundizzjoni taħt il-punt (b) ta' dan l-Artikolu ma tkunx issodisfata, l-Istati Uniti tal-Amerka għandha tiġi mistiedna biex tirtira l-proposta li jiġi emendat l-Artikolu 3 bis tal-Protokoll;
- (d) jekk l-Istati Uniti tal-Amerka ma jirtirawx il-proposta biex jiġi emendat l-Artikolu 3 bis tal-Protokoll wara stedina kif imsemmi fil-punt (c) ta' dan l-Artikolu, l-Unjoni tista' toġġezzjona għall-proposta.

Artikolu 2

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, waqt laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, jilħqu qbil biex tiġi rfinata l-pożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1, fid-dawl tal-iżviluppi fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

M. LINTILÄ

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2208

tad-9 ta' Diċembru 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fit-28 ta' Lulju 2016 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1850 ⁽¹⁾ u ilu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-15 ta' Diċembru 2016.
- (2) Skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu reġim komuni u reċiproku li jirregola r-regoli tal-orijini. Dan ir-reġim il-ġdid għandu jiġi anness għall-Ftehim b'deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE.
- (3) Fil-laqgħa annwali tiegħu fl-2019, il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjoni fir-rigward tal-Protokoll Nru 1 għall-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.
- (4) Il-Protokoll Nru 1 iqis l-iżviluppi l-aktar riċenti biex jiġu pprovduti regoli tal-orijini aktar flessibbli u aktar sempliċi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kummerċ għall-operaturi ekonomiċi u li jottimizzaw ir-rata ta' użu tat-trattament preferenzjali previst fil-Ftehim.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tal-FSE, peress li dik id-deċiżjoni ser tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa annwali tal-2019 tal-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE dwar il-Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, għandha tissegjes fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1850 tal-21 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 287, 21.10.2016, p. 1).

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru ... / 2019 TAL-KUMITAT TAL-FSE

STABILIT MILL-FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA INTERIM BEJN IL-GĦANA, MINN NAĦA WAĦDA, U L-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MIN-NAĦA L-OĦRA,**ta' ... 2019****dwar l-adozzjoni tal-Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

IL-KUMITAT TAL-FSE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), iffirmit fil-28 ta' Lulju 2016, u applikat b'mod provviżorju mill-15 ta' Diċembru 2016, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 u 82 tiegħu,

Billi:

- (1) Dan il-Ftehim japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom japplika t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dak it-Trattat u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Ghana.
- (2) Skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jstabbilixxu reġim komuni u reċiproku li jirregola r-regoli tal-orijini li għandu jkun ibbażat fuq ir-regoli tal-orijini kif definiti mill-Ftehim ta' Cotonou u li jipprevedu titjib filwaqt li jqisu l-oġettivi ta' żvilupp tal-Ghana. Dan ir-reġim għandu jiġi anness mal-Ftehim mill-Kumitat tal-FSE.
- (3) Il-Partijiet qablu fir-rigward tal-Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.
- (4) Skont l-Artikolu 82 tal-Ftehim, il-Protokoll ta' dan il-Ftehim huma parti integrali minnu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huwa b'dan adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-iffirmar tagħha.

Magħmul fi

*Għall-Ghana**Għall-Unjoni Ewropea*

ANNEX

Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

INDIĊI

TITOLU I: DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikoli

1. Definizzjonijiet

TITOLU II: DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI"

Artikoli

2. Kundizzjonijiet ġenerali
3. Prodotti miksuba b'mod sħiħ
4. Prodotti maħduma jew ipproċessati b'mod suffiċjenti
5. Operazzjonijiet ta' ħidma jew ipproċessar insuffiċjenti
6. Ħidma jew ipproċessar ta' materjal importat fl-Unjoni Ewropea mingħajr dazju
7. Akkumulazzjoni tal-orijini
8. Akkumulazzjoni ma' pajjiżi oħrajn li jgawdu minn aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-Unjoni Ewropea
9. Unità ta' kwalifika
10. Aċċessorji, partijiet ta' rikambju u għodod
11. Settijiet ta' oġġetti mħalltin
12. Elementi newtrali
13. Segregazzjoni tal-kontabbiltà

TITOLU III: REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikoli

14. Prinċipju tat-territorjalità
15. Nonalterazzjoni
16. Wirjiet

TITOLU IV: PROVA TAL-ORIĠINI

Artikoli

17. Kundizzjonijiet ġenerali
18. Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1
19. Ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 maħruġin b'mod retrospettiv
20. Ħruġ ta' kopja ta' ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1
21. Kundizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni tal-orijini
22. Esportatur approvat
23. Validità ta' prova tal-orijini
24. Preżentazzjoni tal-prova tal-orijini
25. Importazzjoni gradwali

26. Eżenzjonijiet mill-prova tal-oriġini
27. Proċedura ta' informazzjoni għal finijiet ta' akkumulazzjoni
28. Dokumenti ta' sostenn
29. Preservazzjoni tal-provi tal-oriġini u tad-dokumenti ta' sostenn
30. Diskrepanzi u żbalji formali
31. Ammonti espressi f'euro

TITOLU V: KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikoli

32. Kundizzjonijiet amministrattivi għal prodotti biex jibbenefikaw mill-Ftehim
33. Notifika tal-awtoritajiet doganali
34. Metodi oħrajn ta' kooperazzjoni amministrattiva
35. Verifika tal-provi tal-oriġini
36. Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornituri
37. Riżoluzzjoni ta' tilwim
38. Penali
39. Derogi

TITOLU VI: CEUTA U MELILLA

Artikoli

40. Kundizzjonijiet ġenerali
41. Kundizzjonijiet speċjali

TITOLU VII: DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikoli

42. Reviżjoni u applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini
43. Annessi
44. Implimentazzjoni tal-Protokoll
45. Dispożizzjonijiet tranżitorji relatati ma' merkanzija fi tranżitu jew f'ħażna

ANNESI TAL-PROTOKOLL Nru 1

- | | |
|---------------------------------|---|
| ANNEX I tal-Protokoll Nru 1: | Noti ta' Introduzzjoni għal-Lista fl-Anness II tal-Protokoll |
| ANNEX II tal-Protokoll Nru 1: | Lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġa li jridu jsiru fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott immanifatturat ikun jista' jikseb l-istatus oriġinarju |
| ANNEX II-A tal-Protokoll Nru 1: | Derogi mil-lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġa li jridu jsiru fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott immanifatturat ikun jista' jikseb l-istatus oriġinarju |
| ANNEX III tal-Protokoll Nru 1: | Formola għaċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 |
| ANNEX IV tal-Protokoll Nru 1: | Dikjarazzjoni tal-oriġini |

ANNEX V-A tal-Protokoll Nru 1:	Dikjarazzjoni tal-fornitur għall-prodotti li għandhom status oriġinarju preferenzjali
ANNEX V-B tal-Protokoll Nru 1:	Dikjarazzjoni tal-fornitur għall-prodotti li ma għandhomx status oriġinarju preferenzjali
ANNEX VI tal-Protokoll Nru 1:	Ċertifikat ta' informazzjoni
ANNEX VII tal-Protokoll Nru 1:	Formola għall-applikazzjoni ta' deroga
ANNEX VIII tal-Protokoll Nru 1:	Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej
DIKJARAZZJONI KONĠUNTA	dwar il-Prinċipat ta' Andorra
DIKJARAZZJONI KONĠUNTA	dwar ir-Repubblika ta' San Marino

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

- (a) "manifattura" tfisser kull xorta ta' ħidma jew ipproċessar inklużi l-assemblaġġ jew proċessi speċifiċi;
- (b) "materjal" tfisser kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ., użat(a) fil-manifattura tal-prodott;
- (c) "prodott" tfisser il-prodott li jkun immanifatturat, anke jekk ikun maħsub għal użu ulterjuri f'xi proċess ieħor ta' manifatturazzjoni;
- (d) "merkanzija" tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;
- (e) "valur doganali" tfisser il-valur kif determinat skont il-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 (il-Ftehim tad-WTO dwar il-valutazzjoni doganali);
- (f) "prezz mill-fabbrika" tfisser il-prezz imħallas għall-prodott lill-fabbrikant tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ghana fl-impriża tiegħu fejn ikun twettaq l-aħħar ħidma jew ipproċessar, dment li l-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, bit-tnaqqis ta' kull taxxa interna mħallsa li hija, jew li tista' tkun, imħallsa mill-ġdid meta l-prodott miksub jiġi esportat;
- (g) "valur ta' materjali" tfisser il-valur doganali meta jiġu importati l-materjali mhux oriġinarji li huma użati, jew, jekk dan ma jkunx magħruf jew ma jistax jiġi stabbilit, l-ewwel prezz verifikabbli mħallas għall-materjali fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ghana;
- (h) "valur ta' materjali oriġinarji" tfisser il-valur ta' dawn il-materjali kif definit fil-punt (g) applikat *mutatis mutandis*;
- (i) "valur miżjud" tfisser il-prezz mill-fabbrika tal-prodotti, imnaqqas mill-valur doganali tal-materjal importat minn pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea, l-Istati AKP li jkunu applikaw Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mill-inqas b'mod provviżorju, jew il-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej; jekk il-valur doganali ma jkunx magħruf jew ma jistax ikun stabbilit, jitqies l-ewwel prezz verifikabbli mħallas għall-materjal fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ghana;
- (j) "kapitoli" u "intestaturi" tfisser il-kapitoli u l-intestaturi b'erba' ċifri użati fin-nomenklatura li tiffirma s-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-Sistema Armonizzata" jew "SA");
- (k) "klassifikat" tfisser il-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt xi intestatura partikolari;
- (l) "kunsinna" tfisser il-prodotti li jkunu ntbagħtu simultanjament mingħand esportatur wieħed lejn destinatariju wieħed inkella trasportati b'dokument tat-trasport uniku li jkopri t-trasportazzjoni tagħhom mingħand l-esportatur lejn id-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, koperti b'fattura waħda;

- (m) "territorji" tfisser it-territorji inklużi l-ilmijiet territorjali;
- (n) "PTEE" tfisser il-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej kif definiti fl-Anness VIII ta' dan il-Protokoll;
- (o) "Kumitat" tfisser il-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali kif imsemmi fl-Artikolu 34 ta' dan il-Ftehim.

TITOLU II

DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI"

Artikolu 2

Kundizzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Unjoni Ewropea:
 - (a) il-prodotti miksuba b'mod sħiħ fl-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll;
 - (b) il-prodotti miksuba fl-Unjoni Ewropea li jinkorporaw materjali li ma jkunux inkisbu b'mod sħiħ hemmhekk, sakemm tali materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati b'mod suffiċjenti fl-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll.
2. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Ghana:
 - (a) il-prodotti miksuba b'mod sħiħ fil-Ghana skont it-tifsira tal-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll;
 - (b) il-prodotti miksuba fil-Ghana u li jinkorporaw materjali li ma jkunux inkisbu b'mod sħiħ hemmhekk, sakemm tali materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati b'mod suffiċjenti fil-Ghana skont it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 3

Prodotti miksuba b'mod sħiħ

1. Is-segventi għandhom jitqiesu bħala miksuba b'mod sħiħ fil-Ghana jew fl-Unjoni Ewropea:
 - (a) annimali ħajjin imwiċda u mrobbija hemm;
 - (b) prodotti minerali estratti mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar jew mill-oċean tagħha;
 - (c) prodotti veġetali maħsuda hemmhekk;
 - (d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;
 - (e) (i) prodotti miksuba bil-kaċċa jew is-sajd li jsir hemmhekk;
 - (ii) prodotti tal-akkwakultura, inkluż il-marikultura, meta l-annimali jkunu trabbew hemmhekk mindu jkunu għadhom bajd, ikunu faqqsu, larva jew ħut żgħir;
 - (f) prodotti tas-sajd fuq il-baħar u prodotti oħrajn miksuba mill-baħar barra mill-ibħra territorjali tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ghana mill-bastimenti tagħhom;
 - (g) prodotti magħmul fuq bastimenti fabbrika esklużivament minn prodotti msemmija fil-punt (f);
 - (h) oġġetti użati li huma tajbin biss għall-irkupru ta' materja prima;
 - (i) fdalijiet u skart li jirriżultaw mill-proċessi ta' manifattura li jsiru hemmhekk;
 - (j) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar barra mill-ibħra territorjali tagħhom sakemm ikollhom id-dritt esklużiv li jaħdmu dak il-qiegħ tal-baħar jew taħtu;
 - (k) merkanzija prodotta esklużivament hemmhekk mill-prodotti speċifikati fil-punti (a) sa (j).

2. It-termini “il-bastimenti tagħhom” u “il-bastimenti fabrika tagħhom” li jintużaw fil-punti (f) u (g) tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għal bastimenti u għal bastimenti fabrika:

- (a) li huma rreġistrati jew iskritti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fil-Ghana; u
- (b) li jtajru bandiera ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ghana; u
- (c) li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) ikunu mill-inqas 50 % proprjetà ta’ ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u/jew tal-Ghana; jew
 - (ii) ikunu proprjetà ta’ kumpaniji:
 - li s-sede tagħhom u l-post ewlieni tan-negozju tagħhom jinsabu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fil-Ghana, u
 - li jkunu mill-inqas 50 % proprjetà ta’ Stat Membru wieħed tal-Unjoni Ewropea jew aktar jew tal-Ghana jew ta’ awtoritajiet pubbliċi jew ta’ ċittadini ta’ wieħed minn dawn l-Istati jew aktar.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, fuq talba tal-Ghana, il-bastimenti chartered jew mikrija mill-Ghana għandhom jiġu ttrattati bħala “il-bastimenti tiegħu” għal attivitajiet tas-sajd fiż-żona ekonomika esklużiva tiegħu, sakemm tkun saret offerta minn qabel lill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea u li l-arranġamenti ta’ implimentazzjoni stabbiliti minn qabel mill-Kumitat ikunu ġew issodisfati. Il-Kumitat għandu jiżgura li jiġu rispettati l-kundizzjonijiet stipulati f’dan il-paragrafu.

4. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu jistgħu jkunu ssodisfati fi-Ghana kif ukoll fl-Istati parteċipi f’diversi ftehimiet ta’ sħubija ekonomika li magħhom tapplika l-akkumulazzjoni. F’dawn il-każijiet, il-prodotti għandhom jitqiesu oriġinarji tal-Istat tal-bandiera.

Artikolu 4

Prodotti maħduma jew ipproċessati b’mod suffiċjenti

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 2 ta’ dan il-Protokoll, il-prodotti li mhumiex miksubin b’mod sħiħ jitqiesu bħala prodotti maħduma jew ipproċessati b’mod suffiċjenti meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista li tinsab fl-Anness II ta’ dan il-Protokoll.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 2 ta’ dan il-Protokoll, u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, il-prodotti elenkati fl-Anness II-A ta’ dan il-Protokoll jistgħu jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati b’mod suffiċjenti, meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Anness. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 42(2) ta’ dan il-Protokoll, l-Anness II-A ta’ dan il-Protokoll għandu japplika biss għall-esportazzjonijiet mill-Ghana għal perijodu ta’ ħames (5) snin mid-data meta l-Protokoll jidħol fis-seħħ.

3. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu jindikaw, għall-prodotti kollha koperti b’dan il-Ftehim, il-ħidma jew l-ipproċessar li għandhom jitwettqu fuq il-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta’ dawn il-prodotti u japplikaw biss fir-rigward ta’ materjali ta’ dan it-tip. B’segwitu ta’ dan, jekk prodott, li jkun kiseb l-istatus oriġinarju billi ssodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f’xi waħda mil-listi, jintuża għall-manifattura ta’ prodott ieħor, il-kundizzjonijiet applikabbli għall-prodott li fih huwa jkun inkorporat ma jkunux applikabbli għalih, u ma jitqisux il-materjali mhux oriġinarji li setgħu ntużaw fil-manifattura tiegħu.

4. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu, il-materjali mhux oriġinarji li, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II u fl-Anness II-A ta’ dan il-Protokoll, ma għandhomx jintużaw fil-manifattura ta’ prodott speċifiku, jistgħu madankollu jintużaw, bil-kundizzjoni li:

- (a) il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-15 fil-mija tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott;
- (b) l-ebda wieħed mill-perċentwali mogħtija fil-lista f’dak li jirrigwarda l-valur massimu ta’ materjali mhux oriġinarji ma jinqabeż bl-applikazzjoni ta’ dan il-paragrafu.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.
6. Il-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw, soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 5

Operazzjonijiet ta' ħidma jew ipproċessar insuffiċjenti

1. L-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ħidma jew ipproċessar insuffiċjenti sabiex jingħata l-istatus ta' prodotti oriġinarji, kemm jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll jkunu ssodisfati kif ukoll jekk le:
- (a) l-operazzjonijiet ta' preservazzjoni destinati sabiex jiżguraw li l-prodotti jibqgħu f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna tagħhom;
 - (b) l-operazzjonijiet sempliċi li jikkonsistu fit-tneħħija ta' trab, it-tnaqqija jew l-għarbil, l-issortjar, il-klassifikazzjoni, l-għażla (inkluża l-kompożizzjoni ta' settijiet ta' oġġetti), il-ħasil, it-tindif, iż-żebgħa, l-illostrar, it-tqattigħ;
 - (c) l-eliminazzjoni ta' ossidu, żejt, żebgħa jew kisi ieħor;
 - (d) (i) bdil tal-imballaġġ, separazzjoni u assemblaġġ ta' pakketti;
 - (ii) is-sempliċi tqegħid fi fliexken, flaskijiet, basktijiet, bagalji, kaxex, tqegħid fuq tavli jew planki, eċċ, u l-operazzjonijiet sempliċi ta' ppakkjar l-oħrajn kollha;
 - (e) it-twaħħil ta' marki, tikketti, logos u sinjali distintivi oħrajn fuq il-prodotti jew l-imballaġġ tagħhom;
 - (f) it-taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' speċi differenti kif ukoll jekk le; taħlit ta' zokkor ma' kwalunkwe materjal;
 - (g) l-assemblaġġ sempliċi ta' biċċiet li jagħmlu prodott sħiħ;
 - (h) iż-żarmar sempliċi ta' prodotti f'biċċiet;
 - (i) il-mogħdija jew il-prensa tat-tessuti;
 - (j) il-ħruġ mill-fosdqa, l-ibbliċjar parzjali jew totali, l-illostrar u l-igglejżjar ta' ċereali u ross;
 - (k) il-proċessi biex jingħata kulur jew tingħata togħma liz-zokkor jew biex ikunu fformati ċangaturi taz-zokkor; it-tifrik parzjali jew totali ta' zokkor ikkristallizzati;
 - (l) it-tqaxxir, it-tneħħija tal-għadma jew tal-qoxra ta' frott, ġewż u ħaxix;
 - (m) it-tisnin, it-thin sempliċi jew il-qtuġh sempliċi;
 - (n) il-kombinazzjoni ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati fil-punti (a) sa (m);
 - (o) il-qtil tal-annimali.
2. L-operazzjonijiet kollha li jitwettqu fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ghana fuq prodott speċifikat għandhom jitqiesu flimkien meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk il-ħidma jew l-ipproċessar li għadda minnu l-prodott għandux jitqies bħala insuffiċjenti skont it-tifsira tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 6

Ħidma jew ipproċessar ta' materjal importat fl-Unjoni Ewropea mingħajr dazju

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-materjal mhux oriġinarju li jista' jkun importat fl-Unjoni Ewropea mingħajr ħlas ta' dazju b'applikazzjoni tat-tariffi konvenzjonali tas-sistema tan-nazzjon l-aktar favorit (MFN), skont it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾ tagħha, għandu jitqiesu bħala materjal oriġinarju tal-Ghana meta dan ikun inkorporat fi prodott miksub f'dan il-pajjiż, sakemm ikun inħadem jew ġie pproċessat b'mod li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll.

2. Iċ-ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 (fil-kaxxa 7) jew id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini maħruġin skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinkludu l-frażi li ġejja:

— "Application of Article 6(1) of Protocol No. 1 to the Ghana-EU EPA".

⁽¹⁾ Ara l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1), inkluż kull emenda sussegwenti.

3. L-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika kull sena lill-Kumitat bil-lista tal-materjal li għalih japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Ladarba tiġi nnotifikata, il-lista għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje C), kif ukoll mill-Ghana skont il-proċeduri proprji tagħha.

4. L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal materjali li, meta jiġu importati fl-Unjoni Ewropea jkunu soġġetti għal dazji anti-dumping jew dazji kompensatorji meta joriġinaw minn pajjiż li jkun soġġett għal dawn id-dazji anti-dumping jew dazji kompensatorji.

Artikolu 7

Akkumulazzjoni tal-orijini

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-materjal oriġinarju ta' waħda mill-Partijiet, ta' pajjiż ieħor tal-Afrika tal-Punent ⁽²⁾ li jgawdi minn aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-Unjoni Ewropea, tal-Istati AKP l-oħra li jkunu applikaw FSE mill-inqas b'mod provviżorju jew fil-PTEE, għandhom jitqiesu bħala oriġinarji tal-Parti l-oħra meta dawn ikunu inkorporati fi prodott miksub hemmhekk dment li l-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu saru minn din il-Parti jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll.

Meta l-ħidma jew l-ipproċessar li jsiru fil-Parti kkonċernata ma jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll, il-prodott miksub għandu jitqies biss bħala oriġinarju ta' din il-Parti meta l-valur miżjud ikun akbar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies bħala oriġinarju tal-pajjiż jew tat-territorju responsabbli għall-ogħla valur tal-materjali oriġinarji li jintużaw għall-manifattura tal-prodott finali.

L-orijini tal-materjal oriġinarju minn Stati AKP oħrajn li applikaw FSE mill-inqas b'mod provviżorju u mill-PTEE għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli tal-orijini applikabbli fil-qafas tal-arranġamenti preferenzjali bejn l-Unjoni Ewropea u dawn il-pajjiżi, u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 ta' dan il-Protokoll.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-ħidma u l-ipproċessar li jkunu saru f'waħda mill-Partijiet, fi Stati AKP oħrajn li applikaw FSE mill-inqas b'mod provviżorju jew fil-PTEE għandhom jitqiesu bħala li jkunu saru mill-Parti l-oħra meta l-materjal ikun għadda minn ħidma jew ipproċessar li jmorru lil hinn minn dak imsemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll.

Meta l-ħidma jew l-ipproċessar li jitwettqu f'waħda mill-Partijiet ma jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll, il-prodott miksub għandu jitqies bħala oriġinarju ta' dik il-Parti biss meta l-valur miżjud hemmhekk ikun akbar mill-valur tal-materjali użati f'xi wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies bħala oriġinarju tal-pajjiż jew tat-territorju responsabbli għall-ogħla valur tal-materjali li jintużaw għall-manifattura tal-prodott finali.

L-orijini tal-prodott finali għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli tal-orijini ta' dan il-Protokoll u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 tiegħu.

3. L-akkumulazzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu tista' tkun applikata biss għall-Istati AKP l-oħrajn li applikaw FSE mill-inqas b'mod provviżorju, għal pajjiż ieħor tal-Afrika tal-Punent li jgawdi minn aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għall-Unjoni Ewropea u għall-PTEE jekk:

- (a) il-pajjiżi jew it-territorji kollha involuti fl-akkwist tal-istatus oriġinarju u l-Parti destinatara jkunu kkonkludew ftehim jew arranġament ta' kooperazzjoni amministrattiva li jiżgura l-applikazzjoni tajba ta' dan l-Artikolu u li jinkludi referenza għall-użu tal-provi tal-orijini xierqa;
- (b) il-Ghana u l-Unjoni Ewropea jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija tar-Repubblika tal-Ghana, id-dettalji tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-pajjiżi jew it-territorji l-oħrajn imsemmija f'dan l-Artikolu. Id-data li fiha l-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu tista' tiġi applikata għall-pajjiżi jew it-territorji elenkati f'dan l-Artikolu li ssodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje C), kif ukoll mill-Ghana skont il-proċeduri proprji tagħha.

(²) Il-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent huma: il-Benin, il-Burkina Faso, Cape Verde, il-Gambja, il-Guinea-Bissau, il-Guinea, il-Kosta tal-Avorju, il-Liberja, il-Mauritania, il-Mali, in-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, Sierra Leone u t-Togo.

4. L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal materjali:
- (a) li jaqgħu taħt l-intestaturi 16.04 u 16.05 tas-Sistema Armonizzata li huma oriġinarji tal-Istati tal-Paċifiku firmatarji ta' FSE skont l-Artikolu 6.6 tal-Protokoll II tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra ^(*);
 - (b) li jaqgħu taħt l-intestaturi 16.04 u 16.05 tas-Sistema Armonizzata li huma oriġinarji tal-Istati tal-Paċifiku bl-użu ta' kwalunkwe dispożizzjoni futura ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika globali konkluż bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati AKP tal-Paċifiku;
 - (c) oriġinarji tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel u li ma jistgħux jiġu importati direttament fl-Unjoni Ewropea mingħajr dazju u mingħajr kwoti.
5. L-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika kull sena lill-Kumitat bil-lista tal-materjal imsemmi fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4(c) ta' dan l-Artikolu. Ladarba tiġi nnotifikata, il-lista għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Serje C), kif ukoll mill-Ghana skont il-proċeduri proprji tagħha.

Artikolu 8

Akkumulazzjoni ma' pajjiżi oħrajn li jgawdu minn aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-Unjoni Ewropea

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-materjal oriġinarju tal-pajjiżi u tat-territorji:
- (a) li jibbenefika minn "arranġament speċjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppatti" fi ħdan skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati tal-Unjoni Ewropea; jew
 - (b) li jgawdu minn aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-Unjoni Ewropea skont id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati;

għandu jitqies bħala materjal oriġinarju tal-Ghana meta dan ikun inkorporat fi prodott miksub f'dan il-pajjiż.

Ma għandux ikun meħtieġ li l-materjali kkonċernati jkunu soġġetti għal ħidma jew ipproċessar suffiċjenti, sakemm ikunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar li jmorru lil hinn minn dawk imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll. Jekk il-prodott li fih ikun ġie inkorporat dan il-materjal ikun fih ukoll materjal mhux oriġinarju, dan il-materjal għandu jinħadem jew jiġi pproċessat b'mod suffiċjenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll biex jitqies bħala oriġinarju tal-Ghana.

1.2. L-oriġini tal-materjal minn pajjiżi jew territorji oħrajn ikkonċernati għandha tiġi stabbilita skont ir-regoli tal-oriġini applikabbli fil-qafas tal-Iskema ta' Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati tal-Unjoni Ewropea, u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 ta' dan il-Protokoll.

1.3. L-akkumulazzjoni prevista f'dan il-paragrafu ma għandhiex tapplika għal dawn il-materjali:

- (a) li meta jiġu importati fl-Unjoni Ewropea jkunu soġġetti għal dazji anti-dumping jew dazji kompensatorji meta joriġinaw minn pajjiż li jkun soġġett għal dawn id-dazji anti-dumping jew dazji kompensatorji;
- (b) li jaqgħu taħt is-subintestaturi tariffarji tas-Sistema Armonizzata 3302.10 u 3501.10;
- (c) li jaqgħu taħt il-prodotti magħmulin mit-tonn, ikklassifikati fil-Kapitolu 3 tas-Sistema Armonizzata koperti mill-Iskema ta' Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati tal-Unjoni Ewropea;
- (d) li għalihom, il-preferenzi tariffarji huma mħassra (gradwazzjoni) jew sospiżi (klawsola ta' salvagwardja) fil-qafas tal-Iskema ta' Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati tal-Unjoni Ewropea.

2. Wara notifika min-naħa tal-Ghana, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2.1, 2.2 u 5 ta' dan l-Artikolu, il-materjal oriġinarju ta' pajjiżi jew territorji li jgawdu minn ftehimiet jew arranġamenti li jipprevedu aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-Unjoni Ewropea, għandu jitqies bħala materjal oriġinarju tal-Ghana. In-notifika għandha tintbagħat mill-Ghana lill-Unjoni Ewropea permezz tal-Kummissjoni Ewropea. L-akkumulazzjoni għandha tibqa' applikabbli dment li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħha jiġu ssodisfati. Ma għandux ikun meħtieġ li l-materjali kkonċernati jkunu soġġetti għal ħidma jew ipproċessar suffiċjenti, sakemm ikunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar li jmorru lil hinn minn dawk imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll.

(*) Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/729/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU UE L 272, 16.10.2009, p. 1).

2.1. L-oriġini tal-materjal minn pajjiżi jew territorji oħra kkonċernati, għandha tiġi stabbilita skont ir-regoli tal-oriġini applikabbli fil-qafas tal-ftehimiet jew l-arranġamenti preferenzjali bejn l-Unjoni Ewropea u daww il-pajjiżi jew it-territorji, u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 ta' dan il-Protokoll.

2.2. L-akkumulazzjoni prevista f'dan il-paragrafu ma għandhiex tapplika għal dawn il-materjali li:

- (a) jaqgħu taħt il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata u l-prodotti elenkati fl-Anness 1 — il-paragrafu 1.ii tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura inkluż fil-GATT tal-1994;
- (b) meta jiġu importati fl-Unjoni Ewropea jkunu soġġetti għal dazji anti-dumping jew dazji kompensatorji meta joriġinaw minn pajjiż li jkun soġġett għal dawn id-dazji anti-dumping jew dazji kompensatorji;
- (c) bis-saħħa tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż terz, ikunu soġġetti għall-miżuri kummerċjali u għall-miżuri ta' salvagwardja, jew għal kwalunkwe miżura oħra li tirrifjuta l-aċċess ta' dawn il-prodotti għas-suq tal-Unjoni mingħajr dazju u mingħajr kwoti.

3. L-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika kull sena lill-Kumitat bil-lista ta' materjal u tal-pajjiżi li għalihom għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Ladarba tiġi nnotifikata, il-lista għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Serje C), kif ukoll mill-Ghana skont il-proċeduri proprji tagħha. Il-Ghana għandha tinnotifika kull sena lill-Kumitat bil-materjal li għalih tkun ġiet applikata l-akkumulazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Iċ-ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 (kaxxa 7) jew id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini maħruġin skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom jinkludu l-frażi li ġejja:

— "Application of Article 8.1 or 8.2 of Protocol No. 1 to the Ghana-EU EPA".

5. L-akkumulazzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu tista' tapplika biss bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-pajjiżi parteċipanti kollha għall-akkwist tal-istatus oriġinarju jkunu kkonkludew ftehim jew arranġament ta' kooperazzjoni amministrattiva li jiżgura l-applikazzjoni tajba ta' dan l-Artikolu u li jinkludi referenza għall-użu tal-provi tal-oriġini xierqa;
- (b) il-Ghana tippovdu lill-Unjoni Ewropea, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, id-dettalji tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-pajjiżi jew it-territorji l-oħrajn imsemmija f'dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje C) id-data meta l-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu tkun tista' tiġi applikata għall-pajjiżi jew it-territorji elenkati f'dan l-Artikolu li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti neċessarji.

Artikolu 9

Unità ta' kwalifika

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandha tkun il-prodott partikolari li huwa kkunsidrat bħala l-unità bażi għad-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni bbażata fuq in-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

Dan ifisser li:

- (a) meta prodott, li jkun magħmul minn grupp jew ġabra ta' oġġetti, jiġi kklassifikat taħt it-termini tas-Sistema Armonizzata f'intestatura waħda, l-entità sħiħa tikkostitwixxi l-unità ta' kwalifika;
- (b) meta kunsinna tkun magħmula minn ċertu numru ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott jitqies b'mod individwali fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

2. Meta skont ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-imballaġġi jkunu inklużi mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, dawn l-imballaġġi għandhom jitqiesu għad-determinazzjoni tal-oriġini.

*Artikolu 10***Aċċessorji, partijiet ta' rikambju u għodod**

Aċċessorji, partijiet ta' rikambju u għodod mibgħuta ma' biċċa tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura, li huma parti mit-tagħmir normali u huma inklużi fil-prezz tiegħu jew li mhumiex fatturati separatament, għandhom jitqiesu li jiffurmaw ħaġa waħda mal-biċċa tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura kkonċernati.

*Artikolu 11***Settijiet ta' oġġetti mħalltin**

Settijiet, kif imfissra fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala oriġinarji, bil-kundizzjoni li l-komponenti kollha tal-prodotti jkunu oriġinarji. Madankollu, meta sett ikun magħmul minn oġġetti oriġinarji u oħrajn mhux oriġinarji, is-sett kollu għandu jitqies bħala wieħed oriġinarju, sakemm il-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jaqbiżx il-15 fil-mija tal-prezz mill-fabbrika tas-sett.

*Artikolu 12***Elementi newtrali**

Sabiex jiġi stabbilit jekk prodott ikunx oriġinarju, ma għandux ikun meħtieġ li tiġi stabbilita l-orijini tal-elementi li ġejjin, li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

- (a) l-enerġija u l-fjuwil;
- (b) l-installazzjonijiet u t-tagħmir;
- (c) il-makkinarji u l-għodod;
- (d) il-merkanzija li la tidħol fil-kompożizzjoni finali tal-prodott u lanqas mhija maħsuba li tagħmel dan.

*Artikolu 13***Segregazzjoni tal-kontabbiltà**

1. Fil-każijiet fejn jinqalgħu spejjeż konsiderevoli jew diffikultajiet materjali fiż-żamma ta' ħażniet partikolari ta' materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji, l-awtoritajiet doganali jistgħu, wara talba bil-miktub ta' dawk ikkonċernati, jawtorizzaw li jintuża l-metodu msejjaħ "segregazzjoni tal-kontabbiltà" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"metodu") għall-immaniġġjar ta' dawn it-tipi ta' ħażniet.
2. Il-metodu għandu japplika wkoll għaz-zokkor mhux raffinat mingħajr aromatizzanti jew sustanzi koloranti u maħsub sabiex jiġi rraffinat, oriġinarju u mhux oriġinarju, skont is-subintestaturi 1701.12, 1701.13 u 1701.14 tas-Sistema Armonizzata, li huwa fiżikament ikkombinat u mħallat fil-Ghana jew fl-Unjoni Ewropea qabel ma jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u, rispettivament, lejn il-Ghana.
3. Il-metodu għandu jiżgura li f'kull mument, in-numru ta' prodotti miksubin li jistgħu jitqiesu bħala oriġinarji tal-Ghana jew tal-Unjoni Ewropea huwa l-istess bħal dak li kien jinkiseb kieku kien hemm segregazzjoni fiżika tal-istokkijiet.
4. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu soġġetta għal kwalunkwe kundizzjoni li titqies xierqa.
5. Il-metodu għandu jiġi applikat, u l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi reġistrata, fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà applikabbli fil-pajjiż fejn il-prodott kien manifatturat.
6. Il-benefiċjarju tal-metodu jista' joħroġ provi ta' oriġini jew japplika għalihom, skont kif ikun il-każ, għall-kwantità ta' prodotti li jistgħu jitqiesu bħala oriġinarji. Fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali, il-benefiċjarju għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' kif kienu mmaniġġjati l-kwantitajiet.

7. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu li sar mill-awtorizzazzjoni u jistgħu jirtirawha kull meta l-benefiċjarju jaqsmel użu skorrett mill-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe mod possibbli jew jonqos milli jissodisfa kwalunkwe kundizzjoni oħra stipulata f'dan il-Protokoll.

8. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, it-termini "materjali funġibbli" jew "prodotti funġibbli" għandhom jirreferu għal materjali jew prodotti tal-istess tip u tal-istess kwalità kummerċjali, li għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ma jistgħux jiġu distinti wieħed mill-ieħor għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-orijini.

TITOLU III

REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 14

Prinċipju tat-territorjalità

1. Għajr għal kif previst fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll, il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu II ta' dan il-Protokoll għall-kisba ta' status oriġinarju għandhom jiġu ssodisfati mingħajr interruzzjoni fil-Ghana jew fl-Unjoni Ewropea.

2. Għajr għal kif previst fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll fejn il-merkanzija oriġinarja esportata mill-Ghana jew mill-Unjoni Ewropea lejn pajjiż ieħor tintbagħat lura, din trid titqies bħala mhux oriġinarja, ħliet jekk jista' jintwera b'mod li jissodisfa l-awtoritajiet doganali li:

(a) il-merkanzija rritornata hija l-istess li ġiet esportata; u

(b) ma għaddietx minn kwalunkwe operazzjoni li tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex tippreservaha f'kundizzjoni tajba waqt li kienet tinsab f'dak il-pajjiż jew waqt li kienet qed tiġi esportata.

3. Il-kisba ta' status oriġinarju skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu II ta' dan il-Protokoll ma għandhiex tiġi affettwata mill-ħidma jew l-ipproċessar li jseħħu barra mill-Unjoni Ewropea jew mill-Ghana fuq il-prodotti esportati mill-Unjoni Ewropea jew mill-Ghana u sussegwentament importati mill-ġdid hemmhekk, dment li:

(a) il-prodotti msemmija jkunu nkisbu b'mod sħiħ fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ghana jew ikunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll qabel ma jkunu esportati; u

(b) jista' jintwera b'mod li jissodisfa l-awtoritajiet doganali li:

(i) il-ħidma u l-ipproċessar ta' barra l-Unjoni Ewropea jew il-Ghana jkunu twettqu skont il-proċedura ta' proċessar passiv jew proċeduri simili;

(ii) il-merkanzija li tkun ġiet importata mill-ġdid tkun inkisbet billi jinħadmu jew jiġu pproċessati l-prodotti esportati; u

(iii) l-ispejjeż kollha li jirriżultaw barra mill-Ghana jew mill-Unjoni Ewropea, inkluż il-valur tal-materjali miżjuda magħhom, ma jaqbżux l-10 % tal-prezz tal-ħruġ mill-fabbrika tal-prodott finali li għalih ikun allegat l-istatus oriġinarju.

4. Għall-merkanzija li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-ispejjeż kollha li jirriżultaw barra mill-Ghana jew mill-Unjoni Ewropea, inkluż il-valur tal-materjali miżjuda magħhom, għandhom jitqiesu bħala materjali mhux oriġinarji. F'dak il-każ, id-determinazzjoni tal-istatus oriġinarju tal-merkanzija għandha ssir permezz tal-applikazzjoni tar-regoli stipulati fl-Anness II ta' dan il-Protokoll filwaqt li jiġi akkumulat il-valur totali tal-materjali mhux oriġinarji użati kemm fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ghana kif ukoll minnhom.

5. Il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-prodotti li jistgħu jitqiesu maħduma jew ipproċessati b'mod suffiċjenti biss f'każ li tiġi applikata t-tolleranza ġenerali ffissata fl-Artikolu 4(4) ta' dan il-Protokoll.

6. Il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

Artikolu 15

Nonalterazzjoni

1. Il-prodotti oriġinarji ddikjarati għall-użu domestiku f'Parti għandhom ikunu l-istess prodotti esportati mill-Parti l-oħra li fiha jkunu kisbu status oriġinarju. Dawn ma għandhomx jiġu alterati, ittrasformati b'xi mod jew ikunu soġġetti għal xi operazzjoni għajr biex jiġu ppreżervati f'kundizzjoni tajba jew fil-każ ta' żieda jew twaħħil ta' marki, tikketti, siġilli jew xi tip ta' dokumentazzjoni oħra, biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti domestiċi speċifiċi tal-Parti tal-importazzjoni, qabel ma jiġu ddikjarati tajbin għall-użu domestiku.
2. Il-ħżin tal-prodotti jista' jsir f'Parti terza sakemm dawn jibqgħu taħt is-supervizzjoni doganali f'dik il-Parti terza.
3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV, il-qsim tal-kunsinni jista' jsir fit-territorju ta' Parti terza meta jsir mill-esportatur jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu sakemm il-kunsinni jibqgħu taħt is-supervizzjoni doganali f'dik il-Parti terza.
4. F'każ ta' dubju jekk hemmx konformità mal-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 sa 3, l-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu lill-importatur biex jipprovdi evidenza tal-konformità, li tista' tingħata bi kwalunkwe mezz, inklużi d-dokumenti kuntrattwali tat-trasport bħal poloz ta' kargu jew evidenza fattwali jew konkreta bbażata fuq l-immarkar jew innumerazzjoni tal-imballaġġi jew kwalunkwe evidenza relatata mal-prodotti nfushom.

Artikolu 16

Wirjiet

1. Il-prodotti oriġinarji, li jintbagħtu għal wirja f'pajjiż jew territorju li mhuwiex wieħed minn daww imsemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll li magħhom tapplika l-akkumulazzjoni u li jinbiegħu wara l-wirja sabiex jiġu importati fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ghana, meta jiġu importati għandhom igawdu mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, bil-kundizzjoni li jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:
 - (a) esportatur ikun bagħat dawn il-prodotti mill-Ghana jew mill-Unjoni Ewropea lejn il-pajjiż fejn tkun saret il-wirja u li fih hu jkun eżibihom;
 - (b) dan l-esportatur ikun biegħ il-prodotti jew ikun iddispona minnhom b'mod ieħor lil destinatariju fil-Ghana jew fl-Unjoni Ewropea;
 - (c) il-prodotti jkunu ġew ikkunsinnati waqt il-wirja jew immedjatament wara fl-istat li jkunu ġew mibgħuta għall-wirja; u
 - (d) miż-żmien li jkunu ġew ikkunsinnati għall-wirja, il-prodotti ma jkunux intużaw għal skopijiet oħra għajr biex jiġu eżibiti fil-wirja.
2. Prova tal-oriġini għandha tinħareġ jew titfassal skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV ta' dan il-Protokoll u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni fil-kundizzjonijiet normali. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandhom ikunu indikati fuqha. Fejn ikun meħtieġ, tista' tinħtieġ evidenza dokumentarja addizzjonali tal-kundizzjonijiet li taħthom ġew eżibiti l-prodotti.

3. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika għal kull wirja, fiera jew demostrazzjoni pubblika simili ta' natura kummerċjali, industrijali, agrikola jew artiġjanali, li ma tkunx ġiet organizzata għal finijiet privati fi ħwienet jew postijiet tan-negozju bl-għan ta' bejgħ ta' prodotti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll tad-dwana.

TITOLU IV

PROVA TAL-ORIĠINI

Artikolu 17

Kundizzjonijiet ġenerali

1. Il-prodotti oriġinarji tal-Unjoni Ewropea, meta jiġu importati fil-Ghana, għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim, meta fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 21(1) jippreżentaw dikjarazzjoni, minn hawn 'il quddiem imsejħa "dikjarazzjoni tal-oriġini", mogħtija mill-esportatur fuq fattura, irċevuta ta' kunsinna jew dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f'dettall suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati; it-test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini jidher fl-Anness IV ta'dan il-Protokoll.
2. Mal-importazzjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, il-prodotti oriġinarji tal-Ghana għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim wara l-preżentazzjoni ta':
 - (a) ċertifikat ta' moviment tal-merkanzija EUR.1, li mudell tiegħu jinsab fl-Anness III ta' dan il-Protokoll; jew
 - (b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 21(1) ta' dan il-Protokoll, dikjarazzjoni, minn hawn 'il quddiem imsejħa "dikjarazzjoni tal-oriġini", mogħtija mill-esportatur fuq fattura, irċevuta tal-kunsinna jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f'dettall suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati; it-test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini jidher fl-Anness IV ta'dan il-Protokoll.
3. Mingħajr preġudizzju għall-punt (c) tal-Artikolu 42(3), id-dispożizzjonijiet taħt il-paragrafu 2(a) ta' dan l-Artikolu se jkunu infurzabbli sa tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll. Wara dak il-perijodu, għandhom japplikaw biss id-dispożizzjonijiet taħt il-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu.
4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-prodotti oriġinarji skont it-tifsira ta' dan il-Protokoll għandhom jibbenefikaw mill-Ftehim, fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 26 tiegħu, mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi ppreżentat ebda dokument imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, l-esportaturi għandhom jagħmlu kull sforz biex jużaw lingwa komuni kemm għall-Ghana kif ukoll għall-Unjoni Ewropea.

Artikolu 18

Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1

1. Iċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni meta ssir talba bil-miktub mill-esportatur jew, taħt ir-responsabbiltà tal-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.
2. Għal dan il-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jimla kemm iċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 kif ukoll il-formola tal-applikazzjoni, li l-mudelli tagħhom jidhru fl-Anness III ta' dan il-Protokoll. Dawn il-formoli għandhom jimtlew skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Jekk dawn il-formoli jkunu miktubin bl-idejn, dawn għandhom jimtlew b'linka u b'karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa riżervata għal dan l-iskop mingħajr ma jitħallew linji vojta. Jekk il-kaxxa ma tkunx mimlija kollha, għandha titniżżel linja orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni, bl-ispazju vojta jiġi ingassat.
3. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 għandu jkun ippreparat sabiex jippreżenta, f'kull ħin, fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni fejn jinħareġ iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati kif ukoll tal-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll.
4. Għandu jinħareġ ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 mill-awtoritajiet doganali tal-Ghana jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Ghana jew ta' wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll u jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

5. L-awtoritajiet doganali emittenti għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jivverifikaw l-istatus oriġinarju tal-prodotti u jekk ġewx issodisfati r-rekwiżiti l-oħra kollha ta' dan il-Protokoll. Għal dan il-għan, huma għandu jkollhom idritt li jitolbu l-evidenza kollha u li jagħmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kwalunkwe tip ta' kontroll ieħor meqjus xieraq. L-awtoritajiet doganali inkarigati għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ikunu mimlijin kif dovut. B'mod partikolari, għandhom jikkontrollaw li l-ispazju riżervat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkun imtela b'mod li jeskludi kull possibiltà ta' żidiet frawdolenti.
6. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 għandha tiġi indikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat.
7. Ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-esportatur malli ssir l-esportazzjoni attwali jew meta din tiġi żgurata.

Artikolu 19

Ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 maħruġin b'mod retrospettiv

1. Minkejja l-Artikolu 18(7) ta' dan il-Protokoll, ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 jista' jinħareġ b'mod eċċezzjonali wara l-esportazzjoni tal-prodotti li għalihom ikun jirreferi jekk:
 - (a) ma jkunx inħareġ fiż-żmien tal-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkostanzi speċjali; jew
 - (b) jintwera, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, li nħareġ ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 iżda ma kienx aċċettat waqt l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.
2. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fl-applikazzjoni tiegħu l-esportatur għandu jindika l-post u d-data tal-esportazzjoni tal-prodotti li għalihom jirreferi ċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1, u jagħti r-raġunijiet għat-talba tiegħu.
3. L-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu ċertifikat ta' moviment tal-merkanzija EUR.1 retrospettivament biss wara li jivverifikaw li l-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni tal-esportatur taqbel ma' dik fil-fajl korrispondenti.
4. Iċ-ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 maħruġin retrospettivament għandhom ikunu annotati bil-frażi li ġejja:

“ISSUED RETROSPECTIVELY”.
5. L-annotazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tiddaħħal fil-kaxxa “Rimarki” taċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1.

Artikolu 20

Ħruġ ta' kopja ta' ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1

1. F'każ ta' serq, telf jew qerda ta' ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1, l-esportatur jista' japplika għand l-awtoritajiet doganali li ħarġuh għal kopja maħruġa fuq il-bażi tad-dokumenti tal-esportazzjoni li jkollhom fil-pussess tagħhom.
2. Il-kopja maħruġa b'dan il-mod trid tiġi annotata bil-frażi li ġejja:

“DUPLICATE”.
3. L-annotazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiddaħħal fil-kaxxa “Rimarki” taċ-ċertifikat dupplikat ta' moviment tal-merkanzija EUR.1.
4. Il-kopja, li jrid ikollha d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 oriġinali, għandha tidħol fis-seħħ minn dik id-data.

*Artikolu 21***Kundizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni tal-orijini**

1. Dikjarazzjoni tal-orijini tista' ssir:
 - (a) kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) ta' dan il-Protokoll minn esportatur irregiſtrat f'konformità mal-leġislazzjoni interna tal-Unjoni Ewropea;
 - (b) fil-każijiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 17(2):
 - (i) sa tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, minn esportatur kif previst fl-Artikolu 22;
 - (ii) tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, minn esportatur irregiſtrat skont il-leġislazzjoni interna tal-Ghana;
 - (c) minn kwalunkwe esportatur għal kull kunsinna li tikkonsisti f'pakkett wieħed jew aktar li fihom prodotti oriġinarji, li l-valur totali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 6 000.
2. Dikjarazzjoni tal-orijini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Ghana, tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll u li tissodisfa r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.
3. L-esportatur li jstabbilixxi d-dikjarazzjoni tal-orijini għandu jkun ippreparat li jippreżenta f'kull ħin, fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati kif ukoll tal-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll.
4. L-esportatur għandu jstabbilixxi d-dikjarazzjoni tal-orijini bl-ittajppar, l-istampar jew l-ittimbrar fuq il-fattura, l-irċevuta ta' kunsinna jew xi dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness IV ta' dan il-Protokoll, billi juża l-verżjonijiet lingwistiċi stabbiliti f'dak l-Anness u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Jekk id-dikjarazzjoni għandha tkun miktuba bl-id, din għandha tkun miktuba bil-linka u b'karattri stampati.
5. Id-dikjarazzjonijiet tal-orijini għandu jkollhom il-firma oriġinali tal-esportatur bil-miktub. Madankollu d-dikjarazzjonijiet ta' oriġini ma għandhomx ikunu ffirmati minn esportatur irregiſtrat skont it-tifsira tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew minn esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 22 dment li l-esportatur approvat jagħti lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni garanzija bil-miktub li jaċċetta r-responsabilità sħiħa għal kwalunkwe dikjarazzjoni tal-orijini li tidentifikah bħala daqslikieku ġiet iffirmata minnu bil-miktub.
6. Dikjarazzjoni tal-orijini tista' tiġi stabbilita mill-esportatur meta l-prodotti li tagħmel referenza għalihom jiġu esportati, jew inkella wara l-esportazzjoni, bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fil-pajjiż tal-importazzjoni sa mhux aktar minn sentejn (2) wara l-importazzjoni tal-prodotti li tagħmel referenza għalihom.

*Artikolu 22***Esportatur approvat**

1. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni jistgħu jawtorizzaw lil kull esportatur, li frekwentament jitrasporta prodotti koperti mid-dispożizzjonijiet relatati mal-kooperazzjoni kummerċjali tal-Ftehim, li jipprovdi dikjarazzjonijiet tal-orijini irrISPETTIVAMENT mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Kull esportatur li jitlob din l-awtorizzazzjoni jrid joffri l-garanziji kollha meħtieġa għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, biex jiġi vverifikat l-istatus oriġinarju tal-prodotti kif ukoll li r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll huma ssodisfati.
2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni li jqisu xierqa.
3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat numru ta' awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-orijini.
4. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe ħin. Dawn għandhom jaqsmu dan meta l-esportatur approvat ma joffrix iżjed il-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew juża b'mod mhux korrett l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 23

Validità ta' prova tal-orijini

1. Prova tal-orijini għandha tkun valida għal għaxar (10) xhur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż tal-esportazzjoni, u għandha tkun ippreżentata fil-perijodu msemmi lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni.
2. Il-provi tal-orijini li jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni wara d-data finali għall-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu aċċettati għall-iskop tal-applikazzjoni tat-trattament preferenzjali, meta n-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali stabbilita jkun dovut għal ċirkostanzi eċċezzjonali.
3. F'każijiet oħra ta' preżentazzjoni tard, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jistgħu jaċċettaw il-provi tal-orijini meta l-prodotti jkunu ġew ippreżentati qabel id-data finali msemmija.

Artikolu 24

Preżentazzjoni tal-prova tal-orijini

Il-provi tal-orijini għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni skont il-proċeduri applikabbli f'dak il-pajjiż. Dawn l-awtoritajiet jistgħu jeħtieġu t-traduzzjoni ta' prova tal-orijini. L-awtoritajiet jistgħu jeħtieġu wkoll li d-dikjarazzjoni ta' importazzjoni tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni mingħand l-importatur li fiha jiddikjara li l-prodotti jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 25

Importazzjoni gradwali

Meta, fuq it-talba tal-importatur u bil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' importazzjoni, il-prodotti żarmati jew mhux assemblati, skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata li jaqgħu taħt it-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi 73.08 u 94.06 tas-Sistema Armonizzata, jiġu importati gradwalment, għandha tiġi ippreżentata prova waħda tal-orijini lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel kunsinna.

Artikolu 26

Eżenzjonijiet mill-prova tal-orijini

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti zġhar minn persuni privati lil persuni privati jew li jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom ikunu ammessi bħala prodotti oriġinarji mingħajr ma jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' prova tal-orijini, sakemm dawn il-prodotti ma jkunux importati kummerċjalment u jkunu ddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-eżattezza ta' din it-tip ta' dikjarazzjoni. Fil-każ ta' prodotti mibgħuta bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni doganali NM22/NM23 jew fuq folja annessa ma' dak id-dokument.
2. Importazzjonijiet okkażjonali u li jikkonsistu biss fi prodotti għall-użu personali tar-riċevituri jew tal-vjaġġaturi jew il-familji tagħhom, ma għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet mhux kummerċjali jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma hemm l-ebda skop kummerċjali.
3. Barra minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti ma għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti zġhar, jew l-EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

Artikolu 27

Proċedura ta' informazzjoni għal finijiet ta' akkumulazzjoni

1. Meta jiġi applikat l-Artikolu 7(1) ta' dan il-Protokoll, il-prova tal-istatus oriġinarju, skont it-tifsira ta' dan il-Protokoll, tal-materjali li jkunu ġejjin mill-Ghana, mill-Unjoni Ewropea jew minn Stat AKP ieħor li jkun applika l-FSE mill-inqas b'mod provviżorju jew minn PTEE, għandha tingħata b'ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 jew b'dikjarazzjoni tal-oriġini jew b'dikjarazzjoni tal-fornitur, li l-mudell tagħha jinsab fl-Anness V-A ta' dan il-Protokoll, mogħtija mill-esportatur fil-Ghana jew fl-Unjoni Ewropea minn fejn ikunu ġejjin il-materjali.
2. Meta jiġi applikat l-Artikolu 7(2) ta' dan il-Protokoll, il-prova tal-ħidma jew tal-ipproċessar tal-materjali fil-Ghana, fl-Unjoni Ewropea jew fi Stat AKP ieħor li jkun applika l-FSE mill-inqas b'mod provviżorju jew fil-PTEE għandha tingħata permezz ta' dikjarazzjoni tal-fornitur, li l-mudell tiegħu jinsab fl-Anness V-B ta' dan il-Protokoll, mogħtija mill-esportatur fil-Ghana jew fl-Unjoni Ewropea minn fejn ikunu ġejjin il-materjali.
3. Meta jiġi applikat l-Artikolu 8(1) ta' dan il-Protokoll, il-provi dokumentarji tal-oriġini għandhom jiġu determinati skont ir-regoli applikabbli għall-pajjiżi tal-SĠP (*).
4. Meta jiġi applikat l-Artikolu 8(2) ta' dan il-Protokoll, il-provi dokumentarji tal-oriġini għandhom jiġu determinati skont ir-regoli stipulati fl-arranġamenti jew fil-ftehimiet rilevanti.
5. Il-fornitur għandu jgħodgħ dikjarazzjoni tal-fornitur separata għal kull kunsinna ta' merkanzija fuq il-fattura kummerċjali għal dak il-vjeġġ jew bħala anness ta' dik il-fattura, jew inkella fuq l-irċevuta ta' kunsinna jew dokument kummerċjali ieħor relatat ma' din il-kunsinna li jiddeskrivi l-materjali kkonċernati f'dettall suffiċjenti biex ikunu jistgħu jiġu identifikati.
6. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur tista' tinħareġ fuq formola stampata minn qabel.
7. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għandhom ikollhom il-firma oriġinali tal-fornitur bil-miktub. Iżda, fejn il-fattura u d-dikjarazzjoni tal-fornitur ikunu maħruġin permezz ta' metodi elettroniċi ta' pproċessar ta' data, id-dikjarazzjoni tal-fornitur ma hemmx b'żonn li tkun iffirmita bil-miktub sakemm l-uffiċjal responsabbli fil-kumpanija tal-forniment ikun identifikabbli b'mod li jissodisfa lill-awtoritajiet doganali fl-Istat fejn id-dikjarazzjoni tal-fornitur tkun maħruġa. Dawn l-awtoritajiet doganali jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.
8. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali fil-pajjiż ta' esportazzjoni fejn jintalab li jingħata ċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1.
9. Il-fornitur li jgħodgħ id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt, fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun maħruġa d-dikjarazzjoni, id-dokumenti kollha adatti li jagħtu prova li l-informazzjoni mogħtija f'dik id-dikjarazzjoni tkun korretta.
10. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u ċ-ċertifikati tal-informazzjoni maħruġin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll skont l-Artikolu 26 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Cotonou għandhom jibqgħu validi.

Artikolu 28

Dokumenti ta' sostenn

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 18(3) u 21(3) ta' dan il-Protokoll maħsuba biex jiġi stabbilit li l-prodotti koperti b'ċertifikat ta' moviment tal-merkanzija EUR.1 jew b'dikjarazzjoni tal-oriġini, jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Ghana, tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll, jistgħu jiġu ppreżentati, fost l-oħrajn, fil-forom li ġejjin:

- (a) prova diretta tal-proċessi li saru mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex tinkiseb il-merkanzija kkonċernata, inklużi, pereżempju fil-kontijiet jew il-kontabbiltà interna tiegħu;

(*). Ara r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU UE L 343, 29.12.2015, p. 1) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU UE L 343, 29.12.2015, p. 558).

- (b) dokumenti li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-materjali użati, maħruġin jew stabbiliti fil-Ghana, fl-Unjoni Ewropea jew f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħrajn imsemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll meta dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi nazzjonali;
- (c) dokumenti li jagħtu prova tal-ħidma jew l-ipproċessar tal-materjali fil-Ghana, fl-Unjoni Ewropea jew f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħrajn imsemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll, stabbiliti jew maħruġin fil-Ghana, fl-Unjoni Ewropea jew f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħrajn imsemmija Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll meta dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi nazzjonali;
- (d) ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 jew dikjarazzjonijiet tal-oriġini li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-materjali użati, maħruġin jew stabbiliti fil-Ghana, fl-Unjoni Ewropea jew f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħrajn imsemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 u skont dan il-Protokoll.

Artikolu 29

Preservazzjoni tal-provi tal-oriġini u tad-dokumenti ta' sostenn

1. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 għandu jżomm sa mill-inqas tliet (3) snin id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 18(3).
2. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jżomm sa mill-inqas tliet (3) snin kopja ta' din id-dikjarazzjoni tal-oriġini kif ukoll tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 21(3) ta' dan il-Protokoll.
3. Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni għandu jżomm, għal mill-inqas tliet (3) snin, il-kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, l-irċevuti ta' kunsinna jew ta' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa d-dikjarazzjoni kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 27(9).
4. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni li joħorġu ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 għandhom iżommu għal mill-inqas tliet (3) snin l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(2).
5. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandhom iżommu għal mill-inqas tliet (3) snin iċ-ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet tal-oriġini ppreżentati lilhom.

Artikolu 30

Diskrepanzi u żbalji formali

1. L-identifikar ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fil-prova tal-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali bil-għan li jitwettqu l-formalitajiet ta' importazzjoni tal-prodotti, ma għandhomx *ipso facto* jwasslu biex il-prova tal-oriġini tkun nulla u bla effett jekk ikun stabbilit b'mod xieraq li dan id-dokument jikkorrispondi għall-prodotti ppreżentati.
2. L-iżbalji formali ovvji bħalma huma żbalji tat-tipa fuq prova tal-oriġini ma għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jiġi rrifjutat jekk dawn l-iżbalji ma jkunux tali li joħlqu dubji dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula fid-dokument imsemmi.

Artikolu 31

Ammonti espressi f'euro

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 21(1) u tal-Artikolu 26(3) ta' dan il-Protokoll, f'każijiet fejn il-prodotti jkunu fatturati f'munita li ma tkunx l-euro, l-ammonti fil-munita nazzjonali tal-Ghana, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-pajjiżi jew tat-territorji l-oħrajn imsemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll li jkunu ekwivalenti għall-ammonti espressi f'euro, għandhom jiġu stabbiliti kull sena minn kull pajjiż ikkonċernat.
2. Kunsinna għandha tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 21(1) jew tal-Artikolu 26(3) ta' dan il-Protokoll b'referenza għall-munita li fiha ssir il-fattura, skont l-ammont stabbilit mill-pajjiż ikkonċernat.

3. L-ammonti li għandhom jintużaw fi kwalunkwe munita nazzjonali għandhom ikunu l-ekwivalenti f'dik il-munita għall-ammonti espressi f'euro fl-ewwel ġurnata xogħol ta' Ottubru ta' kull sena. Dawn l-ammonti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru u japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-pajjiżi kollha kkonċernati bl-ammonti rilevanti.

4. Pajjiż jista' jaġġusta 'l fuq jew 'l isfel l-ammont li jirriżulta mill-kambju fil-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont espress f'euro. L-ammont aġġustat ma jistax iwarja b'aktar minn 5 fil-mija mill-ammont li jirriżulta mill-kambju. Pajjiż jista' jżomm bla ma jibdel l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali ta' ammont espress f'euro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kambju ta' dak l-ammont, qabel kull aġġustament, jirriżulta f'żieda ta' inqas minn 15 fil-mija fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ekwivalenti tal-munita nazzjonali jista' jinżamm mhux mibdul jekk il-kambju jirriżulta fi tnaqqis f'dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu rieżaminati mill-Kumitat wara li ssir talba mill-Unjoni Ewropea jew mill-Ghana. Meta jwettaq dan ir-rieżami, il-Kumitat għandu jeżamina l-opportunità li l-effetti tal-limiti kkonċernati jinżammu f'termini reali. Għal dan il-għan, jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi f'euro.

TITOLU V

KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 32

Kundizzjonijiet amministrattivi għal prodotti biex jibbenefikaw mill-Ftehim

Fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-importazzjoni tad-dwana, il-prodotti oriġinarji tal-Ghana jew tal-Unjoni Ewropea għandhom jibbenefikaw, skont it-tifsira ta' dan il-Protokoll, mill-preferenzi li jirriżultaw mill-Ftehim bil-kundizzjoni biss li dawn ikunu ġew esportati fid-data li fiha l-pajjiż tal-esportazzjoni jikkonforma mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 33, 34 u 44 ta' dan il-Protokoll, jew wara din id-data.

Il-partijiet għandhom jinnotifikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 33

Notifika tal-awtoritajiet doganali

1. Il-Ghana u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, l-indirizzi tal-awtoritajiet doganali responsabbli għall-ħruġ u l-verifika taċ-ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1, id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur, kif ukoll il-mudelli tat-timbri użati fl-uffiċċji doganali tagħhom għall-ħruġ ta' dawn iċ-ċertifikati.

Iċ-ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għandhom jiġu aċċettati għall-iskopijiet ta' applikazzjoni għal trattament preferenzjali mid-data meta din l-informazzjoni tasal għand il-Kummissjoni Ewropea.

2. Il-Ghana u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jinfurmaw lil xulxin, immedjatament, bi kwalunkwe bidla li tikkonċerna l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jaġixxu bl-awtorità tal-gvern tal-pajjiż ikkonċernat. L-awtoritajiet responsabbli mill-kontroll u l-verifika għandhom jinfurmaw parti mill-awtoritajiet governattivi tal-pajjiż ikkonċernat.

Artikolu 34

Metodi oħrajn ta' kooperazzjoni amministrattiva

1. Sabiex jiggarantixxu l-applikazzjoni korretta ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni Ewropea, il-Ghana u l-pajjiżi l-oħrajn imsemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll għandhom jikkontrollaw, permezz tal-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, l-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1, id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur kif ukoll il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti. Barra minn hekk, il-Ghana u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom:

- (a) jipprovdu b'mod reċiproku l-kooperazzjoni amministrattiva neċessarja fil-każ ta' talba għal sorveljanza ta' ġestjoni tajba u ta' kontroll ta' dan il-Protokoll fil-pajjiż ikkonċernat, inklużi ż-żjarat fuq il-post;
- (b) jikkontrollaw, skont l-Artikolu 35 ta' dan il-Protokoll, l-istatus oriġinarju tal-prodotti u l-konformità mal-kundizzjonijiet l-oħrajn stipulati f'dan il-Protokoll.

2. L-awtoritajiet ikkonsultati għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha rilevanti dwar il-kundizzjonijiet li fihom sar il-prodott, billi jindikaw b'mod speċjali l-kundizzjonijiet li fihom ġew irrispettati r-regoli tal-oriġini fil-Ghana, fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi l-oħrajn imsemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 35

Verifika tal-provi tal-oriġini

1. Il-verifika sussegwenti tal-provi ta' oriġini għandhom isiru fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskji, b'mod aleatorju jew kull darba li l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jkollhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti, tal-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati jew tar-rispett tal-kundizzjonijiet l-oħrajn ta' dan il-Protokoll.
2. Għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandhom jirritornaw iċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 u l-fattura, jekk din tkun ġiet ippreżentata, id-dikjarazzjoni tal-oriġini, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni u jaġhtu, fejn xieraq, ir-raġunijiet għat-talba tal-verifika. Bħala appoġġ għat-talba tal-verifika, huma għandhom jipprovdu kwalunkwe dokument u informazzjoni miksubin li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fil-prova tal-oriġini mhijiex korretta.
3. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Għal dan il-għan, huma għandu jkollhom id-dritt li jitolbu l-evidenza kollha u li jaġhmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kwalunkwe tip ta' kontroll ieħor meqjus xieraq.
4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jiddeċiedu li jissospendu l-ġhoti tat-trattament preferenzjali lill-prodott ikkonċernat waqt li jkun qed jistennew ir-riżultati tal-verifika, dawn għandhom joffru li jirrilaxxaw il-prodotti lill-importatur, soġġett għal kwalunkwe miżura ta' prekawżjoni li huma jidhrilhom meħtieġa.
5. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifikat għandhom jiġu infurmati bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Ghana, tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 jew 8 ta' dan il-Protokoll u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.
6. F'każ li jkun hemm dubju raġonevoli, u li ma jkunx hemm risposta fi żmien 10 xhur mid-data tat-talba għal verifika, jew jekk ir-risposta ma jkunx fiha informazzjoni biżżejjed biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini reali tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li jaġhmlu t-talba għal verifika għandhom, minbarra f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jiċħdu l-intitolament għal preferenzi.
7. Il-partijiet għandhom jirreferu għall-Artikolu 7 tal-Protokoll dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka fil-qasam doganali għall-inkjesti konġunti relatati mal-provi ta' oriġini.

Artikolu 36

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għandha ssir abbażi ta' analiżi tar-riskji, b'mod każwali jew kull darba li l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu ntużaw għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 jew sabiex tiġi stabbilita dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji serji dwar l-awtentiċità tad-dokument jew il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. L-awtoritajiet doganali li lilhom tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tal-fornitur jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet doganali tal-Istat fejn tkun ġiet stabbilita d-dikjarazzjoni biex joħorġu ċertifikat ta' informazzjoni, li l-mudell tiegħu jinsab fl-Anness VI ta' dan il-Protokoll. Alternattivament, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni li lilhom tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni tal-fornitur jistgħu jitolbu lill-esportatur biex jipproduċi ċertifikat ta' informazzjoni maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istat fejn tkun saret id-dikjarazzjoni.

Kopja taċ-ċertifikat ta' informazzjoni għandha tinżamm mill-uffiċċju li jkun harigħa għal mill-anqas tliet (3) snin.

3. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifikat għandhom jiġu infurmati bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Ir-riżultati jridu jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur hijiex korretta u tagħmilhiex possibbli għalihom biex jiddeterminaw jekk, u sa fejn, din id-dikjarazzjoni tal-fornitur tista' titqies sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 jew biex tiġi stabbilita dikjarazzjoni tal-orijini.

4. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, dawn għandhom jiġu awtorizzati jitolbu kull evidenza jew li jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontabbiltà tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor li huma jikkunsidraw xieraq sabiex jivverifikaw il-korrettezza ta' kwalunkwe dikjarazzjoni tal-fornitur.

5. Kwalunkwe ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-orijini maħruġa jew stabbilita abbażi ta' dikjarazzjoni mhux korretta mill-fornitur għandhom jitqiesu bħala nulli u bla effett.

Artikolu 37

Riżoluzzjoni ta' tilwim

1. Meta jqumu tilwimiet fir-rigward tal-proċeduri ta' verifika msemmija fl-Artikoli 36 u 37 ta' dan il-Protokoll li ma jistgħux jiġu solvuti bejn l-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika u l-awtoritajiet doganali responsabbli għat-twettiq ta' din il-verifika, jew meta dawn iqajmu kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll, dawn it-tilwimiet għandhom jiġu riferuti lill-Kumitat.

2. Fil-każijiet kollha, ir-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandha sseħħ f'konformità mal-leġislazzjoni ta' dak il-pajjiż.

Artikolu 38

Penali

Il-penali għandhom jiġu imposti fuq kwalunkwe persuna li tagħmel, jew li tikkawża li jtfassal, dokument li jkun fih informazzjoni mhux korretta bl-iskop li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 39

Derogi

1. Id-derogi minn dan il-Protokoll jistgħu jiġu adottati mill-Kumitat meta dawn ikunu ġġustifikati mill-iżvilupp ta' industriji eżistenti jew mill-ħolqien ta' industriji ġodda fil-Ghana. Għaldaqstant, qabel jew fl-istess ħin li titressaq il-kwistjoni quddiem il-Kumitat, il-Ghana għandha tinforma lill-Unjoni Ewropea bit-talba tagħha għal deroga flimkien marraġunijiet għat-talba skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-Unjoni Ewropea għandha tirreaġġixxi b'mod pożittiv għat-talbiet kollha mill-Ghana li huma ġġustifikati kif xieraq f'konformità ma' dan l-Artikolu u li ma jistgħux joħolqu danni serji għall-industrija stabbilita fl-Unjoni Ewropea.

2. Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżami tat-talbiet għal deroga mill-Kumitat, meta l-Ghana tagħmel it-talba, hija għandha, permezz tal-formula mniżżla fl-Anness VII ta' dan il-Protokoll, tipprovdi bħala appoġġ għat-talba tagħha l-informazzjoni kollha possibbli, li tkopri b'mod partikolari l-punti elenkati segwenti:

(a) id-deskrizzjoni tal-prodott lest;

(b) in-natura u l-kwantità ta' materjali oriġinarji ta' pajjiż terz;

(c) in-natura u l-kwantità ta' materjali oriġinarji tal-Ghana jew tal-Istati jew it-territorji msemmija fl-Artikolu 7 ta' dan il-Protokoll jew il-materjali li jkunu ġew ipproċessati hemmhekk;

- (d) il-metodi ta' manifattura;
- (e) il-valur miżjud;
- (f) in-numru ta' impjegati fl-impriża kkonċernata;
- (g) il-volum antiċipat tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea;
- (h) is-sorsi l-oħra possibbli ta' provvista ta' materja prima;
- (i) ir-raġunijiet għat-tul ta' żmien mitlub fid-dawl ta' sforzi magħmula biex jinstabu sorsi ġodda ta' provvista;
- (j) xi kummenti oħra.

L-istess regoli għandhom japplikaw għal kwalunkwe talba għal estensjoni ta' deroga.

Il-Kumitat jista' jimmodifika l-formola.

3. L-eżami tat-talbiet għandu jkollha jgħid b'mod partikolari:

- (a) il-livell tal-iżvilupp jew tas-sitwazzjoni ġeografika tal-Ghana;
- (b) il-każijiet meta l-applikazzjoni tar-regoli eżistenti tal-orijini tkun taffettwa b'mod sinifikanti l-abilità tal-industrija attwali tal-Ghana li tkompli bl-esportazzjoni tagħha lejn l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari każijiet meta dan jista' jwassal għall-waqfien tal-attivitajiet tagħha;
- (c) il-każijiet speċifiċi fejn ikun jista' jintwera b'mod ċar li investiment sinifikanti f'industrija jista' jinżamm lura mir-regoli tal-orijini u fejn deroga li tiffavorixxi t-twettiq ta' programm ta' investiment tipperemetti li dawn ir-regoli jiġu ssodisfati fi stadji.

4. Fkull każ, għandu jsir eżami sabiex jiġi aċċertat jekk ir-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-akkumulazzjoni tal-orijini ma jipprovdux soluzzjoni għall-problema.

5. Fl-eżami tat-talbiet, għandha titqies b'mod speċjali, skont il-każ, il-possibbiltà li l-istatus oriġinarju jkun ikkonferit fuq il-prodotti li jinkludu fil-kompożizzjoni tagħhom, materjali oriġinarji tal-pajjiżi ġirien li għadhom jiżviluppaw, il-pajjiżi l-inqas żviluppati jew il-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, li magħhom il-Ghana għandha relazzjonijiet speċjali, sakemm tkun tista' tiġi stabbilita kooperazzjoni amministrattiva.

6. Il-Kumitat għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżgura li d-deċiżjoni tintlaħaq malajr kemm jista' jkun u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard minn ħamsa u sebgħin (75) ġurnata xogħol minn meta l-Kopresident tal-Unjoni Ewropea tal-imsemmi Kumitat ikun irċieva t-talba. Jekk l-Unjoni Ewropea ma tinfurmax lill-Ghana bil-pożizzjoni tagħha fir-rigward tat-talba fiż-żmien stipulat, it-talba għandha titqies bħala li ġiet aċċettata.

7.

- (a) Ġeneralment id-derogi għandhom ikunu validi għal perijodu ta' ħames (5) snin, li jiġi determinat mil-Kumitat.
- (b) Id-deċiżjoni tad-deroga tista' tipprevedi tiġdid mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa għal deċiżjoni ġdida tal-Kumitat, sakemm il-Ghana tissottometti, tliet (3) xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu, prova li tkun għadha ma tistax tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dan il-Protokoll li nġhatat deroga minnhom.

Jekk issir xi oġġezzjoni għall-estensjoni, il-Kumitat għandu jeżaminaha kemm jista' jkun malajr u jiddeċiedi jekk jestendix id-deroga. Il-Kumitat għandu jipproċedi kif previst fil-paragrafu 6. Għandhom jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiġu evitati interruzzjonijiet fl-applikazzjoni tad-deroga.

- (c) Fil-perijodi msemmija fil-punti (a) u (b), il-Kumitat jista' jagħmel rieżami tat-termini għall-implimentazzjoni tad-deroga jekk jinstab li tkun seħħet bidla sinifikanti fil-fatturi sostantivi li jkunu mmotivaw l-għoti tad-deroga. Malli ssir il-konklużjoni tar-rieżami tiegħu, il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jemenda t-termini tad-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga jew ta' kwalunkwe kundizzjoni oħra li tkun stipulata preċedentament.

8. Minkejja l-paragrafi 1 sa 7 ta' dan l-Artikolu, id-deroga fir-rigward tat-tonn fil-bottijiet u l-flettijiet tat-tonn tas-SA 16.04 għandha tingħata biss fl-ewwel sena tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, bi kwota annwali li ma tiġġeddidx 1 000 tunnellata għat-tonn fil-bottijiet u ta' 200 tunnellata għall-flettijiet tat-tonn.

TITOLU VI

CEUTA U MELILLA

Artikolu 40

Kundizzjonijiet ġenerali

1. It-terminu "Unjoni Ewropea" użat f'dan il-Protokoll ma jkoprix Ceuta u Melilla.
2. Il-prodotti oriġinarji tal-Ghana, meta jiġu importati f'Ceuta u Melilla, għandhom igawdu f'kull aspekk mill-istess sistema doganali bħal dik li tiġi applikata għall-prodotti oriġinarji tat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll Nru 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej. Il-Ghana għandha tagħti lill-importazzjonijiet ta' prodotti koperti b'dan il-Ftehim u li huma oriġinarji ta' Ceuta u Melilla, l-istess sistema doganali bħal dik mogħtija lill-prodotti importati tal-Unjoni Ewropea u li joriġinaw minn hemm.
3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' prodotti oriġinarji ta' Ceuta u Melilla, dan il-Protokoll għandu japplika *mutatis mutandis* soġġett għall-kundizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-Artikolu 41 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 41

Kundizzjonijiet speċjali

1. B'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan il-Protokoll, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala:
 - (1) prodotti oriġinarji ta' Ceuta u Melilla:
 - (a) prodotti miksuba b'mod sħiħ f'Ceuta u f'Melilla;
 - (b) prodotti miksuba f'Ceuta u f'Melilla li, fil-manifattura tagħhom, jintużaw prodotti oħrajn għajr dawk imsemmijin fil-punt (a), sakemm:
 - (i) prodotti msemija li jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll; jew
 - (ii) dawk il-prodotti huma oriġinarji tal-Ghana jew tal-Unjoni Ewropea, bil-kundizzjoni li jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar li jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll;
 - (2) prodotti oriġinarji tal-Ghana:
 - (a) prodotti miksuba b'mod sħiħ fil-Ghana;
 - (b) prodotti miksuba fil-Ghana li, fil-manifattura tagħhom, jintużaw prodotti oħrajn għajr dawk imsemmijin fil-punt (a), dment li:
 - (i) l-prodotti msemija jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll; jew
 - (ii) dawk il-prodotti huma oriġinarji, skont it-tifsira ta' dan il-Protokoll, ta' Ceuta u Melilla jew tal-Unjoni Ewropea, bil-kundizzjoni li jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar li jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll.
2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.
3. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jniżżel l-annotazzjonijiet "..." u "Ceuta u Melilla" fil-Kaxxa 2 taċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjoni tal-oriġini. Barra minn hekk, fil-każ ta' prodotti oriġinarji ta' Ceuta u Melilla, l-istatus oriġinarju għandu jiġi indikat fil-Kaxxa 4 taċ-ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini.

4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll f'Ceuta u f'Melilla.

TITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 42

Reviżjoni u applikazzjoni tar-regoli tal-orijini

1. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 73 ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Ghana u l-Unjoni Ewropea jista', kull darba li l-Ghana jew l-Unjoni Ewropea jitolbu dan, jeżamina l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll, b'mod partikolari dawk relatati mal-implimentazzjoni tas-sistema ta' esportaturi rreġistrati u l-effetti ekonomiċi tagħhom sabiex jadattahom jew jimmodifikahom, skont kif ikun meħtieġ. Il-Kumitat Konġunt tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Ghana u l-Unjoni Ewropea, għandu jqis fost elementi oħra, l-impatt tal-iżviluppi teknoloġiċi fuq ir-regoli tal-orijini.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan il-Protokoll u l-annessi tiegħu għandhom jiġu rieżaminati u, jekk ikun il-każ, għandhom jiġu riveduti fi żmien ħames snin (5) minn meta jidħol fis-seħħ il-Protokoll, skont l-obbligi stipulati fl-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim. Dan ir-rieżami għandu japplika wkoll għall-Anness II-A ta' dan il-Protokoll sabiex ikun jista' jiġi deċiż jekk jerġax jiġġedded.

3. Skont l-Artikolu 34 ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat għandu jissorvelja l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u fost l-oħrajn, jiddeċiedi dwar:

- (a) l-akkumulazzjoni, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 ta' dan il-Protokoll;
- (b) derogi mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39 tiegħu.
- (c) estensjoni tal-perijodu ta' tliet snin kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 21(1) abbażi tal-evidenza li l-Ghana mhix lesta biex timplimenta l-leġislazzjoni dwar l-esportaturi rreġistrati;
- (d) il-limitu ta' EUR 6 000 kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 21(1).

Artikolu 43

Annessi

L-Annessi ta' dan il-Protokoll għandu jkunu parti integrali minnu.

Artikolu 44

Implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll

L-Unjoni Ewropea u l-Ghana għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, inkluż:

- (a) l-arranġamenti nazzjonali u reġjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli u l-proċeduri stipulati f'dan il-Protokoll, b'mod partikolari l-arranġamenti meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikoli dwar l-akkumulazzjoni;
- (b) il-ħolqien ta' strutturi u sistemi amministrattivi meħtieġa għall-ġestjoni u l-verifika xierqa tal-orijini tal-prodotti.

Artikolu 45

Dispożizzjonijiet tranżitorji relatati ma' merkanzija fi tranżitu jew f'ħażna

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jistgħu jiġu applikati għall-merkanzija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll tkun jew fi tranżitu jew fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ghana f'ħażna temporanja f'imħażen doganali mingħajr ma jitħallsu d-dazji u t-taxxi tal-importazzjoni, soġġetta għal dan li ġej:

- (a) għall-esportazzjonijiet mill-Ghana lejn l-Unjoni Ewropea, soġġetti għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni, fi żmien għaxar (10) xhur mid-data msemmija, ta' ċertifikat tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 maħruġ retrospettivament mill-awtoritajiet doganali tal-Ghana jew dikjarazzjoni tal-orijini skont l-Artikoli 17 (2)(b) u 21 flimkien mad-dokumenti li juru li l-merkanzija tikkonforma mal-Artikolu 15 ta' dan il-Protokoll;
 - (b) għall-esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Ghana, soġġetti għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Ghana, fi żmien għaxar (10) xhur mid-data msemmija, ta' dikjarazzjoni tal-orijini maħruġa skont l-Artikoli 17(1) u 21 flimkien mad-dokumenti li juru li l-merkanzija tikkonforma mal-Artikolu 15 ta' dan il-Protokoll.
-

ANNEX I TAL-PROTOKOLL NRU 1

NOTI INTRODUTTORJI GĦAL-LISTA LI TINSAB FL-ANNEX II TAL-PROTOKOLL

Nota 1

Il-lista li tinsab fl-Annex II ta' dan il-Protokoll tiddefinixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-prodotti kollha sabiex dawk il-prodotti jitqiesu maħdumin jew ipproċessati suffiċjentement skont it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll.

Nota 2

1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru tal-intestatura jew in-numru tal-Kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni tal-merkanzija użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew il-kapitolu. Għal kull entrata fl-ewwel żewġ kolonni tiġi speċifikata regola fil-kolonni 3 jew 4. Fejn, f'ċerti każijiet, l-entrata fl-ewwel kolonna hija preċeduta b'"ex", din tfisser li r-regoli fil-kolonni 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.
2. Meta diversi numri ta' intestatura jkunu miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew jingħata numru ta' kapitolu, u d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tkun għalhekk mogħtija f'termini ġenerali, ir-regoli li jkunu jinsabu maġenbhom fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, taħt is-Sistema Armonizzata, ikunu klassifikati fl-intestaturi tal-kapitolu jew f'kull intestatura miġbura flimkien fil-kolonna 1.
3. Fejn hemm regoli differenti fil-lista li tapplika għall-prodotti differenti f'intestatura, kull inċiż fih id-deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura li tkun koperta mir-regola mal-ġenb fil-kolonni 3 jew 4.
4. Fejn, għal entrata fl-ewwel żewġ kolonni, regola tkun speċifikata kemm fil-kolonna 3 kif ukoll fil-kolonna 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika jew ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik imniżżla fil-kolonna 4. Jekk l-ebda regola tal-oriġini ma tingħata fil-kolonna 4, tkun applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

Nota 3

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll li jikkonċernaw il-prodotti li kisbu l-istatus oriġinarju u li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti oħra japplikaw irrispettivament minn jekk dan l-istatus ikunx inkiseb fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew inkella f'fabbrica oħra fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ghana.

Eżempju:

Magna tal-intestatura 8407, li fir-rigward tagħha, ir-regola tiddikjara li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji li jistgħu jiġu inkorporati ma jstax jaqbeż l-40 fil-mija tal-prezz mill-fabbrika, saret minn "liga tal-azzar oħra fformata b'mod aħrax permezz ta' forġa" tal-intestatura ex 7224.

Jekk dan il-kiwi ta' metalli fil-forġa jsir fl-Unjoni Ewropea minn ingott mhux oriġinarju, dan diġà kiseb status oriġinarju minħabba r-regola għall-intestatura ex 7224 fil-lista. Dan ix-xogħol tal-forġa jkun jista' mbagħad jgħodd bħala prodott oriġinarju fil-kalkolu tal-valur tal-magna, irrispettivament minn jekk kinitx prodotta fl-istess fabbrica jew ġo fabbrica oħra fl-Unjoni Ewropea. Il-valur tal-ingott mhux oriġinarju għalhekk ma jitqiesx meta jiġi kkalkolat il-valur tal-materjal mhux oriġinarju li jintuża.

2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' ħidma jew ipproċessar li huwa meħtieġ; u t-tweġiq ta' ħidma jew ipproċessar addizzjonali jagħti wkoll status oriġinarju; għall-kuntrarju ta' dan, inqas ħidma jew ipproċessar ma jagħtix status oriġinarju. Għalhekk, jekk regola tipprevedi li materjal mhux oriġinarju f'ċertu livell tal-manifattura jista' jintuża, l-użu ta' materjal bħal dan fi stadju aktar bikri tal-manifattura huwa permess u l-użu ta' materjal bħal dan fi stadju aktar avanzat mhuxwix.
3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2 fejn regola tiddikjara li jistgħu jintużaw "materjali ta' kwalunkwe intestatura", jistgħu jintużaw ukoll materjali tal-istess intestatura tal-prodott, soġġetti, madankollu, għal kwalunkwe limitazzjoni speċifika li jistgħu jinsabu wkoll fir-regola. Madankollu, l-espressjoni "manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra tal-intestatura ..." tfisser li l-materjali klassifikati biss fl-istess intestatura tal-prodott ta' deskrizzjoni differenti minn dik tal-prodott kif mogħtija fil-kolonna 2 tal-lista jistgħu jintużaw.

4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi mmanifatturat b'aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li kwalunkwe materjal jew aktar jistgħu jintużaw. Ma hemmx għalfejn jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regola għat-tessuti taħt l-intestaturi 5208 sa 5212 tipprovdi li jistgħu jintużaw fibri naturali u li jistgħu jintużaw ukoll materjali kimiċi fost materjali oħrajn. Dan ma jfissirx li għandhom jintużaw it-tnejn li huma; huwa possibbli li jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott irid ikun immanifatturat minn materjal partikolari, il-kundizzjoni ovvjament ma twaqqafx l-użu ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw din ir-regola (ara wkoll in-Nota 6.3 hawn taħt li tirreferi għat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola għall-ikel ippreparat tal-intestatura 1904 li speċifikament teskludi l-użu ta' ċereali u d-derivattivi tagħhom ma twaqqafx l-użu ta' mluħa minerali, kimiċi u addittivi oħra li mhumiex prodotti miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux ikunu mmanifatturati minn materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jkunu magħmula minn materjal tal-istess natura fi stadju aktar bikri tal-manifattura.

Eżempju:

Fil-każ ta' oġġett tal-ilbies tal-ex Kapitolu 62 tas-Sistema Armonizzata magħmul minn materjali mhux minsuġa, jekk huwa permess l-użu biss ta' ħjut mibruma mhux oriġinarji għal din il-klassi ta' oġġett, mhux possibbli li tibda minn drapp mhux minsuġ — anki jekk drappijiet mhux minsuġa ma jistgħux, normalment, isiru mill-ħjut mibruma. F'dawn il-każijiet, il-materjali tal-bidu jkunu normalment fl-istadju ta' qabel il-ħjut, jiġifieri fl-istadju tal-fibra.

6. Fejn, f'regola fil-lista, żewġ perċentwali jingħataw għall-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji li jistgħu jintużaw, mela dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji kollha użati ma jista' qatt jaqbeż l-oġġla perċentwali mogħtija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali ma jistgħux jinqabżu fir-rigward tal-materjali partikolari li japplikaw għalihom.

Nota 4

1. It-terminu "fibri naturali" huwa użat fil-lista biex jirreferi għal fibri għajr fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huwa ristrett għall-istadji qabel ma jsir l-għażil, inkluż l-iskart, u, jekk mhux speċifikat, jinkludi fibri li kienu mqardxa, minxuta jew ipproċessati b'mod ieħor iżda mhux magħżula.
2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi x-xagħar taż-żiemel tal-intestatura 0511, il-ħarir tal-intestaturi 5002 u 5003 kif ukoll il-fibri tas-suf, ix-xagħar fin jew grezz tal-annimali tal-intestaturi 5101 sa 5105, il-fibri tat-tajjar tal-intestaturi 5201 sa 5203 u l-fibri veġetali l-oħra tal-intestaturi 5301 sa 5305.
3. It-termini "polpa tat-tessut", "materjali kimiċi" u "materjali għall-produzzjoni tal-karti" huma użati fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali mhux klassifikati fil-Kapitolu 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, li jistgħu jintużaw għall-manifattura artifiċjali, fibri sintetiċi jew tal-karta jew ħjut.
4. It-terminu "fibri prinċipali magħmula mill-bniedem" jintuża fil-lista biex jirreferi għall-istoppa ta' filament sintetiku jew artifiċjali, fibri prinċipali jew skart, tal-intestaturi 5501 sa 5507.

Nota 5

1. Fejn għal prodott partikolari fil-lista ssir referenza għal din in-Nota ta' Introduzzjoni, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 ma għandhomx jiġu applikati għal materjali tessili bażiċi, użati fil-manifattura ta' dan il-prodott, li, meħuda flimkien, jirrappreżentaw 10 fil-mija jew inqas tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi (ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt).
2. Madankollu, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista' tiġi applikata biss għall-prodotti mħallta li jkunu saru minn tnejn jew aktar materjali tessili bażiċi.

Dawn li ġejjin huma l-materjali tessili bażiċi:

— il-ħarir,

— is-suf,

— ix-xagħar aħrax tal-annimali,

- ix-xagħar fin tal-annimali,
- ix-xagħar taż-żwiemel,
- il-qoton,
- il-materjali għall-manifattura tal-karta u l-karta,
- il-kittien,
- il-qanneb,
- il-ġuta u fibri oħrajn tessili tat-tilju,
- is-sisal u fibri oħrajn tat-tessuti tal-ġenus Agave,
- il-ġewż tal-Indi, l-abaka, ir-rami u fibri veġetali oħrajn tat-tessuti,
- il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,
- il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,
- il-filamenti konduttivi tal-kurrent elettriku,
- il-fibri bażiċi sintetiċi tal-polipropilen magħmula mill-bniedem,
- il-fibri bażiċi sintetiċi tal-poliester magħmula mill-bniedem,
- il-fibri bażiċi sintetiċi tal-poliamid magħmula mill-bniedem,
- il-fibri bażiċi sintetiċi tal-poliakrinolitrilika magħmula mill-bniedem,
- il-fibri bażiċi sintetiċi tal-polimid magħmula mill-bniedem,
- il-fibri bażiċi sintetiċi tal-politetrafluoroetilen magħmula mill-bniedem,
- il-fibri bażiċi sintetiċi tas-sulfid tal-polifenilen magħmula mill-bniedem,
- il-fibri bażiċi sintetiċi tal-klorur tal-polivinil magħmula mill-bniedem,
- fibri bażiċi sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem,
- il-fibri bażiċi artifiċjali magħmula mill-bniedem viskużi,
- fibri bażiċi artifiċjali oħra magħmula mill-bniedem,
- il-ħjut mibruma tal-poliuretan segmentati b'segmenti flessibbli tal-polieteri kemm jekk midfura kif ukoll jekk le,
- il-ħjut mibruma tal-poliuretan segmentati b'segmenti flessibbli tal-poliester kemm jekk midfura kif ukoll jekk le,
- il-prodotti tal-intestatura 5605 (ħjut mibruma tal-metall) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba rqiqa tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju jew le, b'wisa' ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ saffi rqaq tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew ikkulurita,
- prodotti oħra tal-intestatura 5605.

Eżempju:

Ħjut tal-intestatura 5205 magħmul mill-fibri tat-tajjar tal-intestatura 5203 u fibri prinċipali sintetiċi tal-intestatura 5506 huma ħjut imħallta. Għalhekk, fibri sintetiċi prinċipali mhux oriġinarji li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jirrikjedu manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti) jistgħu jintużaw sa piż ta' 10 fil-mija tal-ħjut.

Eżempju:

Drapp tas-suf tal-intestatura 5112 magħmul minn ħjut tas-suf tal-intestatura 5107 u ħjut sintetiċi ta' fibri prinċipali tal-intestatura 5509 huwa drapp imħallat. Għalhekk ħjut sintetiċi li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini (li jirrikjedu li jkun mmanifatturati minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti) jew ħjut tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini (li jirrikjedu manifattura minn fibri naturali, mhux imqardxa jew mimxuta jew ippreparati b'mod ieħor għall-għażil) jew taħlita tat-tnejn jistgħu jintużaw sakemm il-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-piż tat-tessut.

Eżempju:

Drapp tessili mberfla tal-intestatura 5802 magħmul minn ħjut tat-tajjar tal-intestatura 5205 u drapp tal-intestatura 5210 huwa biss prodott imħallat jekk id-drapp tat-tajjar huwa nnifsu drapp imħallat magħmul minn ħjut ikklassifikati f'żewġ intestaturi separati jew jekk il-ħjut tat-tajjar infushom huma taħlitiet.

Eżempju:

Jekk id-drapp tessili mberfel ikkonċernat huwa magħmul minn ħjut tat-tajjar tal-intestatura 5205 u drapp sintetiku tal-intestatura 5407, imbagħad, ovsjament, il-ħjut użati huma żewġ materjali tessili bażiċi separati u d-drapp tessili mberfel huwa għal din ir-raġuni prodott imħallat.

3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "ħjut magħmul minn poliuretejn issegmentat b'segmenti flessibbli ta' polieter kemm jekk mibrum jew le" din it-tolleranza hija 20 fil-mija fir-rispett ta' dawn il-ħjut.
4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "strippa li tikkonsisti f'qalba ta' folja tal-aluminju jew ta' plastik irqiq ħafna kemm jekk miksi bi trab tal-aluminju u kemm jekk le, ta' wisal li ma taqbiżx il-5 mm, imdeffsa permezz ta' sustantiv li jwahaħal bejn żewġ saffi ta' plastik irqiq", din it-tolleranza hija 30 fil-mija fir-rigward ta' din l-istrippa.

Nota 6

1. Fil-każ ta' daww il-prodotti tessili, li huma mmarkati fil-lista b'nota ta' qiegħ il-paġna li tirreferi għal din in-Nota ta' Introduzzjoni, dekorazzjonijiet u aċċessorji tessili li ma jissodisfawx ir-regola stabbilita fil-lista fil-kolonna 3 għall-prodotti magħmula kkonċernati jistgħu jintużaw sakemm il-piż tagħhom ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-piż totali tal-materjali tessili inkorporati kollha.

Id-dekorazzjonijiet u l-aċċessorji tessili huma daww ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata. L-inforra u l-furzetta ma għandhomx ikunu meqjusin bħala antiċċjoli jew aċċessorji.

2. Kwalunkwe dekorazzjoni jew aċċessorju mhux tessili jew materjali oħrajn użati li fihom it-tessuti ma għandhomx għalfejn jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 anki jekk dawn jaqgħu barra mill-iskop tan-Nota 3.5.
3. Skont in-Nota 3.5, kull tirqim u aċċessorji mhux tat-tessut jew xi prodott ieħor mhux oriġinarju, li ma jikkontjenux xi tessuti, jistgħu jintużaw b'mod liberu fejn ma jkunux jistgħu jsiru mill-materjali mniżżla f'lista f'kolonna 3.

Pereżempju, ⁽¹⁾ jekk regola fil-lista tgħid li għal oġġett tessili partikolari, bħal blaws, għandhom jintużaw ħjut, dan ma jimpedixxi l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħal buttuni, minħabba li dawn ma jistgħux isiru minn materjali tessili.

4. Fejn tapplika regola tal-perċentwali, il-valur tat-dekorazzjonijiet u l-aċċessorji għandhom jitqiesu meta jkun ikkalkulat il-valur tal-materjali mhux oriġinarji li huma inkorporati.

Nota 7

1. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:
 - (a) id-distillazzjoni f'vakwu;
 - (b) id-distillazzjoni mill-ġdid bi proċess ta' frazzjonazzjoni ta' reqqa kbira ⁽²⁾;
 - (c) il-cracking;
 - (d) ir-reforma;
 - (e) l-estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;
 - (f) il-proċess li jinkorpora dawn il-proċessi kollha: il-proċessar bl-aċidu sulfuriku konċentrat, bl-oleu jew bl-anidride sulfurika; in-newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; it-nehhija tal-kulur u l-purifikazzjoni bi trabijiet tal-blat attivi naturalment, faħam tal-kannol jew boksajt ("bauxite") attivati;
 - (g) il-polimerizzazzjoni;
 - (h) l-alkilazzjoni;
 - (i) l-isomerizzazzjoni.
2. Għall-finijiet tal-intestaturi 2710 sa 2712, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:
 - (a) id-distillazzjoni f'vakwu;
 - (b) id-distillazzjoni mill-ġdid bi proċess ta' frazzjonazzjoni ta' reqqa kbira ⁽³⁾;

⁽¹⁾ Dan l-eżempju huwa mogħti biss għall-fini ta' spjegazzjoni. Huwa mhuwiex legalment vinkolanti.

⁽²⁾ Ara n-Nota ta' Spjegazzjoni addizzjonali 5(b) tal-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

⁽³⁾ Ara n-Nota ta' Spjegazzjoni addizzjonali 5(b) tal-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

- (c) il-cracking;
 - (d) ir-reforma;
 - (e) l-estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;
 - (f) il-proċess li jinkorpora dawn il-proċessi kollha: il-proċessar bl-aċidu sulfuriku konċentrat, bl-oleu jew bl-anidride sulfurika; in-newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; it-tneħħija tal-kulur u l-purifikazzjoni bi trabijiet tal-blat attivi naturalment, faħam tal-kannol jew boksajt ("bauxite") attivati;
 - (g) il-polimerizzazzjoni;
 - (h) l-alkilazzjoni;
 - (i) l-isomerizzazzjoni;
 - (j) fir-rigward ta' żjut tqal li jaqgħu taħt l-intestatura ex 2710 biss, it-tneħħija tas-sulfur bl-idroġenu li jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-inqas 85 fil-mija tal-kontenut tas-sulfur tal-prodotti pproċessati (metodu ASTM D 1266-59 T);
 - (k) fejn jidħlu l-prodotti li jidħlu taħt intestatura 2710 biss, it-tneħħija tal-paraffin bi proċess ieħor għajr il-filtrazzjoni;
 - (l) rigward ż-żjut tqal li jidħlu taħt intestatura ex 2710 biss, it-trattament bl-idroġeni bi pressa ta' iktar minn 20 bar u f'temperatura ta' iktar minn 250 °C bl-użu ta' katalist, għajr biex jagħmel desulfurizzazzjoni, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv freazzjoni kimika. It-trattamenti iktar fit-tul/fond bl-idroġenu taż-żjut lubrikanti tal-intestatura ex 2710 (eżempju tlestija bl-ilma ("hydroirfinar") jew tneħħija tal-kulur) sabiex, iktar u iktar jittejbu l-kulur jew l-istabbiltà, ma għandhomx, madankollu, jiqiesu bħala proċess speċifiku;
 - (m) rigward iż-żjut tal-karburanti li jidħlu taħt intestatura ex 2710 biss, id-distillazzjoni atmosferika, bil-kondizzjoni li inqas minn 30 fil-mija ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, fil-volum, inkluż it-telf, f'temperatura ta' 300 °C bil-metodu ASTM D 86;
 - (n) rigward iż-żjut tqal oħra għajr żjut tal-gass u żjut tal-karburanti li jidħlu taħt intestatura ex 2710 biss, it-trattament permezz ta' ħruġ mill-brushes ta' ċarġ elettriku bi frekwenza għolja (ċarġ qawwi).
3. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, operati sempliċi bħal ma huma t-tindif, id-dekantazzjoni, it-tneħħija tal-melħ, is-separazzjoni tal-ilma, il-filtrazzjoni, il-kulur, l-immarkar, il-kisba ta' kontenut ta' kubrit bħala riżultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenuti differenti ta' kubrit, jew kombinazzjoni ta' dawn l-operati jew operati simili ma jagħtux orijini.
-

LISTA TAL-ĦIDMA JEW L-IPPROĊESSAR LI JEĦTIEĠ ISIRU FUQ MATERJALI MHUX ORIĠINARJI BIEX IL-PRODOTT IMMANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB L-ISTATUS ORIĠINARJU

Mhux il-prodotti kollha msemmija fil-lista li tinsab hawn taħt huma koperti bil-Ftehim. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġu kkonsultati l-partijiet l-oħrajn tal-Ftehim.

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 użati għandhom ikunu miksuba interament	
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 1 u 2 użati għandhom ikunu miksuba interament	
ex Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u annimali invertebrati oħra li jgħixu fl-ilma	Il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati għandhom ikunu kollha miksuba interament	
0304	Qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut (kapuljat jew mhuwieħ), frisk, imkessaħ jew friżat	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitolu 3 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
0305	Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura; ħut affumikat, kemm jekk imsajjar jew le qabel jew waqt il-proċess ta' affumikar; dqiqijiet; tħin oħxon u pritkuni tal-ħut, li jistgħu jittieklu mill-bnedmin	Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat tal-Kapitolu 3 ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
0306	Krustaċji, kemm jekk fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; krustaċji affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess tal-affumikazzjoni; krustaċji, fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħollijin fl-ilma, kemm jekk imkessħin jew le, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; dqiq, qamħ mitħun oħxon u gerbub ta' invertebrati akwatiċi minbarra l-krustaċji, tajbin għall-konsum mill-bniedem	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitolu 3 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
0307	Molluski, kemm jekk fil-qoxra kif ukoll jekk le, ħajjin, friski, imkessħin, iffriżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; molluski affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess ta' affumikazzjoni; dqiq, pasti (smid) u gerbub ta' molluski, tajbin għall-konsum mill-bniedem	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitolu 3 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
0308	Invertebrati tal-baħar minbarra krustaċċi u molluski, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; invertebrati akkwatiċi affumikati, minbarra krustaċċi u molluski kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess tal-affumikazzjoni; dqiq, pasti u gerbub ta' invertebrati tal-baħar minbarra l-krustaċċi u l-molluski, tajbin għall-konsum mill-bniedem	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitolu 3 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba interament	
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħra fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk koncentri jew le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	Manifattura li fiha: — il-materjali kollha ta' Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba interament, — kwalunkwe tip ta' meraq tal-frott (għajr tal-pineapple, tal-lajm jew tal-grejpfrut) tal-intestatura 2009 li jintuża jrid ikun diġà oriġinarju; u — il-valur tal-materjali użati kollha tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 5	Prodotti li ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 5 użati għandhom ikunu miksuba interament	
ex 0502	Lanżit u xagħar tal-ħnieżer, majjali tas-simna jew ċingjali	It-tindif, id-diżinfettar, l-issortjar u l-illixxar ta' lanżit u xagħar	
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u x-xorta; fjuri maqtuġħin u weraq dekorattiv	Manifattura li fiha: — il-materjali kollha ta' Kapitolu 6 użati għandhom ikunu miksuba interament; u — il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
Kapitolu 7	Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati għandhom ikunu miksuba interament	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
Kapitolu 8	Frott u lewż li jittiekkel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ	Manifattura li fiha: — il-frott u l-ġewż kollu użat għandu jinkiseb fis-sħiħ; u — il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-valur tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 9	Kafè, te, matè u ħwawar; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 9 użati għandhom ikunu miksuba interament	
0901	Kafè, kemm jekk inkaljat jew bil-kaffeina mneħħija jew le; għajra u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li fihom kafè fxi proporzjon	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
0902	Te, kemm jekk imħawwar jew le	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
ex 0910	Taħlitiet ta' ħwawar	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati għandhom ikunu miksuba interament	
ex Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr:	Manifattura fejn iċ-ċereali, il-veġetali li jittiekle, l-għerūq u t-tuberi tal-intestatura 0714 jew il-frott użati għandu jinkiseb fis-sħiħ	
ex 1106	Dqiqijiet, tħin oħxon u trab tal-ħxejjex leguminużi mnixxfen tal-intestatura 0713	It-tnixxif jew it-tħin ta' ħxejjex leguminużi tal-intestatura 0708	
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u ħsad (fodder)	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 12 użati għandhom ikunu miksuba interament	
1301	Gommalakka; gomom naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleoreżini (pereżempju, balzmi)	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-intestatura 1301 użati ma jistgħux jaqbiżu l-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
1302	Biċċiet u estratti tal-ħaxix; sustanzi pektiċi, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġni oħrajn u sustanzi li jħaxxnu, kemm jekk modifikati, derivati minn prodotti tal-ħaxix, kif ukoll jekk le:		

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
	<ul style="list-style-type: none"> — Muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu, modifikati, li jinkisbu minn prodotti tal-ħxejjex — Oħrajn 	<p>Manifattura minn muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu mhux modifikati</p> <p>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jridx jaqbeż il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott</p>	
Kapitolu 14	Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati għandhom ikunu miksuba interament	
ex Kapitolu 15	Xaħam u żjut tal-annimali u tal-ħaxix; il-prodotti mifruqin tagħhom; xaħmijiet li jittieklu mħejjija; xama' ta' oriġini mill-annimali jew mill-ħaxix; ġhajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura ġhajr dik tal-prodott.	
1501	<p>Xaħam tal-majjal (inkluż ix-xaħam) u xaħam tat-tjur, ġhajr dak tal-intestatura 0209 jew 1503:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Xaħam mill-għadam jew mill-iskart — Oħrajn 	<p>Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ġhajr tal-intestaturi 0203, 0206 jew 0207 jew għadam tal-intestatura 0506</p> <p>Il-manifattura minn laħam jew ġewwieni li jittiekel tal-ħnieżer tal-intestatura 0203 jew 0206 jew ta' laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur tal-intestatura 0207</p>	
1502	<p>Xaħam ta' annimali bovini, nagħaġ jew mogħoż, ġhajr dawk tal-intestatura 1503:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Xaħam mill-għadam jew mill-iskart — Oħrajn 	<p>Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ġhajr dawk tal-intestaturi 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew għadam tal-intestatura 0506</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba interament</p>	
1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:		

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
	<ul style="list-style-type: none"> — Frazzjonijiet solidi — Oħrajn 	<p>Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inkluż materjali oħra tal-intestatura 1504</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 u 3 użati għandhom ikunu miksuba interament</p>	
ex 1505 1506	<p>Lanolina raffinata</p> <p>Xaħmijiet u żjut oħra ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Frazzjonijiet solidi — Oħrajn 	<p>Il-manifattura minn xaħam tas-suf mhux raffinat tal-intestatura 1505</p> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inklużi materjali oħra tal-intestatura 1506</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba interament</p>	
1507 sa 1515	<p>Żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom:</p> <p>Żjut tas-sojja, tal-karawett, tal-palm, tal-kopra, tal-palm tal-qalba tal-ġewż tal-palm, żejt babassu, żejt tattung u tal-ojtiċika, xama' tar-riħan u xama' tal-Ġappun, frazzjonijiet taż-żejt tal-ġoġoba u żjut għal użi tekniċi jw industrijali barra mill-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum tal-bniedem</p> <ul style="list-style-type: none"> — Frazzjonijiet solidi, ħlief dawk taż-żejt tal-ġoġoba — Oħrajn 	<p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott.</p> <p>Manifattura minn materjali oħrajn ta' intestatura 1507 sa 1515</p> <p>Manifattura fejn il-materjali veġetali użati għandhom ikunu miksuba interament</p>	
1516	<p>Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, inter-esterifikati, riesterifikati jew elajdnizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar</p>	<p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha ta' Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba interament; — il-materjali veġetali użati għandhom ikunu miksuba interament. Madankollu, il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw 	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-Kapitolu; oħrajn minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516	Manifattura li fiha: — il-materjali kollha ta' Kapitoli 2 u 4 użati għandhom ikunu miksuba interament; — il-materjali veġetali użati għandhom ikunu miksuba interament. Madankollu, il-materjali tal-intestatura 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
Kapitolu 16	Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra	Il-manifattura minn annimali ta' Kapitoli 1	
1604 u 1605	Ħut preparat jew preżervat; kavjar u sostituti tal-kavjar imħejjija minn bajd tal-ħut; Krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħra, preparati jew preservati	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitoli 3 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitoli 17	Zokkor u ħelu taz-zokkor; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
ex 1701	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sakkarożju kimikament pur, f'forma solida, mingħajr żieda ta' sustanzi tat-togħma jew koloranti	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitoli 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
1702	Zokkrijiet oħrajn, inklużi lattożju kimikament pur, maltożju, glukożju u fruttożju, f'forma solida; ġulepp miz-zokkor mingħajr sustanzi miżjuda għat-togħma jew għall-kulur; għasel artifiċjali, imħallat jew le mal-għasel naturali; karamel: — Maltożju u fruttożju kimikament puri — Zokkrijiet oħra, f'forma solida, biż-żieda ta' sustanzi tat-togħma jew koloranti — Oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inklużi materjali oħra tal-intestatura 1702 Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitoli 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott Manifattura li fiha l-materjali kollha użati jridu jkunu diġà oriġinarji	
ex 1703	Molassa miksuba mill-estrazzjoni jew ir-raffinar taz-zokkor, mogħtija t-togħma jew il-kulur	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitoli 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
1704	Ħelu (inkluża ċ-ċikkulata bajda), li ma fihx kawkaw	Manifattura li fiha: <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali użati kollha tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott 	
Kapitolu 18	Kawkaw u preparati mill-kawkaw	Manifattura li fiha: <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali użati kollha tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott 	
1901	Estratti tax-xgħir; preparati ta' ikel tad-dqiq, lamtu jew estratt tal-malt li ma fihomx kawkaw jew għandhom inqas minn 40 % tal-piż tal-kawkaw ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, għajr speċifikati jew inklużi band'oħra; tħejjijiet tal-ikel ta' oġġetti li jidhru taħt l-intestatura 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew fihom anqas minn 5 % kawkaw bil-piż ikkalkulati fuq bażi bix-xaħam imneħħi kompletament, li mhumiex speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor: <ul style="list-style-type: none"> — Estratti tax-xgħir — Oħrajn 	Manifattura minn ċereali tal-Kapitolu 10 Manifattura li fiha: <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali użati kollha tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott 	
1902	Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew preparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (noodles), lasanji, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, kemm jekk ippreparat u kemm jekk le: <ul style="list-style-type: none"> — li fihom 20 % tal-piż jew inqas f'laħam, skart tal-laħam, ħut, krustaċċi jew molluski 	Manifattura fejn iċ-ċereali kollha u d-derivattivi (għajr qamħ durum u d-derivattivi tiegħu) użati għandhom ikunu miksuba interament	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
	— li fihom 20 % tal-piż jew inqas f'laħam, skart tal-laħam, ħut, krustaċji jew molluski	Manifattura li fiha: — iċ-ċereali u d-derivattivi kollha (għajr qamħ durum u d-derivattivi tiegħu) użati għandhom ikunu miksuba interament; u — il-materjali kollha ta' Kapitoli 2 u 3 użati għandhom ikunu miksuba interament;	
1903	Tapjoka u sostituti tagħha ppreparati minn lamtu f'forma ta' qxur, frak, granulat, marbul jew f'forom simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr lamtu tal-patata tal-intestatura 1108	
1904	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (pereżempju, kornflejks); ċereali (għajr qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' granulat, jew f'forma ta' biċċiet jew granulati oħra maħduma (għajr dqiq), imsajra minn qabel, jew ippreparati b'xi mod ieħor, għajr speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr dawk ta' intestatura 1806; — fejn iċ-ċereali kollha u d-dqiq (għajr qamħ durum u d-derivattivi tiegħu u l-qamħirrun Zea indurata) użati għandhom ikunu miksuba interament; u — fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara, kemm jekk jinkludu kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, kapsuli vojta tat-tip adattat għall-użu farmaceutiku, sealing wejfers, karti tal-ostji u prodotti simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr dawk tal-Kapitolu 11	
ex Kapitolu 20	Preparati ta' ħxejjex, frott, lewż jew partijiet oħra ta' pjanti; għajr:	Manifattura fejn il-frott, il-lewż u l-ħxejjex kollha użati għandhom ikunu miksuba interament	
ex 2001	Jam, patata ħelwa u partijiet bħal dawn ta' pjanti li jittiekle li fihom 5 % jew iżjed bħala piż ta' lamtu, ippreparat jew ippreżervat bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
ex 2004 u ex 2005	Patata f'forma ta' dqiq, tħin oħxon jew qxur, ippreparata jew ippreservata għajr bil-ħall jew aċidu aċetiku	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
2006	Ħxejjex, frott, lewż, qxur tal-frott u partijiet oħra ta' pjanti, ippreservati biz-zokkor (imsaffija, glacé jew kristallizzati)	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitoli 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
2007	Ġammijiet, ġèli tal-frott, marmellati, puré tal-frott jew tal-ġewż u pejsts tal-frott u tal-ġewż, miksubin bit-tisjir, kemm jekk fihom zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu miżjud inkella le	Manifattura li fiha: — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali użati kollha tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2008	<ul style="list-style-type: none"> — Lewż, mingħajr zokkor jew spirtu miżjud — Butir tal-karawett; taħlitiet ibbażati fuq ċereali; qlub tal-palma; qamhrrun — Oħrajn għajr frott u lewż imsajjar mod ieħor milli bil-fwar jew mgħolli fl-ilma, li ma jinkludux zokkor miżjud, iffriżati 	<p>Manifattura fejn il-valur tal-lewż u ż-żejt taż-żerriegħa oriġinarji tal-intestaturi 0801, 0802 u 1202 sa 1207 użati jaqbeż is-60 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott.</p> <p>Manifattura li fiha: — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali użati kollha tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott</p>	
2009	Meraq tal-frott (inkluż il-most tal-għenba) u meraq mill-ħxejjex, mhux iffermentat u mingħajr spirtu miżjud, sew jekk fihom zokkor miżjud jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa sew jekk le	Manifattura li fiha: — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali użati kollha tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 21	Preparati mixxellanji li jittieklu; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott.	
2101	Estratti, essenzi, u konċentrati, ta' kafè, te, maté u preparati b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, te jew maté; ċikwejra nkaljata u sostituti tal-kafè nkaljati oħra, u estratti, essenzi u konċentrati tiegħu	Manifattura li fiha: — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — iċ-ċikwejra kollha użata għandha tkun miksuba interament	
2103	Zlazi u preparati għalihom; kondimenti mħallta u ħwawar imħallta; dqiq u tħin oħxon tal-mustarda u mustarda ppreparata:		

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
	<ul style="list-style-type: none"> — Zlazi u preparati għalihom; kondimenti mħallta u ħwawar imħallta — Dqiq u tħin oħxon tal-mustarda u mustarda ppreparata 	<p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, jista' jintuża dqiq jew tħin oħxon tal-mustarda jew mustarda ppreparata</p> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura</p>	
ex 2104	Preparati għal sopop, brodjiet jew meraq (bouillons)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr ħxejjex ippreparati jew preservati tal-intestaturi 2002 sa 2005	
2106	Preparati tal-ikel mhux imsemmija jew inklużi band'oħra	<p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali użati kollha tal-Kapitolu 17 ma jaqbix it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott 	
ex Kapitolu 22	Xarbiet, spirti u hall; għajr:	<p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat irid ikun kollu miksub interament 	
2202	Ilmijiet, inkluż ilmiġiet minerali u ilmijiet miżjuda bl-arja, biz-zokkor jew dolċifikanti oħra miżjuda jew bit-togħma, u xarbiet oħra mhux alkoħoliċi, li ma jinkludux meraq tal-frott jew ħaxix tal-intestatura 2009	<p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali użati kollha tal-Kapitolu 17 ma jaqbix it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; — kwalunkwe meraq tal-frott li jintuża (għajr meraq tal-larinġ, l-għeneb, il-pineapple, l-ixkomp u grapefruit) irid ikun diġà oriġinarju 	
2207	Alkoħol etiliku mhux denaturizzat ta' saħħa alkoħolika skont il-volum ta' 80 % vol jew oġġla; alkoħol etiliku u spirti oħra, denaturizzati, ta' kwalunkwe saħħa	<p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> — minn materjali mhux klassifikati taħt intestaturi Nri 2207 jew 2208; u — fejn l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat irid ikun kollu miksub interament jew jekk il-materjali kollha l-oħra użati jkunu diġà oriġinarji, jista' jintuża l-għarak sal-limitu ta' 5 % bil-volum 	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
2208	Alkoħol etiliku mhux denaturizzat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xorb alkoħoliku ieħor	Manifattura: — minn materjali mhux klassifikati taħt intestaturi Nri 2207 jew 2208; u — fejn l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat irid ikun kollu miksub interament jew jekk il-materjali kollha l-oħra użati jkunu diġà oriġinarji, jista' jintuża l-gharak sal-limitu ta' 5 % bil-volum	
ex Kapitolu 23	Residwi u skart mill-industriji tal-ikel; għalf għall-animali ppreparat; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott.	
ex 2301	Thin mill-baleni; dqiqijiet, tħin u pritkuni tal-ħut jew tal-krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra, li ma jistgħux jittiekle mill-bnedmin	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 u 3 użati għandhom ikunu miksuba interament	
ex 2303	Residwi mill-manifattura tal-lamtu tal-qamħirrun (eskluż likuri li jingħaddsu (steeping) koncentri), ta' kontenut proteiniku, ikkalkulat fuq il-prodott niexef, li jaqbeż l-40 % bil-piż	Manifattura fejn il-qamħirrun kollu użat irid ikun miksub interament	
ex 2306	Oil cake u fdalijiet solidi oħra li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, li fihom aktar minn 3 % taż-żejt taż-żebbuġa	Manifattura fejn iż-żebbuġ kollu użat irid ikun miksub interament	
2309	Preparazzjonijiet ta' għamla li jintużaw fl-għalf tal-animali	Manifattura li fiha: — iċ-ċereali, iż-zokkor jew il-ġulepp, il-laħam jew il-ħalib użati kollha jridu jkunu diġà oriġinarji; u — il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati għandhom ikunu miksuba interament	
ex Kapitolu 24	Tabakk u sostituti tat-tabakk manifatturati; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 24 użati għandhom ikunu miksuba interament	
2402	Sigarri, cheroots, sigarri zġhar u sigaretti, tat-tabakk jew sostituti tat-tabakk	Manifattura fejn minn tal-inqas 10 % bil-piż tat-tabakk mhux manifatturat jew skart tat-tabakk tal-intestatura 2401 użat irid ikun diġà oriġinarju	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
ex 2403	Tabakk tat-tipjip	Manifattura fejn minn tal-inqas 10 % bil-piż tat-tabakk mhux manifaturat jew skart tat-tabakk tal-intestatura 2401 użat irid ikun diġà oriġinarju	
ex Kapitolu 25	Melħ; sulfur; ħamrija u ġebel; materjali tal-kisi, ġir u siment; ġhajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura ġhajr dik tal-prodott.	
ex 2504	Grafit Kristallin naturali, b'kontenut ta' karbonju arrikkat, purifikat u mitħun	Arrikkiment tal-kontenut tal-karbonju, purifikazzjoni u tħin ta' grafit kristillin grezz	
ex 2515	Irĥam, sempliċiment maqtuġh, bl-isserrar jew b'mod ieħor, fi blokki jew folji ta' forma rettangolari (inklużi kwadrati), ta' ħxuna li ma taqbiżx 25 cm	Qtuġh, bl-isserrar jew b'mod ieħor, ta' rĥam (anki jekk diġà sserrat) ta' ħxuna li taqbeż 25 cm	
ex 2516	Granit, porfirju, bażalt, ġebel ramli u ġebel tal-monumenti u ta' bini ieħor, sempliċiment maqtuġh, bl-isserrar jew b'mod ieħor, fi blokki jew folji ta' forma rettangolari (inkluż skwerra), ta' ħxuna li ma taqbiżx 25 cm	Qtuġh, bl-isserrar jew b'mod ieħor, ta' ġebel (anki jekk diġà sserrat) ta' ħxuna li taqbeż 25 cm	
ex 2518	Dolomit kalċinat	Riduzzjoni ta' dolomit mhux maħdum f'ġir	
ex 2519	Karbonat naturali tal-manjesju mfarrak (manjesit), f'kontenituri ssiġillati ermetikament, u ossidu tal-manjesju, sew jekk pur jew le, li mhux manjesja mdewba bis-sħana jew manjesja dead-burned (maġh-quda bis-sħana)	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura ġhajr dik tal-prodott.. Madankollu, jista' jintuża l-karbonat tal-manjesju naturali (manjesit)	
ex 2520	Ġipsijiet ippreparati speċifikament għad-dentistrija	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jridx jaqbeż il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2524	Fibri naturali tal-asbestos	Manifattura minn konċentrat tal-asbestos	
ex 2525	Trab tal-majka	Thin tal-majka jew skart tal-majka	
ex 2530	Pigmenti naturali, kalċinat jew trab	Riduzzjoni fi trab jew tħin tal-kuluri tal-earth	
Kapitolu 26	Metalli, fdalijiet u rmied	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura ġhajr dik tal-prodott	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
ex Kapitolu 27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xema' minerali; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
ex 2707	Żjut fejn il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi, li huma żjut simili għaż-żjut minerali miksuba bid-distillazzjoni ta' qatran tal-faħam ta' temperatura għolja, ta' fejn aktar minn 65 % bil-volum jiddistilla f'temperatura sa 250 °C (inkluż taħlitiet ta' spirtu tal-petroljum u l-benzol), għall-użu bħala karburanti għall-enerġija jew it-tisħin	Proċessi ta' raffinar u/jew proċess wieħed speċifiku jew aktar proċessi speċifiċi ⁽¹⁾	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2709	Żjut mhux raffinati miksuba minn minerali bituminużi	Distillazzjoni distruttiva tal-materjali bituminużi	
2710	Żjut tal-petroljum u żjut miksuba minn materjali bituminużi, għajr dawk mhux raffinati; preparati mhux speċifikati jew inklużi band'oħra, li jinkludu 70 % bil-piż jew aktar ta' żjut tal-petroljum jew ta' żjut miksuba minn materjali bituminużi, dawn iż-żjut huma l-kostitwenti bażiċi tal-preparati	Proċessi ta' raffinar u/jew proċess wieħed speċifiku jew aktar proċessi speċifiċi ⁽²⁾	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
2711	Gassijiet tal-petroljum u idrokarburi gassużi oħra	Proċessi ta' raffinar u/jew proċess wieħed speċifiku jew aktar proċessi speċifiċi ⁽²⁾	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
2712	Vażellina; xema' tal-paraffina, xema' tal-petroljum mikro-kristallina, xema' mill-fdal tal-faħam, ozokerite, xema' linjite, xema' tal-pit, xema' minerali oħra u prodotti simili miksuba bis-sintesi jew bi proċessi oħra, kemm jekk ikkuluriti u kemm jekk le	Proċessi ta' raffinar u/jew proċess wieħed jew aktar proċessi speċifiċi ⁽¹⁾	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
2713	Coke tal-petroljum, bitum tal-petroljum u residwi oħra taż-żjut tal-petroljum jew taż-żjut miksuba minn materjali bituminużi	Proċessi ta' raffinar u/jew proċess wieħed jew aktar proċessi speċifiċi ⁽¹⁾	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
2714	Bitum u asfalt, naturali; bituminużi jew shale taż-żejt u ramel tal-qatran; asfaltiti u ġebel tal-asfalt	Proċessi ta' raffinar u/jew proċess wieħed speċifiku jew aktar proċessi speċifiċi ⁽¹⁾	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
2715	Taħlit bituminuż ibbażat fuq asfalt naturali, fuq bitum naturali, fuq bitum tal-petroljum, fuq qatran minerali jew fuq żift tal-qatran minerali (pereżempju, gomom bituminużi, cut-backs)	Proċessi ta' raffinar u/jew proċess wieħed speċifiku jew aktar proċessi speċifiċi ⁽¹⁾	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex Kapitolu 28	Kimiċi inorganiċi; sustanzi organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' metalli rari, ta' elementi radjuattivi jew ta' iżotopi; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott.. Madankollu, materjali klassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2805	"Mischmetall"	Manifattura bi trattament elettrolitiku jew termali fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jridx jaqbeż il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2811	Trijossidu tas-sulfur	Manifattura minn dijossidu tas-sulfur	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2833	Sulfat tal-aluminju	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jridx jaqbeż il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2840	Perborat tas-sodju	Manifattura minn disodju tetraborat pentaidrat	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2852	Eteri interni u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu l-valur tal-materjali tal-intestatura 2909 użati ma jridx jaqbeż l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju (3) jew (4)	
(Din il-lista la tippreġudika l-istatus ta' dawn il-pajjiżi u t-territorji, u lanqas it-tibdiliet futuri tal-istatus tagħhom.)

1. Il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju tad-Danimarka:
 - Greenland.
2. Il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Repubblika Franċiża:
 - New Caledonia u d-Dipendenzi tagħha,
 - il-Polineżja Franċiża,
 - Saint Pierre u Miquelon,
 - Saint Barthélemy,
 - it-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartika,
 - Wallis u Futuna.
3. Il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju tan-Netherlands:
 - Aruba,
 - Bonaire,
 - Curaçao,
 - Saba,
 - Sint Eustatius,
 - Sint Maarten.
4. Il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq:
 - Anguilla,
 - il-Bermuda,
 - il-Gżejjer Cayman,
 - il-Gżejjer Falkland,
 - il-Georgia tan-Nofsinhar u l-Gżejjer Sandwich tan-Nofsinhar,
 - Montserrat,
 - Pitcairn,
 - Saint Helena u d-Dipendenzi tagħha,
 - it-Territorju Brittaniku tal-Antartika,
 - it-Territorju Brittaniku tal-Oċean Indjan,
 - il-Gżejjer Turks u Caicos,
 - il-Gżejjer Verġni Brittaniċi.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

DWAR IL-PRINĊIPAT TA' ANDORRA

1. Il-prodotti oriġinarji tal-Prinċipat ta' Andorra li jaqgħu taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għandhom jiġu aċċettati mill-Għana bħala oriġinarji tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira ta' dan il-Ftehim.
 2. Il-Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva għandu japplika *mutatis mutandis* bil-għan li jiġi definit l-istatus oriġinarju tal-prodotti msemmija hawn fuq.
-

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

DWAR IR-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO

1. Il-prodotti oriġinarji tar-Repubblika ta' San Marino għandhom jiġu aċċettati mill-Ghana bħala oriġinarji tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira ta' dan il-Ftehim.
 2. Il-Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva għandu japplika *mutatis mutandis* bil-għan li jiġi definit l-istatus oriġinarju tal-prodotti msemmija hawn fuq.
-

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2019/2209**tas-16 ta' Diċembru 2019****li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Meta att għandu jiġi adottat mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.
- (2) Dik il-perċentwali tiġi kkalkolata skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ("ir-Regoli ta' Proċedura")⁽¹⁾.
- (3) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda iċ-ċifri stipulati f'dak l-Anness, f'konformità mad-data disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.
- (4) Fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura jenħtieġ li jinkludi wkoll iċ-ċifri applikabbli mill-jum wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2020.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 240 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX III

**ĊIFRI LI JIRRIĠWARDAW IL-POPOLAZZJONI TAL-UNJONI U L-POPOLAZZJONI TA' KULL STAT MEMBRU
GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-VOTAZZJONI B'MAĠĠORANZA
KWALIFIKATA FIL-KUNSILL**

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4) TUE u tal-Artikolu 238(2) u (3) TFUE, il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, kif ukoll il-perċentwali tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru f'paragun mal-popolazzjoni tal-Unjoni, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sad-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020, għandhom ikunu kif ġej:

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Ġermanja	82 940 663	16,13
Franza	67 028 048	13,04
Renju Unit	66 647 112	12,96

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Italja	61 068 437	11,88
Spanja	46 934 632	9,13
Polonja	37 972 812	7,39
Rumanija	19 405 156	3,77
Netherlands	17 423 013	3,39
Belġju	11 467 923	2,23
Greċja	10 722 287	2,09
Ċekja	10 528 984	2,05
Portugall	10 276 617	2,00
Żvezja	10 243 000	1,99
Ungerija	9 772 756	1,90
Awstrija	8 842 000	1,72
Bulgarija	7 000 039	1,36
Danimarka	5 799 763	1,13
Finlandja	5 512 119	1,07
Slovakkja	5 450 421	1,06
Irlanda	4 904 240	0,95
Kroazja	4 076 246	0,79
Litwanja	2 794 184	0,54
Slovenja	2 080 908	0,40
Latvja	1 919 968	0,37
Estonja	1 324 820	0,26
Ċipru	875 898	0,17
Lussemburgu	612 179	0,12
Malta	493 559	0,10
UE 28	514 117 784	
Livell limitu (65 %)	334 176 560	

2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4) TUE u tal-Artikolu 238(2) u (3) TFUE, il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, kif ukoll il-perċentwali tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru f'paragun mal-popolazzjoni tal-Unjoni, għall-perijodu mill-jum wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2020, għandhom ikunu kif ġej:

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Ġermanja	82 940 663	18,54
Franza	67 028 048	14,98
Italja	61 068 437	13,65
Spanja	46 934 632	10,49

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Polonja	37 972 812	8,49
Rumanija	19 405 156	4,34
Netherlands	17 423 013	3,89
Belġju	11 467 923	2,56
Greċja	10 722 287	2,40
Ċekja	10 528 984	2,35
Portugall	10 276 617	2,30
Żvezja	10 243 000	2,29
Ungerija	9 772 756	2,18
Awstrija	8 842 000	1,98
Bulgarija	7 000 039	1,56
Danimarka	5 799 763	1,30
Finlandja	5 512 119	1,23
Slovakkja	5 450 421	1,22
Irlanda	4 904 240	1,10
Kroazja	4 076 246	0,91
Litwanja	2 794 184	0,62
Slovenja	2 080 908	0,47
Latvja	1 919 968	0,43
Estonja	1 324 820	0,30
Ċipru	875 898	0,20
Lussemburgu	612 179	0,14
Malta	493 559	0,11".
UE 27	447 470 672	
Livell limitu (65 %)	290 855 937	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
J. LEPPÄ

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2210**tad-19 ta' Diċembru 2019****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istati Membri li ma eżerċitawx l-għażla taħt l-Artikolu 14 tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE ⁽²⁾ jistgħu jeżentaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") lil persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 5 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.
- (2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/677/UE ⁽³⁾, il-Lussemburgu kien awtorizzat japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE (il-"miżura ta' deroga") biex jeżenta mill-VAT lil persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma kienx aktar minn EUR 25 000. Il-miżura ta' deroga ġiet awtorizzata sal-31 ta' Diċembru 2016.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/319 ⁽⁴⁾ biex tawtorizza lil-Lussemburgu jeżenta mill-VAT lil persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 30 000. Dik l-awtorizzazzjoni tapplika sal-31 ta' Diċembru 2019, jew sad-dħul fis-seħħ ta' Direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar skema speċjali għal impriżi żgħar, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. Tali Direttiva għadha ma ġietx adottata.
- (4) B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2019, il-Lussemburgu talab awtorizzazzjoni biex ikompli japplika l-miżura ta' deroga wara l-31 ta' Diċembru 2019 u, fl-istess ħin, biex iżid il-livell limitu minn EUR 30 000 għal EUR 35 000.
- (5) B'ittra datata l-21 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, bit-talba tal-Lussemburgu. B'ittra datata l-24 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Lussemburgu li hija kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (6) Mill-informazzjoni pprovduta mil-Lussemburgu, jidher li r-raġunijiet għall-miżura ta' deroga għadhom fil-biċċa l-kbira l-istess. Il-miżura ta' deroga tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità kemm għall-impriżi żgħar kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa u għalhekk tgħin biex tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tal-VAT. Il-Lussemburgu jistma li ż-żieda fil-livell limitu ta' eżenzjoni għal EUR 35 000 tista' taffettwa lil 1 106 persuni taxxabli, li jikkorrispondu għal 1,5 % tal-persuni taxxabli rreġistrati għall-VAT fil-Lussemburgu fl-2017. Tali żieda fil-livell limitu għalhekk tkompli tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità u tgħin biex tkompli tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tat-taxxa.
- (7) Il-miżura ta' deroga hija, u se tibqa', fakultattiva għall-persuni taxxabli. Il-persuni taxxabli xorta se jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti regolari tal-VAT skont l-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE tal-11 ta' April 1967 dwar l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-fatturat minn negozju – L-istruttura u l-proċeduri għall-applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 71, 14.4.1967, p. 1303).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/677/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 33).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/319 tal-21 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 47, 24.2.2017, p. 7).

- (8) Skont l-informazzjoni pprovduta mil-Lussemburgu, il-miżura ta' deroga biż-żieda fil-livell limitu se jkollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont globali tad-dħul mill-VAT tal-Lussemburgu miġbur fl-istadju tal-konsum finali.
- (9) Il-miżura ta' deroga biż-żieda fil-livell limitu mhux se jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT peress li l-Lussemburgu se jwettaq kalkolu tal-kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89⁽⁵⁾.
- (10) Fid-dawl tal-impatt potenzjalment pożittiv tal-miżura ta' deroga għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-kostijiet tal-konformità għan-negozji żgħar u għall-awtoritajiet tat-taxxa, u tan-nuqqas ta' xi impatt kbir fuq id-dħul totali ġġenerat mill-VAT, huwa kunsiljabbli li l-Lussemburgu jkun awtorizzat ikompli japplika l-miżura ta' deroga għal perjodu ulterjuri u jżid il-livell limitu għal EUR 35 000 għal dak il-perjodu.
- (11) Jenħtieġ li l-estensjoni tal-miżura ta' deroga tkun limitata fiż-żmien. Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien ikun biżżejjed biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effettività u l-adeqwatezza tal-livell limitu. Għalhekk, jixraq li l-Lussemburgu jkun awtorizzat ikompli japplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2022. Madankollu, jekk tiġi adottata Direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar skema speċjali għall-impriżi żgħar u d-data li minnha jridu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali meħtieġa għall-konformità ma' tali Direttiva tiġi qabel il-31 ta' Diċembru 2022, jenħtieġ li l-miżura ta' deroga tiegħa japplika meta daww id-dispożizzjonijiet nazzjonali jsiru applikabbli.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Lussemburgu huwa awtorizzat li jeżenta mill-VAT lil persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 35 000.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-aktar data bikrija minn dawn iż-żewġ dati li ġejjin:

- (a) il-31 ta' Diċembru 2022;
- (b) id-data li minnha l-Istati Membri jridu japplikaw kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali li jeħtieġ jadottaw jekk tiġi adottata Direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar skema speċjali għall-impriżi żgħar.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
K. MIKKONEN

(5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2211**tad-19 ta' Diċembru 2019**

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2031 li tiddetermina, għal perjodu ta' żmien limitat, li l-qafas regolatorju applikabbli għal kontropartijiet ċentrali fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa ekwivalenti, skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2031 ⁽²⁾ se tapplika mid-*data* wara dik li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fit-territorju tiegħu sakemm ma jidħolx fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ sa dik id-*data*. Din tipprevedi li se tiskadi fit-30 ta' Marzu 2020.
- (2) Fid-29 ta' Ottubru 2019, bi ftehim mar-Renju Unit, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/1810 ⁽³⁾ li testendi l-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea sal-31 ta' Jannar 2020. Minħabba dik l-estensjoni oħra, il-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2031 ma jkunx twil biżżejjed biex il-membri u l-klijenti tal-ikklerjar stabbiliti fl-Unjoni jkollhom iċ-ċertezza tad-dritt u l-prevedibbiltà meħtieġa fil-każ li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni mingħajr ftehim.
- (3) Mill-31 ta' Diċembru 2018, l-ammont nozzjonali pendenti ta' derivattivi OTC huwa aktar minn EUR 500 triljun mad-dinja kollha, li minnhom 75 % huma derivattivi tar-rati tal-imgħax u kważi 20 % oħra huma derivattivi f'munita barranija. Madwar 30 % tad-derivattivi OTC kollha huma denominati f'euro u f'muniti oħra tal-Unjoni. Is-suq tal-ikklerjar ċentrali tad-derivattivi OTC huwa kkonċentrat ħafna, partikolarment is-suq tal-ikklerjar ċentrali ta' derivattivi OTC tar-rata tal-imgħax denominati feuro, li aktar minn 90% minnhom huma kklerjati f'CCP waħda stabbilita fir-Renju Unit. Fl-2017, 97 % tad-derivattivi OTC tar-rata tal-imgħax denominati feuro ġew ikklerjati f'dak is-CCP, li jenfazzizza li l-parteċipanti fis-suq qegħdin jieħdu passi biex iħejju ruħhom għall-ħruġ tar-Renju Unit.
- (4) Madankollu, ir-raġunijiet sottostanti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2031 għadhom japplikaw. B'mod partikolari, għad hemm riskji potenzjali fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-każ tal-ħruġ mingħajr ftehim, u x'aktarx li dawn se jippersistu wara t-30 ta' Marzu 2020. Barra minn hekk, il-membri u l-klijenti tal-ikklerjar stabbiliti fl-Unjoni għandhom b'żonn ċertezza tad-dritt u prevedibbiltà għal perjodu suffiċjenti ta' żmien wara l-ħruġ potenzjali tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim. Minkejja dan, ir-raġunijiet tad-durata limitata ta' dik id-Deċiżjoni għadhom jippersistu wkoll, partikolarment b'raba mal-inċertezzi li jiċċirkondaw ir-relazzjoni futura bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni, kif ukoll l-impatt potenzjali fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u dwar l-integrità tas-Suq Uniku. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2031 għandha tibqa' b'durata limitata.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2031 tiġi emendata biex tipprevedi l-perjodu ta' applikazzjoni ta' sena waħda.

⁽¹⁾ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2031 tad-19 ta' Diċembru 2018 li tiddetermina, għal perjodu ta' żmien limitat, li l-qafas regolatorju applikabbli għal kontropartijiet ċentrali fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa ekwivalenti, skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 50).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/1810 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tad-29 ta' Ottubru 2019 li testendi l-perjodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 278I, 30.10.2019, p. 1).

- (6) Il-Kummissjoni se tissokta l-monitoraġġ dwar jekk il-kundizzjonijiet sottostanti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2031 ikunux għadhom qed jiġu ssodisfati matul l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.
- (7) Barra minn hekk, meta jitqiesu l-emendi għar-Regolament (UE) Nru 648/2012 adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, li se jkunu daħlu fis-seħħ qabel ma d-Deċiżjoni tiegħa tapplika, kwalunkwe deċiżjoni potenzjali ulterjuri se tqis il-kundizzjonijiet u l-iżviluppi tas-suq finanzjarju, kif ukoll l-iskopertura tal-membri u klijenti tal-ikklerjar li jkunu stabbiliti fl-Unjoni għar-riskju ta' konċentrazzjoni li jinholq mis-CCPs stabbiliti fir-Renju Unit. Fil-każ li tali skopertura titqies ta' ħsara għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, kwalunkwe Deċiżjoni potenzjali ulterjuri tista' tipprova ttaffi r-riskju sistemiku fil-konfront tal-Unjoni billi jiġi llimitat l-aċċess ta' dawk il-membri u l-klijenti tal-ikklerjar għal ċerti prodotti, attivitajiet jew servizzi li jingħataw mis-CCPs stabbiliti fir-Renju Unit. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qed tippjana li tagħmel l-intenzjoni tagħha magħrufa sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-iskadenza.
- (8) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ b'urġenza biex tiġi żgurata ċ-ċertezza ġuridika għall-membri u l-klijenti tal-ikklerjar stabbiliti fl-Unjoni.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2031, ir-raba' paragrafu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

'Għandu jiskadi sena wara d-data msemmija fit-tieni paragrafu.'

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2212

tal-20 ta' Diċembru 2019

dwar proġett pilota biex jiġu implimentati ċerti dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI")⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("l-IMI") stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 hija applikazzjoni tas-software li huwa aċċessibbli permezz tal-Internet u li ġiet żviluppata mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, sabiex tgħin lill-Istati Membri jikkonformaw mar-rekwiżiti relatati mal-iskambju ta' informazzjoni stabbiliti fl-atti tal-Unjoni billi tippovdi mekkaniżmu ċentralizzat ta' komunikazzjoni biex jiffaċilita l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni u assistenza reċiproka.
- (2) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 jippermetti lill-Kummissjoni twettaq proġetti pilota biex tivvaluta l-effettività tal-IMI fl-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni amministrattiva fl-atti tal-Unjoni li mhumiex elenkati fl-Anness ta' dak ir-Regolament.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur għandhom jikkooperaw u jikkoordinaw azzjonijiet ma' xulxin u mal-Kummissjoni. L-Artikolu 35 ta' dak ir-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi u żżomm bażi tad-*data* elettronika għall-komunikazzjonijiet kollha bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni u l-Kummissjoni skont dak ir-Regolament. Dan jirrikjedi wkoll li kwalunkwe informazzjoni pprovduta minn entitajiet li jgħorġu twissijiet esterni skont l-Artikolu 27 ta' dak ir-Regolament tinħażen u tiġi pproċessata f'dik il-bażi tad-*data* elettronika. Barra minn hekk, l-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-Awtorità Bankarja Ewropea taġixxi bħala osservatur f'ċerti każijiet, u l-Awtorità Bankarja Ewropea jenħtieġ għalhekk li tkun tista' taċċessa l-bażi tad-*data* elettronika f'tali każ sabiex tkun tista' tosserva l-komunikazzjonijiet rilevanti.
- (4) Il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2213⁽³⁾ li tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi u operattivi għall-funzjonament tal-bażi tad-*data* elettronika stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2017/2394 fir-rigward tal-komunikazzjonijiet li saru skont ċerti dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. L-IMI tista' tkun għodda effettiva fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni amministrattiva li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2213 Għaldaqstant, daww id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jkun s-suġġett ta' proġett pilota skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

⁽¹⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2213 tal-20 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi u operattivi għall-funzjonament tal-bażi ta' data elettronika stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti komunikazzjonijiet skont dak ir-Regolament (Ara l-paġna 163 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (5) Ir-Regolament (UE) 2017/2394 jiddefinixxi atturi differenti responsabbli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva stabbiliti f'dak ir-Regolament. Sabiex tiġi garantita l-applikazzjoni effettiva ta' daww id-dispożizzjonijiet, daww l-atturi għandhom jitqiesu bħala atturi tal-IMI għall-finijiet tal-proġett pilota.
- (6) Jenħtieġ li l-IMI tipprovdi l-funzjonalità teknika li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti, lill-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni, lill-Kummissjoni u lil atturi oħra biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2017/2394 li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2213 L-IMI jenħtieġ li tiżgura li l-aċċess għall-IMI minn daww l-atturi jkun ristrett għall-funzjonalità li għaliha għandhom bżonn l-aċċess sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dak ir-Regolament.
- (7) L-IMI tippermetti lill-atturi tal-IMI biex jikkomunikaw u jinteraġixxu ma' xulxin b'mod strutturat. Dan ifisser li għandhom jintużaw formoli strutturati għall-iskambju u l-ipproċessar tal-informazzjoni kollha permezz tal-IMI. Għalhekk, l-użu ta' dawn il-formoli se jissodisfa kwalunkwe rekwiżit fir-Regolament (UE) 2017/2394 biex jintużaw formoli standard għal komunikazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett pilota (pereżempju, ir-rekwiżit fl-Artikolu 13(3) ta' dak ir-Regolament).
- (8) L-Artikolu 35(3) tar-Regolament (UE) 2017/2394 jipprevedi li d-*data* relatata mal-ksur għandha tinħażen fil-bażi tad-*data* elettronika għajr għaż-żmien meħtieġ għall-finijiet li għalihom tkun inġabret u ġiet ipproċessata u fi kwalunkwe każ għal mhux aktar minn ħames (5) snin minn tmiem il-kooperazzjoni rilevanti. Għalhekk, l-IMI jenħtieġ li tiżgura li hekk kif id-*data* relatata ma' ksur ma tibqax meħtieġa aktar, id-*data* tista' titħassar mill-IMI, u li tali *data* fi kwalunkwe każ titħassar sa mhux aktar tard minn ħames (5) snin wara d-*data* speċifikata fil-punt (a), (b) jew (c) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(3) tar-Regolament (UE) 2017/2394. Huwa biss rekord tal-iskambji ta' informazzjoni li jista' jibqa' aċċessibbli fl-IMI. Din id-dispożizzjoni għandha topera mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 sa fejn l-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu tirriżulta fl-imblukkar jew it-tħassir preċedenti ta' *data* personali maħżuna bħala parti mill-proġett pilota.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012, il-Kummissjoni trid tippreżenta evalwazzjoni tal-eżitu tal-proġett pilota lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Huwa xieraq li tiġi speċifikata d-*data* sa meta l-evalwazzjoni trid tiġi ppreżentata. Għal raġunijiet ta' konsistenza, id-*data* speċifikata għandha tkun l-istess bħad-*data* li fiha jenħtieġ li jiġi ppreżentat ir-rapport mitlub mill-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2017/2394.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċizzjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proġett pilota

L-Artikoli minn 11 sa 23, 26, 27 u 28 tar-Regolament (UE) 2017/2394 għandhom ikunu soġġetti għal proġett pilota biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni amministrattiva stabbiliti f'daww l-Artikoli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI").

Artikolu 2

L-awtoritajiet kompetenti u atturi tal-IMI oħra

1. Għall-finijiet tal-proġett pilota, l-awtoritajiet kompetenti u l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni maħtura skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2394 u l-entitajiet li għandhom is-setgħa li joħorġu twissijiet esterni skont l-Artikolu 27(1) ta' dak ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala awtoritajiet kompetenti fi ħdan it-tifsira tal-punt (f) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012.
2. Għall-finijiet tal-proġett pilota, l-entitajiet li għandhom is-setgħa li joħorġu twissijiet esterni skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2017/2394 u l-Awtorità Bankarja Ewropea fil-kapaċità tagħha ta' osservatur skont l-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala atturi tal-IMI skont it-tifsira tal-punt (g) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

Artikolu 3

Il-kooperazzjoni amministrattiva

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2017/2394, l-IMI għandha tipprovdi l-funzjonalità teknika, b'mod partikolari, għal dan li ġej:
 - (a) il-preżentazzjoni ta' talba għal informazzjoni skont dak l-Artikolu, inkluż kwalunkwe informazzjoni u evidenza ta' akkumpanjament;
 - (b) it-tressiq tat-talba lill-awtorità kompetenti xierqa;
 - (c) it-tweġiba għat-talba għal informazzjoni;
 - (d) l-informazzjoni li trid tingħata lill-awtorità applikanti u lill-Kummissjoni dwar rifjut ta' konformità ma' talba għal informazzjoni, inklużi r-raġunijiet għar-rifjut;
 - (e) il-komunikazzjoni f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar talba għal informazzjoni.
2. Għall-finijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2017/2394, l-IMI għandha tipprovdi l-funzjonalità teknika, b'mod partikolari, għal dan li ġej:
 - (a) il-preżentazzjoni ta' talba għal miżuri ta' infurzar skont dak l-Artikolu, inkluż kwalunkwe informazzjoni u evidenza ta' akkumpanjament;
 - (b) it-tressiq tat-talba lill-awtorità kompetenti xierqa;
 - (c) l-informazzjoni li trid tingħata lill-awtorità applikanti dwar il-passi u l-miżuri meħuda jew li hemm ħsieb li jittieħdu b'reazzjoni għat-talba, inklużi l-komunikazzjonijiet li jikkonċernaw il-limitu ta' żmien għall-konformità mat-talba;
 - (d) in-notifikazzjoni lill-awtorità applikanti, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda u l-effett ta' dawk il-miżuri;
 - (e) l-informazzjoni li trid tingħata lill-awtorità applikanti u lill-Kummissjoni dwar rifjut ta' konformità ma' talba għal miżuri ta' infurzar;
 - (f) il-komunikazzjoni f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar talba għal miżuri ta' infurzar.
3. Għall-finijiet tal-Artikoli minn 15 sa 23 tar-Regolament (UE) 2017/2394, l-IMI għandha tipprovdi l-funzjonalità teknika, b'mod partikolari, għal dan li ġej:
 - (a) in-notifikazzjoni tal-intenzjoni li titnieda azzjoni koordinata;
 - (b) l-identifikazzjoni u l-ħatra ta' koordinatur għall-azzjoni koordinata;
 - (c) in-notifikazzjoni tat-tnedija ta' azzjoni koordinata;
 - (d) il-komunikazzjoni dwar l-intenzjoni ta' parteċipazzjoni f'azzjoni koordinata;
 - (e) in-notifikazzjoni tar-riżultati tal-investigazzjonijiet skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2017/2394;
 - (f) il-komunikazzjoni ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' parteċipazzjoni f'azzjoni koordinata, inklużi r-raġunijiet għad-deċiżjoni u kwalunkwe dokument ta' sostenn;
 - (g) il-komunikazzjoni ta' pożizzjoni komuni dwar l-eżitu tal-investigazzjoni u l-valutazzjoni tal-ksur mifrux;
 - (h) il-komunikazzjoni fir-rigward tal-impenji f'azzjonijiet koordinati;
 - (i) il-komunikazzjoni fir-rigward tal-progress tal-azzjoni koordinata;
 - (j) il-komunikazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe talba għal assistenza reċiproka li tista' tkun rilevanti għall-azzjoni koordinata;
 - (k) il-komunikazzjoni fir-rigward tal-koordinazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' infurzar;
 - (l) il-komunikazzjoni fir-rigward tal-għeluq tal-azzjoni koordinata.
4. Għall-finijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2017/2394, l-IMI għandha tipprovdi l-funzjonalità teknika, b'mod partikolari, għal dan li ġej:
 - (a) il-ħruġ ta' twissija, inkluż kwalunkwe informazzjoni ta' akkumpanjament rilevanti u indikazzjoni possibbli tal-intenzjoni li titnieda azzjoni koordinata;
 - (b) il-korrezzjoni tal-informazzjoni fi twissija;
 - (c) l-irtirar ta' twissija;
 - (d) it-talba għal verifika dwar jekk ikunux qed iseħħu ksur simili jew jekk ittieħdux miżuri ta' infurzar;
 - (e) it-tweġib ta' talbiet bħal dawn;
 - (f) l-attribuzzjoni ta' komunikazzjonijiet li jkunu deħlin lill-awtoritajiet kompetenti xierqa.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2017/2394, l-IMI għandha ttiprovdi l-funzjonalità teknika, b'mod partikolari, għal dan li ġej:

- (a) il-ħruġ ta' twissija esterna, inkluż kwalunkwe informazzjoni rilevanti li takkumpanja;
- (b) il-korrezzjoni tal-informazzjoni fi twissija esterna;
- (c) l-irtirar ta' twissija esterna;
- (d) l-attribuzzjoni ta' komunikazzjonijiet li jkunu deħlin għand l-awtoritajiet kompetenti xierqa.

6. Għall-finijiet tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2017/2394, l-IMI għandha ttiprovdi l-funzjonalità teknika, b'mod partikolari, għall-miżuri ta' notifika mittieħda biex jindirizzaw ksur.

Artikolu 4

L-aċċess għall-funzjonalità tal-IMI

L-IMI għandha tiżgura li dawk kollha li skont l-Artikolu 2 huma meqjusa bħala awtoritajiet kompetenti jew atturi oħra tal-IMI għall-finijiet tal-proġett pilota se jkunu jistgħu jaċċessaw biss il-funzjonalità tal-IMI li għandhom bżonn jaċċessaw sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2017/2394.

Artikolu 5

Iż-żamma tad-data

(1) L-IMI għandha ttiprovdi l-funzjonalità teknika li tippermetti t-tħassir tad-data kollha maħżuna fl-IMI bħala parti mill-proġett pilota relatat ma' ksur hekk kif l-atturi rilevanti tal-IMI jindikaw li dik id-data ma għadhiex meħtieġa għall-iskopijiet li għalihom inġabret u ġiet ipproċessata. L-IMI għandha tiżgura wkoll li din id-data kollha fi kwalunkwe każ titassar sa mhux aktar tard minn 5 snin wara l-jum speċifikat għat-tip rilevanti ta' proċedura ta' kooperazzjoni amministrattiva fil-punt (a), (b) jew (c) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(3) tar-Regolament (UE) 2017/2394.

(2) Huwa biss rekord tal-fatt tal-iskambju ta' informazzjoni rilevanti, li jeskludi kwalunkwe data li biha jista' jiġi identifikat il-ksur, li għandu jibqa' aċċessibbli fl-IMI wara t-tħassir ta' dik id-data.

(3) Il-paragrafu 1 ma jaffettwax l-obbligi skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 biex tiġi bblukkata u titassar id-data personali maħżuna fl-IMI bħala parti mill-proġett pilota sakemm dak l-Artikolu jirriżulta fl-imblukkar jew it-tħassir preċedenti ta' tali data.

Artikolu 6

L-evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-eżitu tal-proġett pilota msemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 għandha tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sas-17 ta' Jannar 2023.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mis-17 ta' Jannar 2020.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2213

tal-20 ta' Diċembru 2019

li tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi u operattivi għall-funzjonament tal-bażi ta' data elettronika stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti komunikazzjonijiet skont dak ir-Regolament

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 35(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/2394 jistabbilixxi dispożizzjoni għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nnominati mill-Istati Membri bħala responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-Unjoni li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi. Id-dispożizzjoni stabbilita minn dak ir-Regolament tinkludi dispożizzjoni għal mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka, dispożizzjoni għal azzjonijiet ikkoordinati u dispożizzjoni għall-ħruġ ta' twissijiet fil-każ ta' ksur possibbli ta' dawk il-liġijiet. L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma wkoll intitolati li jagħtu setgħa lil entitajiet oħrajn biex joħorġu twissijiet (f'dak il-każ imsejħa "twissijiet esterni").
- (2) L-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2017/2394 jitlob li l-Kummissjoni tistabbilixxi u żżomm bażi ta' data elettronika għall-komunikazzjonijiet kollha bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni u l-Kummissjoni skont dak ir-Regolament. Dik il-bażi ta' data trid tkun aċċessibbli direttament mill-awtoritajiet kompetenti, l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni u l-Kummissjoni. L-Artikolu 35 ta' dak ir-Regolament jeħtieġ ukoll li l-informazzjoni prevista mill-entitajiet li joħorġu twissijiet esterni jinħażnu u jiġu pproċessati f'dik l-istess bażi ta' data, iżda dawn l-entitajiet ma jridx ikollhom aċċess għall-bażi ta' data. Barra minn hekk, jekk l-Awtorità Bankarja Ewropea tiġi mistiedna ta' għaxxi bħala osservatur skont l-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament, ikollha bżonn tkun tista' taċċessa l-bażi ta' data elettronika għal dak l-iskop limitat sabiex tkun tista' tosserva l-komunikazzjonijiet rilevanti.
- (3) Is-Sistema multilingwi ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ tista' tkun għodda effettiva fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva stabbiliti fl-Artikoli 11 sa 23 (mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka u azzjonijiet ikkoordinati) u l-Artikoli 26, 27 u 28 (twissijiet, twissijiet esterni u skambju ta' informazzjoni oħra rilevanti għall-identifikazzjoni ta' ksur) tar-Regolament (UE) 2017/2394. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2212 ⁽³⁾ ġiet adottata biex tagħmel dawk id-dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva soġġetti għal proġett pilota skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012. Huwa għalhekk xieraq li tiġi identifikata l-IMI bħala s-sistema li trid tintuża biex tiġi pprovduta l-bażi ta' data elettronika għall-komunikazzjonijiet li jsiru skont dawk id-dispożizzjonijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2212 tal-20 ta' Diċembru 2019 dwar proġett pilota biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni amministrattiva stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2394 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (Ara paġna 159 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (4) L-IMI ma għandha tintuża għall-ebda komunikazzjoni oħra bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni u l-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/2394 (pereżempju, ma għandhiex tintuża għall-komunikazzjonijiet relatati ma' sweeps skont l-Artikolu 29 ta' dak ir-Regolament) peress li l-komunikazzjonijiet l-oħra kollha jistgħu jsiru b'mod aktar effikaċi bl-użu ta' mezzi tekniċi oħrajn.
- (5) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u tiġi evitata d-duplikazzjoni żejda, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni fl-IMI tal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, l-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni u l-entitajiet li joħorġu twissijiet esterni jkunu jikkostitwixxu komunikazzjoni tal-informazzjoni li trid tiġi kkomunikata minn dak l-Istat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8(1)(a) u (b) ta' dak ir-Regolament. Dan ma jaffettwax l-obbligu tal-Istati Membri li jikkomunikaw l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-korpi nnominati tagħhom jew kull bidla sussegwenti f'dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni.
- (6) L-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2017/2394 jippermetti li l-awtoritajiet kompetenti jużaw bħala prova kull informazzjoni, dokument, riżultanza, dikjarazzjoni, kopja vera ċċertifikata jew intelligence kkomunikata lilhom skont dak ir-Regolament, fuq l-istess bażi ta' dokumenti simili miksuba fl-Istat Membru tagħhom stess. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jisiltu awtomatikament, mill-bażi ta' *data* elettronika, sommarju ċċertifikat diġitalment tal-komunikazzjonijiet li jikkonċernawhom.
- (7) L-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2017/2394 jitlob li t-talbiet għal assistenza reċiproka jintbagħtu lill-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni tal-Istat Membru u li l-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni jkun imbagħad responsabbli li jgħaddi t-talba lill-awtorità kompetenti xierqa f'dak l-Istat Membru. Ma teżisti l-ebda regola ta' koordinament bħal din għat-twissijiet u informazzjoni oħra mibgħuta skont l-Artikoli 26, 27 u 28 ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, sabiex jiġi żgurati li t-twissijiet u informazzjoni oħra mibgħuta skont dawk l-Artikoli jkunu aċċessibbli biss mill-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru, li jkunu ikkonċernati jew possibbilment ikkonċernati mill-ksur inkwistjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati jassenjaw il-kompitu li jirċievu l-komunikazzjonijiet deħlin mibgħuta skont dawk l-Artikoli lill-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni tagħhom jew tal-inqas lil waħda mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom u li mbagħad tallokawhom lill-awtoritajiet kompetenti xierqa f'dak l-Istat Membru. Dan il-kompitu ma hemmx għalfejn jiġi applikat għal komunikazzjonijiet deħlin mibgħuta skont l-Artikoli 15 sa 23 tar-Regolament (UE) 2017/2394 peress li, fi kwalunkwe każ, azzjonijiet ikkoordinati jinbdew biss abbażi ta' twissijiet maħruġin skont l-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament.
- (8) L-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2017/2394 jistabbilixxi regoli dwar l-użu u d-divulgazzjoni ta' informazzjoni kkomunikata matul l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament u dwar is-segretezza professjonali u kummerċjali. Jenħtieġ li l-bażi ta' *data* elettronika tkun tinkludi funzjonalità li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti, lill-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni, lill-entitajiet li joħorġu twissijiet esterni u lill-Kummissjoni jindikaw jekk l-informazzjoni pprovduta minnhom tridx tinfetaħ għad-divulgazzjoni skont il-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu mingħajr il-ħtieġa ta' aktar konsultazzjoni.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) 2017/2394,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Bażi ta' data elettronika

1. Il-bażi ta' data elettronika li trid tiġi stabbilita u miżmuma skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2017/2394 ("il-bażi ta' data elettronika"), fir-rigward tal-komunikazzjonijiet skont l-Artikoli 11 sa 23, 26, 27 u 28 ta' dak ir-Regolament, għandha tiġi pprovduta permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2212..
2. Ir-reġistrazzjoni fl-IMI ta' awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, ta' uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni u ta' entitajiet li joħorġu twissijiet esterni skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2017/2394, u l-aġġornament ta' dawk ir-reġistrazzjonijiet biex jirriflettu kull bidla rilevanti, għandhom jikkostitwixxu komunikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament minn dak l-Istat Membru lill-Kummissjoni fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet, l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni u l-entitajiet.

3. Il-bażi tad-data elettronika għandha tinkludi l-funzjonalità meħtieġa biex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti, lill-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni u lill-Kummissjoni biex jiksbu, għall-finijiet tal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2017/2394, sommarju ċertifikat diġitalment tal-komunikazzjonijiet koperti mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li jikkonċernawhom.

Artikolu 2

Koordinament ta' komunikazzjonijiet deħlin mibgħuta skont l-Artikoli 26, 27 u 28

Kull Stat Membru għandu jassenja jew lill-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni tiegħu jew lil waħda mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jew aktar, il-kompitu li jirċievu komunikazzjonijiet deħlin mibgħuta skont l-Artikoli 26, 27 jew 28 tar-Regolament (UE) 2017/2394 u mbagħad jallokawhom mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti f'dak l-Istat Membru kkonċernati jew possibbilment ikkonċernati mill-ksur inkwistjoni.

Artikolu 3

Divulgazzjoni

Il-bażi ta' *data* elettronika għandha tinkludi funzjonalità li tippermetti li l-awtoritajiet kompetenti, l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni u l-entitajiet li joħorġu twissijiet esterni skont l-Artikolu 27(1) jew (2) tar-Regolament (UE) 2017/2394, jindikaw jekk l-informazzjoni pprovduta minnhom permezz tal-bażi ta' *data* elettronika tridx tkun aċċessibbli għal divulgazzjoni għall-finijiet permessi mill-punti (a) u (b) tal-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament mingħajr il-ħtieġa ta' aktar konsultazzjoni magħhom skont dak l-Artikolu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mis-17 ta' Jannar 2020.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2214**tal-20 ta' Diċembru 2019****li temenda d-Deċiżjoni 2007/25/KE fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' ħarsien relatati mal-influenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja u l-movimenti ta' għasafar domestiċi li huma akkumpanjati mis-sid tagħhom fil-Komunità, fir-rigward tal-perjodu tagħha ta' applikazzjoni***(notifikata bid-dokument C(2019) 9428)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(1),

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/25/KE ⁽²⁾ tistabbilixxi ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI) u l-movimenti ta' għasafar domestiċi li jkunu akkumpanjati minn sidhom fl-Unjoni. Din għet adottata b'reazzjoni għat-tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H5N1 bil-ħsieb li tiġi protetta s-saħħa tal-annimali u tal-bniedem fl-Unjoni u tapplika sal-31 ta' Diċembru 2019.
- (2) Tifqigħat tal-HPAI tas-sottotipi H5 differenti u oħrajn iktar rari tal-virus H7, ikomplu jseħħu fid-dinja kollha fit-tjur u fi tjur ieħor mhux selvaġġ. L-HPAI saret endemika f'diversi pajjiżi terzi u laħqet pajjiżi terzi oħra għall-ewwel darba. It-treddida tal-introduzzjoni tal-vajrus tal-HPAI fl-Unjoni permezz ta' movimenti mhux kummerċjali ta' għasafar domestiċi minn pajjiżi terzi tippersisti u għalhekk il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2007/25/KE jenħtieġ li jinżammu.
- (3) Bħalissa qed jitfasslu att delegat u att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni għall-moviment mhux kummerċjali ta' għasafar domestiċi lejn l-Unjoni taħt ir-Regolament (UE) Nru 576/2013. Madankollu, dawn iż-żewġ atti, maħsuba biex fuq bażi permanenti jissostitwixxu l-miżuri ta' protezzjoni li bħalissa huma stabbiliti fid-Deċiżjoni 2007/25/KE, mhux ser jiġu adottati qabel il-31 ta' Diċembru 2019, jiġifieri d-data tal-iskadenza tad-Deċiżjoni 2007/25/KE.
- (4) Għaldaqstant, fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika globali fir-rigward tal-HPAI, hemm bżonn jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/25/KE sal-31 ta' Diċembru 2020, u sa dak iż-żmien, jenħtieġ li jiġu adottati l-att delegat u l-att ta' implimentazzjoni, li jstabbilixxu r-rekwiżiti maħsuba biex jissostitwixxu dawk li bħalissa jinsabu fid-Deċiżjoni 2007/25/KE.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2007/25/KE tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 2007/25/KE, id-data "il-31 ta' Diċembru 2019" tiġi sostitwita b"il-31 ta' Diċembru 2020".

⁽¹⁾ ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/25/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' ħarsien relatati mal-influenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja u l-movimenti ta' għasafar domestiċi li huma akkumpanjati mis-sid tagħhom fil-Komunità (ĠU L 8, 13.1.2007, p. 29).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membri tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI (UE) 2019/2215 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-28 ta' Novembru 2019****li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/35)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 26.2 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/35) ⁽¹⁾ tistabbilixxi r-regoli għat-tħejija tal-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).
- (2) L-ambitu tad-dispożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 (BĊE/2016/35) għandu jiġi estiż biex ikopri r-riskji finanzjarji kollha.
- (3) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 (BĊE/2016/35) teħtieġ li tistabbilixxi regoli ta' valutazzjoni għal fondi ta' investiment negozjabbli distinti minn dawk applikabbli għal ishma azzjonarji negozjabbli, u tiċċara r-rappurtar ta' operazzjonijiet bil-maqlub ma' istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu.
- (4) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 (BĊE/2016/35) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emendi**

Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 (BĊE/2016/35) hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 8***Provvediment għal riskji finanzjarji**

Filwaqt li jikkunsidra kif jixraq in-natura tal-attivitajiet tal-BĊE, il-Kunsill Governattiv jista' jistabbilixxi provvediment għal riskji finanzjarji fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE. Il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi dwar id-daqs u l-użu tal-provvediment fuq il-bażi ta' stima mmotivata tal-iskoperturi għar-riskju tal-BĊE.”;

2. L-Artikolu 11 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 11***Ishma azzjonarji negozjabbli**

Għandu jingħata rendikont tal-ishma azzjonarji negozjabbli skont l-Artikolu 11 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).”;

3. L-Artikolu 11a li ġej huwa miżjud:

*"Artikolu 11a***Fondi ta' investiment negozjabbli**

Għandu jingħata rendikont tal-fondi ta' investiment negozjabbli skont l-Artikolu 11a tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).”;

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 2016 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/35) (ĠU L 347, 20.12.2016, p. 1).

4. L-Anness I huwa ssostitwit bl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;
5. L-Anness III huwa ssostitwit bl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2019.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kunsill Governattiv
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNEX I

L-Anness I tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 (BĊE/2016/35) huwa ssostitwit b'dan li ġejj:

'ANNEX I

KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TAL-VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ

ASSI

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
1	Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb	Deheb fiżiku, jiġifieri ingotti, muniti, platti, biċċiet tad-deheb maħżunin jew "under way". Deheb mhux fiżiku, bħal ma huma bilanċi f'gold sight accounts (kontijiet mhux allokat), depożiti b'terminu u krediti għar-riċeviment ta' deheb li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet li ġejjin: (a) tranżazzjonijiet ta' titjib jew tnaqqis fil-grad; u (b) lokazzjoni tad-deheb jew purity swaps fejn ikun hemm differenza ta' aktar minn jum ta' negozju wieħed bejn ir-rilaxx u meta jiġu riċevuti	Valur tas-suq
2	Kreditu kontra residenti mhux fiż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija	Kreditu kontra kontropartijiet residenti barra miż-żona tal-euro inklużi istituzzjonijiet internazzjonali u sovrannazzjonali u banek ċentrali barra miż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija	
2.1	Ammonti riċevibbli mill-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF)	<p>(a) Drittijiet ta' żbank fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett) Kwota nazzjonali bil-bilanċi feuro mnaqqsin għad-dispożizzjoni tal-IMF. Il-kont Nru 2 tal-IMF (kont feuro għal spejjeż amministrattivi) jista' jiġi inkluż taħt din il-partita jew taħt il-partita "Obbligazzjonijiet għar-residenti barra miż-żona euro ddenominati feuro"</p> <p>(b) Drittijiet speċjali ta' kreditu (SDR) Investimenti f'SDRs (gross)</p> <p>(c) Kreditu oħrajn Arranġamenti ġenerali għat-teħid ta' self, self taħt arranġamenti speċjali ta' teħid ta' self, depożiti li jsiru fi trusts taħt il-ġestjoni tal-IMF</p>	<p>(a) Drittijiet ta' żbank fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett) Valur nominali, imsarraf bir-rata tas-suq tal-kambju</p> <p>(b) SDRs Valur nominali, imsarraf bir-rata tas-suq tal-kambju</p> <p>(c) Kreditu oħrajn Valur nominali, imsarraf bir-rata tas-suq tal-kambju</p>
2.2	Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self barrani u assi esterni oħrajn	(a) Bilanċi ma' banek barra miż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 1.3 "Assi finanzjarji oħrajn" Kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu fiss, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet repo bil-maqlub	(a) Bilanċi ma' banek barra miż-żona tal-euro Valur nominali, imsarraf bir-rata tas-suq tal-kambju

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
		<p>(b) Investimenti f'titoli barra miż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn" Noti u bonds, kambjali, bonds żero, titoli tas-suq tal-flus, ishma azzjonarji, fondi ta' investiment miżmuma bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti barra miż-żona tal-euro</p> <p>(c) Self barrani (depożiti) lil residenti barra miż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</p> <p>(d) Assi barranin oħrajn Karti tal-flus u muniti mhux fiż-żona tal-euro</p>	<p>(b) (i) <i>Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmuma sal-maturità</i> Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) <i>Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità</i> Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli ta' dejn mhux negozjabbli</i> Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iv) <i>Ishma azzjonarji negozjabbli</i> Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju</p> <p>(v) <i>Fondi ta' investiment negozjabbli</i> Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju</p> <p>(c) Self barrani Depożiti skont il-valur nominali, imsarrfa bir-rata tas-suq tal-kambju</p> <p>(d) Assi barranin oħrajn Valur nominali, imsarraf bir-rata tas-suq tal-kambju</p>
3	Krediti kontra residenti fiż-żona tal-euro ddenominati f'munita barranija	<p>(a) Investimenti f'titoli fiż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħra" Noti u bonds, kambjali, bonds żero, titoli tas-suq tal-flus, ishma azzjonarji miżmumin bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti taż-żona tal-euro</p>	<p>(a) (i) <i>Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmuma sal-maturità</i> Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) <i>Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità</i> Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) <i>Titoli ta' dejn mhux negozjabbli</i> Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iv) <i>Ishma azzjonarji negozjabbli</i> Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju</p> <p>(v) <i>Fondi ta' investiment negozjabbli</i> Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju</p>

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
		(b) Krediti oħrajn kontra residenti taż-żona euro li mhumiex dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 “Assi finanzjarji oħrajn” Self, depożiti, tranżazzjonijiet repo bil-maqlub, self varju	(b) Krediti oħrajn Depożiti u self ieħor skont il-valur nominali, maqlubin bir-rata tas-suq tal-kambju
4	Krediti kontra residenti minn barra miż-żona tal-euro ddenominati f'euro		
4.1	Bilanċi ma' banek, investimenti f'titoli u self	<p>(a) Bilanċi ma' banek barra miż-żona tal-euro li mhumiex dawk li jaqgħu taħt il-partita tal-assi nru.11.3 “Assi finanzjarji oħrajn” Kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu fiss, flus minn jum għal jum, transazzjonijiet repo bil-maqlub b'rabta mal-ġestjoni ta' titoli ddenominati f'euro</p> <p>(b) Investimenti f'titoli barra miż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 “Assi finanzjarji oħrajn” Ishma azzjonarji, fondi ta' investiment, noti u bonds, kambjali, bonds żero, titoli tas-suq tal-flus, kollha maħruġin minn residenti mhux fiż-żona tal-euro</p> <p>(c) Self lil residenti mhux fiż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 “Assi finanzjarji oħrajn”</p> <p>(d) Titoli maħruġin minn entitajiet barra miż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 “Assi finanzjarji oħrajn” u l-partita tal-assi 7.1 “Titoli miżmuma għall-finijiet tal-politika monetarja” Titoli maħruġin minn organizzazzjonijiet sovranażżjonali jew internazzjonali, eż. il-Bank Ewropew tal-Investment, irrISPettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom, u mhux mixtrija għal finijiet tal-politika monetarja</p>	<p>(a) Bilanċi ma' banek barra miż-żona tal-euro Valur nominali</p> <p>(b) (i) <i>Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmuma sal-maturità</i> Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (ii) <i>Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità</i> Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (iii) <i>Titoli ta' dejn mhux negozjabbli</i> Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (iv) <i>Ishma azzjonarji negozjabbli</i> Prezz tas-suq (v) <i>Fondi ta' investiment negozjabbli</i> Prezz tas-suq</p> <p>(c) Self barra miż-żona tal-euro Depożiti skont il-valur nominali</p> <p>(d) (i) <i>Titoli ta' dejn egozjabbli minbarra dawk miżmuma sal-maturità</i> Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (ii) <i>Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità</i> Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (iii) <i>Titoli ta' dejn mhux negozjabbli</i> Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p>

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
4.2	Krediti li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt il-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju (ERM II)	Self skont il-kundizzjonijiet tal-ERM II	Valur nominali
5	Self lill-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro	Partiti 5.1 sa 5.5: tranżazzjonijiet skont l-instrumenti rispettivi tal-politika monetarja deskritti fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) (*)	
5.1	Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal	Tranżazzjonijiet bil-maqlub regolari li jipprovdu likwidità bi frekwenza ta' kull xahar, u b'maturità itwal minn dik ta' operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament	Valur nominali jew kost repo
5.2	Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin	Tranżazzjonijiet bil-maqlub regolari li jipprovdu l-likwidità ta' kull ġimgħa u li normalment għandhom maturità ta' ġimgħa.	Valur nominali jew kost repo
5.3	Operazzjonijiet ta' kalibrizzjoni bil-maqlub	Tranżazzjonijiet bil-maqlub, eżegwiti bħala tranżazzjonijiet <i>ad hoc</i> għal finijiet ta' kalibrizzjoni	Valur nominali jew kost repo
5.4	Operazzjonijiet strutturali bil-maqlub	Tranżazzjonijiet bil-maqlub li jaġġustaw il-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju	Valur nominali jew kost repo
5.5	Faċilità ta' self marġinali	Faċilità ta' likwidità mil-lejl għan-nhar b'rata ta' imgħax fuq assi eliġibbli speċifikata minn qabel (faċilità permanenti)	Valur nominali jew kost repo
5.6	Krediti relatati ma' sejħiet marġinali	Kreditu addizzjonali lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżulta minn żidiet fil-valur tal-assi sottostanti fir-rigward ta' kreditu ieħor lil dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu	Valur nominali jew kost
6	Krediti oħra kontra istituzzjonijiet ta' kreditu denominati f'euro	Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet repo bil-maqlub b'rabta mal-amministrazzjoni ta' portafolji ta' titoli taħt il-partita 7 tal-attiv "Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro ddenominati f'euro", inklużi tranżazzjonijiet li jirriżultaw mit-trasformazzjoni tar-riżervi ta' qabel ta' valuta barranija taż-żona tal-euro u krediti oħrajn. Kontijiet korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux domestiċi fiż-żona tal-euro. Krediti u operazzjonijiet oħrajn mhux relatati ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.	Valur nominali jew kost

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
7	Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro ddenominati f'euro		
7.1	Titoli miżmumin għal finijiet tal-politika monetarja	Titoli miżmuma għal finijiet tal-politika monetarja (inklużi titoli mixtrija għal finijiet tal-politika monetarja maħruġa minn organizzazzjonijiet sovranażżjonali u internazzjonali, jew banek tal-iżvilupp multilaterali, irrISPettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom). Ċertifikati ta' dejn tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) mixtrijin għal finijiet ta' kalibrazzjoni	(a) Titoli negozjabbli ta' dejn Kontabilizzati skont konsiderazzjonijiet tal-politika monetarja: (i) Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (ii) Kost suġġett għall-indeboliment (kost meta l-indeboliment huwa kopert minn provvedimenti taħt il-partita tal-obbligazzjonijiet nru. 13(b) "Provvedimenti") Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (b) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat
7.2	Titoli oħra	Titoli minbarra dawk taħt il-partita tal-attiv 7.1 "Titoli miżmumin għal finijiet tal-politika monetarja" u taħt il-partita tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"; karti tal-flus u bonds, kambjali, bonds żero, strumenti tas-suq tal-flus miżmumin għal kollox, inklużi titoli tal-gvern li jirriżultaw minn qabel l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), iddenominati f'euro. Isha azzjonarji u fondi ta' investiment	(a) Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (b) Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (c) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (d) Ishma azzjonarji negozjabbli Prezz tas-suq (e) Fondi ta' investiment negozjabbli Prezz tas-suq
8	Dejn tal-gvern ġenerali ddenominat f'euro	Pretensjonijiet kontra l-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UEM (titoli mhux negozjabbli, self)	Depożiti/self bil-valur nominali, titoli mhux negozjabbli skont il-kost
9	Kreditu Intra-Eurosistema		
9.1	Kreditu marbutin mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE	Pretensjonijiet intra-Eurosistema fil-konfront ta' banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), li jirriżultaw mill-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE	Kost
9.2	Kreditu marbutin mal-allokkazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema	Pretensjonijiet marbutin mal-ħruġ ta' karti tal-flus mill-BĊE, skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tal-Bank Ċentrali Ewropew (**)	Valur nominali

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
9.3	Kreditu oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (nett)	<p>Pożizzjoni netta tas-subpartiti li ġejjin:</p> <p>(a) pretensjonijiet netti li jirriżultaw mill-bilanċi tal-kontijiet TARGET2 u kontijiet korrispondenti tal-BĊNi, jiġifieri ċ-ċifra netta tal-pretensjonijiet u l-obbligazzjonijiet. Ara wkoll il-partita tal-obbligazzjonijiet 10.2 "Obbligazzjonijiet oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (netti)"</p> <p>(b) kreditu oħrajn intra-Eurosistema ddenominati f'euro li jistgħu jirriżultaw, inkluża d-distribuzzjoni proviżorja tad-dħul tal-BĊE lill-BĊNi</p>	<p>(a) Valur nominali</p> <p>(b) Valur nominali</p>
10	Partiti fil-proċess li jiġu saldati	Bilanċi fil-kont tas-saldu (kreditu), inkluż iċ-ċaqliq taċ-ċekkijiet li qed jinġabru	Valur nominali
11	Assi oħrajn		
11.1	Muniti taż-żona tal-euro	Muniti Euro	Valur nominali
11.2	Assi fissi tanġibbli u intanġibbli	Art u bini, għamara u tagħmir inkluż tagħmir tal-kompjuter, softwer	<p>Kost wara d-deprezzament</p> <p>Id-deprezzament huwa l-allokkazzjoni sistematika tal-ammont deprezzabbli ta' assi fuq il-perijodu ta' utilità tiegħu. Il-perijodu ta' utilità huwa l-perijodu li matulu assi fissi huma mistennija li jkunu jistgħu jintużaw mill-entità. Il-perijodi ta' utilità ta' assi fissi materjali individwali jistgħu jiġu reveduti fuq bażi sistematika, jekk l-aspettattivi jkunu differenti mill-istimi preċedenti. L-assi ewlenin jistgħu jinkludu komponenti b'perijodi ta' utilità differenti. Il-perijodi ta' utilità ta' dawn il-komponenti għandhom ikunu vvalutati individwalment.</p> <p>Il-kost tal-assi intanġibbli jinkludi l-kost għall-akkwist tal-assi mhux tanġibbli. Spejjeż oħrajn diretti jew indiretti għandhom jiġu inklużi Kapitalizzazzjoni tan-nefqa: ibbażata fuq il-limitu (taħt EUR 10 000 eskluża l-VAT; mingħajr kapitalizzazzjoni)</p>
11.3	Assi finanzjarji oħrajn	<ul style="list-style-type: none"> — Interessi parteċipanti u investimenti f'sussidjarji, f'ishma ta' ekwità u ffondi ta' investiment miżmuma għal raġunijiet strateġiċi/ta' politika — Titoli inklużi ishma azzjonarji, u strumenti finanzjarji u bilanċi oħrajn inklużi d-depożiti għal terminu fiss u kontijiet kurrenti miżmumin bħala portafoll immarkat — Tranżazzjonijiet repo bil-maqlub ma' istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mal-ġestjoni ta' portafolji ta' titoli taħt din il-partita tal-attiv 	<p>(a) Ishma azzjonarji negozjabbli Prezz tas-suq</p> <p>(b) Fondi ta' investiment negozjabbli Prezz tas-suq</p> <p>(c) Interessi parteċipanti u ishma azzjonarji mhux likwidi, u kwalunkwe strumenti ta' ishma azzjonarji oħrajn miżmuma bħala investimenti permanenti Kost suġġett għal indeboliment</p> <p>(d) Investiment f'sussidjarji jew interessi sinifikanti Valur tal-assi nett</p> <p>(e) Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità Primjums/skontijiet fuq il-prezz tas-suq huma amortizzati</p>

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
		— Tranżazzjonijiet repo bil-maqlub iddenominati f'euro ma' istituzzjonijiet finanzjarji taż-żona tal-euro minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mal-ġestjoni ta' portafolji ta' titoli minbarra dawk miżmuma taħt din il-partita	(f) Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità jew miżmumin bħala investment permanenti Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (g) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli Kost suġġett għal indeboliment (h) Bilanċi ma' banek u self Valur nominali, imsarraf bir-rata tas-suq tal-kambju jekk il-bilanċi/id-depożiti huma ddenominati f'valuti barranin
11.4	Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ	Riżultati tal-valutazzjoni ta' forwards ta' valuta barranija, swaps ta' valuta barranija, swaps tar-rata tal-imgħax (sakemm ma tapplikax il-marġni ta' varjazzjoni ta' kuljum), ftehim forward tar-rata, tranżazzjonijiet forward f'titoli, tranżazzjonijiet spot tal-kambju mid-data tan-negozju sad-data tas-saldu	Il-pożizzjoni netta bejn forward u spot, skont ir-rata tas-suq tal-kambju
11.5	Dovuti u spejjeż imħallsin minn qabel	Dħul mhux dovut, imma assenjabbli għall-perijodu rrapportat. Nefqa mħallsa minn qabel u imgħax akkumulat imħallas, jiġifieri imgħax akkumulat mixtri b'titolu	Valur nominali, valuta barranija msarrfa bir-rata tas-suq
11.6	Varji	(a) Avvanzi, self u partiti minuri oħra. Self mogħti fuq bażi ta' fiduċja (b) Investimenti relatati ma' depożiti ta' deheb tal-klijent (c) Assi ta' pensjonijiet netti (d) Pretensjonijiet pendenti li jirriżultaw mill-inadempjenza tal-kontropartijiet tal-Eurosistema fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema (e) Assi jew pretensjonijiet (fil-konfront ta' terzi) approprijati u/jew akkwistati fil-kuntest tar-realizzazzjoni tal-kollateral ippreżentat mill-kontropartijiet tal-Eurosistema li huma inadempjenti	(a) Valur nominali jew kost (b) Valur tas-suq (c) Skont l-Artikolu 25(2) (d) Valur nominali/li jista' jiġi rkuprat (qabel/wara s-saldu tat-telf) (e) Kost (imsarraf bir-rata tas-suq tal-kambju fil-ħin tal-akkwist jekk l-assi finanzjarji jkuni ddenominati f'valuti barranin)
12	Telf għas-sena		Valur nominali

(*) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

(**) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro (ĠU L 35, 9.2.2011, p. 26).

OBBLIGAZZJONIJIET

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
1	Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni	Karti tal-flus euro maħruġin mill-BĊE, skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/29	Valur nominali
2	Obbligazzjonijiet lejn istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro marbutin ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominati f'euro	Partiti 2.1, 2.2, 2.3 u 2.5: depożiti f'euro kif deskritti fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60)	
2.1	Kontijiet kurrenti (li jkopru s-sistema ta' riżervi minimi)	Kontijiet iddenominati f'euro ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li huma inklużi fil-lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji soġġetti għal riżervi minimi skont l-Istatut tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-"Istatut tas-SEBĊ"). Din il-partita tinkludi primarjament kontijiet użati sabiex jinżammu riżervi minimi	Valur nominali
2.2	Faċilità ta' depożitu	Depożiti mil-lejl għan-nhar b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel (faċilità permanenti)	Valur nominali
2.3	Depożiti b'terminu fiss	Ġbir għall-finijiet ta' assorbiment tal-likwidità minħabba operazzjonijiet ta' kalibrizzjoni	Valur nominali
2.4	Operazzjonijiet ta' kalibrizzjoni bil-maqlub	Tranżazzjonijiet b'rabta mal-politika monetarja bil-għan li jkun hemm assorbiment ta' likwidità	Valur nominali jew kost repo
2.5	Depożiti relatati ma' sejħiet marġinali	Depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżultaw minn tnaqqis fil-valur ta' assi sottostanti fil-konfront ta' krediti lejn dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu	Valur nominali
3	Obbligazzjonijiet oħrajn għal istituzzjonijiet ta' kreditu oħra taż-żona tal-euro ddenominati f'euro	Tranżazzjonijiet repo konnessi ma' tranżazzjonijiet repo bil-maqlub simultanji għall-ġestjoni ta' portafolji ta' titoli taħt il-partita tal-attiv nru 7 "Titoli ta' residenti fiż-żona tal-euro ddenominati f'euro". Operazzjonijiet oħrajn mhux relatati mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. Ebda kontijiet kurrenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu	Valur nominali jew kost repo
4	Ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊE	Ċertifikati ta' dejn kif deskritt fl-Anness fil-Linja Gwida (UE) (BĊE/2014/60). Karta ta' skont, maħruġa bil-għan li jkun hemm assorbiment ta' likwidata	Kost Kull skont huwa ammortizzat
5	Obbligazzjonijiet fil-konfront ta' residenti oħra taż-żona tal-euro ddenominati f'euro		
5.1	Gvern ġenerali	Kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu fiss, depożiti ripagabbli fuq talba	Valur nominali

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
5.2	Obbligazzjonijiet oħrajn	Kontijiet kurrenti ta' persunal, kumpaniji u klijenti inklużi istituzzjonijiet finanzjarji elenkati bħala eżenti mill-obbligu li jżommu riżervi minimi (ara l-partita tal-obbligazzjonijiet 2.1); tranżazzjonijiet repo ma' istituzzjonijiet finanzjarji minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu għall-ġestjoni ta' titoli minbarra dawk taħt il-partita tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"; depożiti għal terminu fiss, depożiti ripagabbli fuq talba	Valur nominali
6	Obbligazzjonijiet fil-konfront ta' residenti mhux fiż-żona tal-euro ddenominati f'euro	Kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu fiss, depożiti ripagabbli fuq talba inklużi kontijiet miżmumin għal finijiet ta' ħlas u kontijiet miżmumin għal finijiet ta' ġestjoni tar-riżervi: ta' banek oħrajn, banek ċentrali, istituzzjonijiet internazzjonali/sovrannazzjonali inkluża l-Kummissjoni Ewropea; kontijiet kurrenti ta' depożitanti oħra. Tranżazzjonijiet repo għall-ġestjoni ta' titoli ddenominati f'euro. Bilanċi ta' kontijiet TARGET2 tal-banek ċentrali ta' Stati Membri li l-valuta tagħhom mhijiex l-euro	Valur nominali jew kost repo
7	Obbligazzjonijiet fil-konfront ta' residenti fiż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija	Kontijiet kurrenti Obbligazzjonijiet taħt tranżazzjonijiet repo; normalment tranżazzjonijiet ta' investment permezz ta' assi f'valuta barranija jew deheb	Valur nominali, imsarraff bir-rata tas-suq tal-kambju fi tmiem is-sena
8	Obbligazzjonijiet fil-konfront ta' residenti barra miż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija		
8.1	Depożiti, bilanċi u obbligazzjonijiet oħrajn	Kontijiet kurrenti. Obbligazzjonijiet taħt tranżazzjonijiet repo; normalment tranżazzjonijiet ta' investment permezz ta' assi f'valuta barranija jew deheb	Valur nominali, imsarraff bir-rata tas-suq tal-kambju fi tmiem is-sena
8.2	Obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt ERM II	Self skont il-kundizzjonijiet tal-ERM II	Valur nominali, imsarraff bir-rata tas-suq tal-kambju fi tmiem is-sena
9	Il-kontroparti ta' drittijiet speċjali ta' kreditu allokati mill-IMF	Element iddenominat bħala SDR li juri l-ammont ta' SDRs li kienu oriġinalment allokati lil kull pajjiż/BĊN rispettiv	Valur nominali, imsarraff bir-rata tas-suq tal-kambju fi tmiem is-sena
10	Obbligazzjonijiet intra-Eurosistema		
10.1	Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin	Element fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE, iddenominat f'euro	Valur nominali
10.2	Obbligazzjonijiet oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (netti)	Pożizzjoni netta tas-subpartiti li ġejjin: (a) obbligazzjonijiet netti li jirriżultaw mil-bilanċi tal-kontijiet TARGET2 u kontijiet korrispondenti tal-BĊNi, jiġifieri ċ-ċifra netta tal-kreditu u l-obbligazzjonijiet. Ara wkoll il-partita tal-attiv 9.3 "Kreditu oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (netti)"	(a) Valur nominali

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
		(b) obbligazzjonijiet oħrajn intra-Eurosistema ddenominati f'euro li jistgħu jirriżultaw, inkluża d-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-BĊE lill-BĊNi	(b) Valur nominali
11	Partiti fil-proċess li jġu saldati	Bilanċi fil-kont tas-saldu (obbligazzjonijiet), inkluż iċ-ċaqliq ta' trasferimenti giro	Valur nominali
12	Obbligazzjonijiet oħrajn		
12.1	Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ	Riżultati tal-valutazzjoni ta' forwards ta' valuta barranija, swaps ta' valuta barranija, swaps tar-rata tal-imgħax (sakemm ma tapplikax il-marġni ta' varjazzjoni ta' kuljum), ftehim forward tar-rata, tranżazzjonijiet forward f'titoli, tranżazzjonijiet spot tal-kambju mid-data tan-negozju sad-data tas-saldu	Il-pożizzjoni netta bejn forward u spot, skont ir-rata tas-suq tal-kambju
12.2	Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem	Nefqa li ssir dovuta f'perjodu fil-futur imma marbuta mal-perjodu ta' rapportar. Dħul riċevut fil-perjodu rrapportat imma marbut ma' perjodu futur	Valur nominali, valuta barranija msarrfa bir-rata tas-suq
12.3	Varji	(a) Kontijiet sospiżi għat-taxxa Kreditu f'valuta barranija jew kontijiet li jkopru l-garanzija. Tranżazzjonijiet repo ma' istituzzjonijiet finanzjarji għall-ġestjoni ta' portafolji ta' titoli taħt il-partita tal-attiv 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn". Depożiti obbligatorji li mhumiex depożiti ta' riżerva. Partiti minuri oħrajn. Obbligazzjonijiet fuq bażi fiduċjarja. (b) Depożiti tad-deheb tal-konsumatur (c) Obbligazzjonijiet tal-pensjoni netti	(a) Valur nominali jew kost (repo) (b) Valur tas-suq (c) Skont l-Artikolu 25(2)
13	Provvedimenti	(a) Għar-rata tal-kambju, rata ta' imgħax, riskji fil-kreditu u fil-prezz tad-deheb, u għal finijiet oħra, eż. spejjeż mistennija fil-futur u kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ għal dak li jirrigwarda banek ċentrali ta' Stati Membri li d-derogi tagħhom ġew abrogati. (b) Għal riskji tal-kontroparti jew tal-kreditu li jirriżultaw minn operazzjonijiet tal-politika monetarja	(a) Kost/valur nominali (b) Valur nominali (ibbażat fuq valutazzjoni fi tmiem is-sena mill-Kunsill Governattiv)
14	Kontijiet ta' rivalutazzjoni	(a) Kontijiet ta' rivalutazzjoni marbutin ma' movimenti fil-prezz tad-deheb, għal kull tip ta' titoli ddenominati f'euro, għal kull tip ta' titoli ddenominati f'valuta barranija, għal opzjonijiet; differenzi fil-valutazzjoni tas-suq marbutin ma' derivattivi tar-rata ta' imgħax; kontijiet ta' rivalutazzjoni marbutin ma' ċaqliq fir-rata tal-kambju għal kull pożizzjoni netta ta' valuta barranija, inklużi swaps/forwards ta' kambju u SDRs Kontijiet speċjali ta' rivalutazzjoni li joriġinaw minn kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ fil-rigward ta' banek ċentrali ta' Stati Membri li d-derogi tagħhom ġew abrogati. Ara l-Artikolu 14(2)	(a) Differenza fir-rivalutazzjoni bejn il-kost medju u l-valur tas-suq, bil-kambju imsarraf bir-rata tas-suq

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
		(b) Ir-riżultati tal-kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni ta' benefiċċju definit nett (attiv) fir-rigward ta' benefiċċji ta' wara l-impjeg, li hija l-pożizzjoni netta tas-subpartiti li ġejjin: (i) Qligħ u telf attwarjali fil-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju ddefinit; (ii) Ir-redditu fuq l-assi tal-pjan, esklużi l-ammonti inklużi fl-imgħax nett fuq obbligazzjoni ta' benefiċċju ddefinita netta (attiv); (iii) Kull tibdil fl-effett tal-massimu tal-attiv, esklużi l-ammonti inklużi fl-imgħax nett fuq l-obbligazzjoni ta' benefiċċju ddefinit nett (attiv)	(b) Skont l-Artikolu 25(2)
15	Kapital u riżervi		
15.1	Kapital	Kapital imħallas	Valur nominali
15.2	Riżervi	Riżervi legali, skont l-Artikolu 33 tal-Istatut tas-SEBĊ u kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ fir-rigward ta' banek ċentrali ta' Stati Membri li d-derogi tagħhom ġew abrogati	Valur nominali
16	Profitt għas-sena		Valur nominali'

ANNEX II

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/2247 (BĊE/2016/35) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

'ANNEX III

KONT TAL-QLIGĦ U T-TELF IPPUBBLIKAT TAL-BĊE(EUR miljun ⁽¹⁾)

Kont tal-qligħ u t-telf għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru...		Rapportar sena	Sena preċedenti sena
1.1.1.	Dħul minn imgħax fuq assi ta' riżervi barranin		
1.1.2.	Dħul minn imgħax li jirriżulta mill-allokkazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema		
1.1.3.	Dħul ieħor minn imgħax		
1.1.	Introjt minn imgħax		
1.2.1.	Remunerazzjoni għal krediti tal-BĊNi fir-rigward ta' riżervi barranin ittrasferiti		
1.2.2.	Spejjeż oħra ta' imgħax		
1.2.	Spejjeż ta' imgħax		
1	Dħul nett mill-imgħax		
2.1.	Qligħ/telf irrealizzat li jirriżulta minn operazzjonijiet finanzjarji		
2.2.	Tnaqqis fil-valur ta' assi u pożizzjonijiet finanzjarji		
2.3.	Trasferiment lejn/minn dispozzjonijiet għal riskji finanzjarji		
2	Riżultat nett ta' operazzjonijiet finanzjarji, tnaqqis fil-valur u provvedimenti għal riskji		
3.1.	Miżati u dħul minn kummissjonijiet		
3.2.	Miżati u spejjeż ta' kummissjonijiet		
3	Dħul/prezz nett ta' miżati u kummissjonijiet ⁽²⁾		
4	Dħul minn ishma azzjonarji u interessi parteċipatorji		
5	Dħul ieħor		
Dħul totali nett			
6	Spejjeż tal-persunal ⁽³⁾		
7	Spejjeż amministrattivi ⁽³⁾		

(EUR miljun ⁽¹⁾)

Kont tal-qligħ u t-telf għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru...		Rapportar sena	Sena preċedenti sena
8	Deprezzament ta' assi fissi tanġibbli u mhux tanġibbli		
9	Servizzi ta' produzzjoni ta' karti tal-flus ⁽⁴⁾		
10	Spejjeż oħra		
(Telf)/qligħ għas-sena'			

⁽¹⁾ Alternattivament il-BĊE jista' jippubblika l-ammonti eżatti f'euro, jew ammonti mqarrba b'mod differenti

⁽²⁾ It-tqassim bejn dħul u spejjeż jista' jkun ipprovdut alternattivament fin-noti spjegattivi tal-kontijiet annwali.

⁽³⁾ Dan jinkludi provvedimenti amministrattivi.

⁽⁴⁾ Din il-partita tintuża fil-każ ta' produzzjoni esternalizzata tal-karti tal-flus (għall-kost tas-servizzi pprovduti mill-kumpaniji esterni responsabbli mill-produzzjoni f'isem il-banek ċentrali). Huwa rrakkomandat li l-kosti mġarrba b'rabta mal-ħruġ tal-karti tal-flus tal-euro għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf hekk kif tinħareġ fattura għalihom jew meta jiġu mġarrba mod ieħor, ara wkoll il-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

DEĊIŻJONI (UE) 2019/2216 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-28 ta' Novembru 2019****li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/298 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/36)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/35) ⁽¹⁾ tirreferi għall-istabbiliment ta' provvediment għal riskji finanzjarji fil-karta tal-bilanċ tal-Bank Ċentrali Ewropew. Jeħtieġ li ssir referenza għal din id-dispożizzjoni għal riskji finanzjarji fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/298 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/57) ⁽²⁾.
- (2) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2015/298 (BĊE/2014/57) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emenda**

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/298 (BĊE/2014/57) huwa mibdul b'dan li ġej:

"B'deroga mill-Artikolu 2, il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja jekk id-dħul kollu tal-BĊE, jew parti minnu, li jissemma f'dak l-Artikolu għandux jinżamm sal-punt meħtieġ biex jiġi żgurat li l-ammont tad-dħul imqassam ma jaqbix il-profitt nett tal-BĊE għal dik is-sena. Kull deċiżjoni ta' dan it-tip għandha tittieħed meta, fuq il-bażi ta' stima mmotivata mħejjija mill-Bord Eżekuttiv, il-Kunsill Governattiv ikun jistenna li l-BĊE ser ikollu telf ġenerali annwali jew ser jagħmel profitt nett annwali li jkun inqas mill-ammont stmat tad-dħul tiegħu msemmi fl-Artikolu 2. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja li jittrasferixxi d-dħul kollu tal-BĊE li jissemma f'dak l-Artikolu, jew parti minnu, lejn provvediment għal riskji finanzjarji."

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2019.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Novembru 2019.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 2016 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/35) (ĠU L 347, 20.12.2016, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/298 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/57) (ĠU L 53, 25.2.2015, p. 24).

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA (UE) 2019/2217 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-28 ta' Novembru 2019

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2016/2249 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rapportar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (BĊE/2019/34)

Il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 12.1, 14.3 u 26.4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribut tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) skont it-tieni u t-tielet inċiżi tal-Artikolu 46.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Linja Gwida (UE) 2016/2249 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/34) ⁽¹⁾ tistabbilixxi r-regoli għall-istandardizzar tal-kontabilità u r-rapportar finanzjarju ta' operazzjonijiet imwettqa mill-banek ċentrali nazzjonali.
- (2) Hija meħtieġa kjarifika tal-Anness IV għal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) fir-rigward tar-rapportar finanzjarju ta' titoli marbuta ma' indiċi li għalihom huwa inkluż komponent ta' indiċjar fil-valur kontabilistiku fl-aħħar tliet xhur tas-sena u fi tmiem is-sena, ir-rapportar ta' operazzjonijiet bil-maqlub ma' istituzzjonijiet finanzjarji għajr istituzzjonijiet ta' kreditu u fil-kuntest tal-prinċipju ta' valutazzjoni użat għal provvedimenti relatati mal-pensjonijiet.
- (3) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-provvediment li l-BĊNi jistgħu jistabilixxu skont l-Artikolu 8 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) għandu jiġi estiż biex ikopri r-riskji finanzjarji kollha.
- (4) Il-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) teħtieġ li tistabbilixxi regoli ta' valutazzjoni għal fondi ta' investiment negozjabbli li huma distinti minn dawk applikabbli għal ishma azzjonarji negozjabbli.
- (5) Ir-rapportar finanzjarju tat-tranżazzjonijiet ma' kontrapartijiet li jirċievu assistenza ta' likwidita ta' emerġenza fil-forma ta' self kollateralizzat għandu jiġi ċċarat billi ssir referenza espliċita għal dawn l-operazzjonijiet fl-Anness IV għal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).
- (6) Għalhekk, il-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 5(4) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

'4. Bl-eċċezzjoni tal-aġġustamenti tal-kontabilità ta' tmiem it-trimestru u ta' tmiem is-sena u tal-partiti żvelati taħt "Assi oħrajn" u "Passiv ieħor", l-ammonti ppreżentati bħala parti mir-rapportar finanzjarju ta' kuljum għall-finijiet ta' rapportar finanzjarju tal-Eurosistema għandhom juru biss iċ-ċaqliq tal-flus kontanti fil-partiti tal-karta tal-bilanċ. Fi tmiem it-trimestru u fi tmiem is-sena, l-amortizzazzjoni u kwalunkwe ammont ta' indiċjar li jirriżulta fuq bonds marbuta ma' indiċi għandhom ikunu inklużi wkoll fil-valur kontabilistiku tat-titoli.';

⁽¹⁾ Linja Gwida (UE) 2016/2249 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 2016 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rapportar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (BĊE/2016/34) (ĠU L 347, 20.12.2016, p. 37).

2. L-Artikolu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 8

Provvedimenti għal riskji finanzjarji

Meta wieħed iqis in-natura tal-attivitajiet tal-BĊNi, BĊN jista' jistabbilixxi provvediment għal riskji finanzjarji fil-karta tal-bilanċ tiegħu. Il-BĊN għandu jiddeċiedi dwar id-daqs u l-użu tal-provvediment fuq il-bażi ta' stima mmotivata tal-iskopertura għar-riskju tal-BĊN.';

3. L-Artikolu 11 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 11

Ishma azzjonarji negozjabbli

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal ishma azzjonarji negozjabbli, kemm jekk it-transazzjonijiet jitwettqu minn entità ta' rapportar jew mill-aġent tagħha, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet imwettqa għal interessi parteċipanti, investimenti fsussidjarji jew interessi sinifikanti.

2. Ishma azzjonarji negozjabbli ddenominati f'valuti barranin u żvelati taħt 'Assi oħrajn' m'għandhomx jiffurmaw parti mill-pożizzjoni sħiħa tal-valuta imma għandhom ikunu parti minn holding f'valuta separata. Il-kalkolu tal-qligħ u t-telf mill-kambju relatati jista' jitwettaq jew bil-metodu tal-kost medju nett jew bil-metodu tal-kost medju.

3. Ir-rivalutazzjoni ta' portafolji ta' ishma azzjonarji negozjabbli għandha titwettaq skont l-Artikolu 9(3). Ma għandu jkun hemm ebda nnettjar bejn strumenti ta' ishma azzjonarji differenti.

4. It-tranżazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati fil-karta tal-bilanċ skont il-prezz tat-tranżazzjoni.

5. Il-kummissjoni tas-senserija tista' tiġi rreġistrata kemm bħala kost tat-tranżazzjoni li għandu jiġi inkluż fil-prezz tal-assi, jew bħala spiża fil-kont tal-qligħ u t-telf.

6. L-ammont tad-dividend mixtri għandu jkun inkluż fil-kost tal-ishma azzjonarji negozjabbli. Fid-data ex-dividend, l-ammont tad-dividend mixtri jista' jiġi ttrattat bħala partita separata sakemm jiġi rċevut il-ħlas tad-dividend.

7. Akkumulazzjonijiet fuq dividends m'għandhomx jiġu rreġistrati fi tmiem il-perijodu billi huma diġà riflessi fil-prezz tas-suq tal-ishma azzjonarji bl-eċċezzjoni tal-ishma azzjonarji kkwotati ex-dividend.

8. Il-ħruġ ta' ishma għandu jiġi ttrattat bħala assi separat meta jinħareġ. Il-kost tal-akkwist għandu jiġi kkalkulat skont il-kost medju eżistenti tal-ishma azzjonarji, skont il-prezz strike tal-akkwist il-ġdid, u skont il-proporzjon bejn ishma azzjonarji eżistenti u dawk ġodda. Alternattivament, il-prezz tad-dritt jista' jkun ibbażat fuq il-valur fis-suq tad-dritt, il-kost medju eżistenti tal-ishma azzjonarji u l-prezz tas-suq tal-ishma azzjonarji qabel il-ħruġ tad-dritt.';

4. L-Artikolu 11a li ġej huwa miżjud:

'Artikolu 11a

Fondi ta' investment negozjabbli

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal fondi ta' investment negozjabbli li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- (a) huma akkwistati għal skopijiet ta' investment biss mingħajr ebda influwenza fuq deċiżjonijiet ta' kuljum ta' xiri u bejgħ;
- (b) l-istrateġija ta' investment u l-mandat tal-fond ikunu ġew iddeterminati minn qabel u tkun saret dispożizzjoni kuntrattwali għat-termini u l-kundizzjonijiet kollha;
- (c) il-prestazzjoni tal-investment tiġi evalwata bħala investment uniku f'konformità mal-istrateġija ta' investment tal-fond;

- (d) Il-fond huwa entità separata, irrispettivament mill-forma legali tiegħu, u huwa mmaniġġjat indipendentement, inklużi d-deċiżjonijiet ta' investment ta' kuljum.

Soġġett għall-kriterji fil-punti (a) sa (d), dan l-Artikolu jista' japplika wkoll għal fondi ta' benefiċċju fit-tul tal-impjegati sakemm ma jkunx applikabbli qafas ta' kontabilità differenti.

Soġġett għall-kriterji fil-punti (a) sa (c) u skont il-karatteristika kwalitattiva stabbilita fl-Artikolu 3(1), dan l-Artikolu jista' japplika wkoll għal portfolji ta' ishma azzjonarji li ma jkunux enitità ġuridika separata iżda li huma ġestiti esternament u li jirreplikaw b'mod strett il-prestazzjoni ta' fond marbut ma' indiċi. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, portfolji ta' ishma azzjonarji bħal dawn huma meqjusin bħala fondi ta' investment negozjabbli.

